# IL-HAJJA f'Għawdex

€2

Novembru 2011 * LEHEN IL-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 932





Din ir-rivista giet mogħtija minn Joe Scicluna
Mejju 2012
187457


# FOST L-EMIGRANTI FL-AWSTRALJA

**LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS**

# *L-isbaħ 6 kotba mnejn tagħżel biex tgħix il-jiem qaddisa tal-Avvent bi tħejjija spiritwali għall-Milied*




*Meditazzjonijiet qosra ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi għax-xahar ta' Diċembru. Ħareġ fl-2008, paġni 112.*




*Meditazzjonijiet qosra ta' Bennie Mercieca għall-Avvent u Żmien il-Milied. Ħareġ fl-2010, paġni 48.*




*Riflessjonijiet ta' P. Guido Schembri OFM dwar il-Profeziji Messjaniċi. Ħareġ fl-2001, paġni 48.*




*Tagħrif u Tagħlim dwar Betlem minn Mons. Lawrenz Sciberras. Ħareġ fl-1987, paġni 70.*




*Noveni bi tħejjija għall-Milied minn Mons. Lawrenz Sciberras. Ħareġ fl-1994, paġni 166.*




*Ktieb ġdid ta' Katekeżi Biblika għall-Avvent minn Mons. Lawrenz Sciberras. Ħareġ fl-2011, paġni 174.*

***Dawn il-kotba, kif ukoll diversi kotba oħra reliġjużi bil-Malti jew bl-Ingliż u varjetà sabiħa ta' oġġetti, kartolini u rigali għall-Milied, jinkisbu mill-uniku ħanut reliġjuż f'Għawdex:***

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, VICTORIA Tel: 2156 0496**

***Jiftaħ filgħodu biss, mit-Tnejn sas-Sibt, 8.30am - 12.30pm***

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 932*
*Novembru 2011*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 10
Riflessi • 15
Dwar Għawdex fil-Gurnali • 16
Kummentarju (2) • 17
Kummentarju (3) • 18
Attwalità • 20
Ftit Fatti u Kummenti • 22
Kotba minn Għawdex (1) • 24
Kotba minn Għawdex (2) • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**SUPPLIMENT**
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 28
Snajja Qodma (44) • 30
Kummentarju (4) • 32
Kummentarju (5) • 34
Intervista • 36
Passiġġata Biblika (68) • 38
Apprezzament • 39
Għawdex Qabel ir-Ritratti (39) • 40
Għawdex 400 sena ilu (197) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (33) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (32) • 44
Esperjenzi • 46
Tisliba Biblika • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (9) • 50


**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Alvin Scicluna, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Mons. Isqof Mario Grech fiż-żjara pastorali tiegħu fl-Awstralja (ara suppliment)*




# *Ħawwadni Biex Nifhem!*

***Il-politika, kif għallmuna x'uħud fl-imgħoddi qarib u kif oħrajn għadhom jagħtu xhieda llum, hija "servizz". Naturalment "servizz fil-ġustizzja". Jekk ma jingħatax fil-ġustizzja dan is-servizz ikun wieħed imniġġes – għax imqar min jipprattika l-użura jkun jagħti servizz, u hekk ukoll jagħmlu n-nisa tat-triq. Il-politika għandha tkun ukoll "servizz fil-verità" – għaliex inkella tkun servizz ipokrita li ma jkunx denn tal-'onorevoli'.***

*Imma aħna diżgrazzjatament qegħdin ngħixu fl-epoka ta' dak li bl-Ingliż tissejjaħ 'spin', meta stqarrijiet u inizjattivi jingħataw interpretazzjonijiet kif jaqbel lil naħa l-waħda jew lill-oħra. 'Spin' fit-tennis hi laqta tal-ballun li turi direzzjoni b'oħra, kolp li juri falsità, juri direzzjoni li tqarraq b'min qed jirċievi. Hekk ukoll qiegħed kultant jiġrilu l-Għawdxi li jirċievi messaġġi li l-politiċi jwaddbu għalih mill-mezzi ta' komunikazzjoni.*

*Xempju ta' dan kienet il-kwestjoni ta' dan l-aħħar dwar ir-rappreżentanza tal-*Gozo Business Chamber *fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD). Il-Kap tal-Oppożizzjoni qal li l-PL kien ressaq mozzjoni sabiex il-*Gozo Business Chamber *isiru membri tal-MCESD, iżda l-gvern, inklużi t-tliet rappreżentanti Għawdxin tiegħu, kien ivvota kontra. Il-Ministeru għal Għawdex wieġeb li l-gvern ma kienx kontra l-espansjoni tal-MCESD u fil-fatt kien, f'Awwissu 2010, kiteb lill-MCESD biex jissuġġerixxi li l-Gozo Business Chamber issir membru. Il-gvern, skont il-Ministeru, kien emenda mozzjoni parlamentari fuq l-MCESD sempliċiment għaliex kull bidla fil-membership tal-Kunsill kienet teħtieġ il-kunsens tal-imsieħba soċjali diversi. (The Times, 24/10/2011)*

*Xi jiem wara l-PL qal li t-tliet rappreżentanti Għawdxin għandhom jitolbu apoloġija għax kienu qed jiċħdu fatt imniżżel fil-minuti uffiċjali u li l-Ispeaker kien ikkonferma f'ruling li l-mozzjoni tal-Oppożizzjoni ma kinitx għaddiet b'35 vot kontra 34. (The Times, 28/10/2011) Sadattant In-Nazzjon (31/10/2011) sostna b'titlu fit-tieni paġna "Għawdex rappreżentat fil-MCESD… u l-oppożizzjoni ma tindunax."*

*Iċ-ċittadin Għawdxi li jaqra u jsegwi din l-istorja fil-ġurnali titqanqal fih il-mistoqsija ċelebri ta' Pilatu:* ***"U l-verità x'inhi?"***

*Xi ħadd jista' jgħid li jekk wieħed irid jivverifika l-fatt kulma għandu jagħmel hu jaqra bejn il-linji, jitkixxef bl-internet fil-website tal-Parlament u naturalment jiżen l-aġenda tal-mezzi ta' komunikazzjoni li jinterpretaw dak li ġara. Imma kemm huma dawk l-Għawdxin li ser jaslu biex joqogħdu jagħmluha tad-detektiv sabiex isibu min qed jgħid is-sewwa u min qed jinħeba wara l-kliem?! Il-maġġoranza kbira tal-Għawdxin għandhom xogħol aktar interessanti f'hiex jehdew. Il-ħasra hi li fit-taħwid ta' min jgħid mod u min jgħid il-kontra, il-ħsieb kritiku joħroġ tellief u jirbħu l-klixejiet, il-konvenjenza u l-konvenzjoni. Tirbaħ f'kelma waħda l-aljenazzjoni.*

*Il-għan ta' din il-kitba hu biss sabiex juri li l-atteġġament ta' min jipprova jdawwar il-fatti mhux wieħed ta' servizz. Lanqas hu ta' servizz għad-demokrazija li l-istrateġija primarja tal-partiti tkun li jtellfu l-kredibbiltà ta' xulxin. Dawn huma atteġġamenti li jistgħu joħolqu sentimenti ta' anti-politika.*

***Diġà beda jinħass id-deni tal-elezzjoni. Alcide De Gaspari kien jagħmel distinzjoni interessanti : "Il-politiku jaħseb għall-elezzjoni li tmiss; l-istatista jaħseb għall-ġenerazzjoni li tmiss." Ma' "politiku" u "statista" aħna fil-Malti nużaw ukoll il-kelma "politikant", ħafna drabi b'tifsira għal politiku ta' nofs kedda. Mill-kandidati Għawdxin fl-elezzjoni li ġejja min se jidher 'politikant', min 'politiku' u min 'statista'? Imbagħad, u hawn il-bużillis, aħna l-Għawdxin nippreferu li jkollna politikanti, politiċi jew statisti? Għax jista' jkun li dawk li jippruvaw ikunu statisti nirrenduhom, biex jogħġbuna, li jkunu biss politiċi, jekk mhux ukoll politikanti.***

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*miġbura minn Charles Spiteri u Gabriel Gauci*

***100 sena kkonsagrata!***

Nhar is-Sibt 22 ta' Ottubru kien jum speċjali għall-parroċċa ta' Kerċem, hekk kif dan il-jum kien jimmarka il-100 sena minn meta l-Isqof t'Għawdex Mons. Giovanni Maria Camilleri kien ikkonsagra l-knisja parrokkjali fl-1911. Il-bidu ta' din is-sollennità beda mill-Ġimgħa



bl-għasar, u quddiesa bl-omelija minn Mons. Lawrenz Sciberras, bis-sehem tal-Komunità Ewkaristika tal-parroċċa. Matul il-jum kollu tas-Sibt, fil-knisja ta' Kerċem kien hemm ġurnata adorazzjoni li matulha l-abitanti ta' kull triq ġew mistiedna jagħmlu waqtiet ta' talb imqassma skont il-ħin tat-triq tagħhom. Il-mument ewlieni ta' din is-sollennità kien il-pontifikal immexxi mill-Arċisqof Emeritus ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, li beda





fis-6 ta' filgħaxija. Ħadu sehem is-saċerdoti tal-parroċċa, flimkien ma' dawk li b'xi mod jew ieħor jagħtu sehem fil-parroċċa, u għadd sabiħ ta' parruċċani. Fl-omelija li għamel, Mons. Mercieca ħeġġeġ lin-nies ta' Kerċem biex ma jinsewx dawn il-ġrajjiet qaddisa u jirrakkontawhom lil uliedhom biex anki dawn jagħrfu jħobbu u jkunu ddedikati għad-dar ta' Alla. Fl-aħħar tal-quddiesa, il-Kappillan Brian Mejlaq qara messaġġ li l-Isqof Mario Grech bagħat mill-Awstralja għal din l-okkażjoni. Wara l-quddiesa ġiet inawgurata l-mixgħela ġdida tal-koppla li tħallset mill-Kunsill Lokali.

***Festa ta' Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra***

Il-Ħadd 16 ta' Ottubru ġab fi tmiemhom l-jiem tal-festa lil Ġesù Nazzarenu li jsiru fil-knisja ddedikata lilu fix-Xagħra. Fil-jiem ta' qabel kienet issir iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tat-tridu, u l-Ġimgħa 14 t'Ottubru ngħataw



bidu wkoll għall-kwaranturi sollenni li jsiru fil-jiem tal-festa. Is-Sibt saret quddiesa fis-7 ta' filgħaxija mir-rettur tas-seminarju Dun Daniel Xerri fejn l-intenzjoni partikulari kienet it-talb għall-vokazzjonijiet. Il-Ħadd 16 ta' Ottubru, fl-4.30 ta' filgħaxija bdiet konċelebrazzjoni sollenni mmexxija mill-Arċipriet tax-Xagħra Mons. Carmelo Refalo flimkien mal-kapitlu u l-kleru tal-parroċċa. L-omelija saret minn Dun Daniel Xerri. Dritt wara l-quddiesa bdiet ħierġa purċissjoni bis-Sagrament mat-toroq taż-żona, mmexxija mill-Arċipriet Refalo.





***Il-festa ta' San Franġisk t'Assisi fil-Kapuċċini***

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Ottubru, il-Patrijiet Kapuċċini ċċelebraw il-Festa tal-Fundatur tagħhom San Franġisk t'Assisi. Is-saċerdot novell, Patri Karm Aquilina OFM.Cap., *late vocation* mis-Siġġiewi, Malta, mexxa konċelebrazzjoni sollenni mgħejjun mill-Gwardjan Patri Karm Dimech OFM.Cap u Patri Joe Muscat OFM.Cap. Fl-omelija tiegħu, Patri Aquilina semma' l-episodju meta San Franġisk saħansitra neża' ħwejġu biex jinqata' għal kollox mill-ħwejjeġ tad-dinja u jgħix ħajja ta' kontemplazzjoni li twasslu għand Alla. Hu saħaq fuq il-ħtieġa li aħna wkoll inkunu umli quddiem Alla u nimxu fuq il-passi ta' San Franġisk. Iċ-ċerimonja ġiet fi tmiemha bil-Kor 'Fjur t'Assisi' jkanta l-innu tal-Qaddis filwaqt li dawk preżenti jbusu r-relikwa ta' San Franġisk.

Wara l-quddiesa, Patri Aquilina ħareġ fuq iz-zuntier fejn fetaħ kaxxa tal-kartun biex jeħles żewġ ħamimiet bojod, simbolu tal-paċi. Wara, hu bierek il-ħafna annimali u *pets* li t-tfal ħadu bi ħġarhom biex jitbierku f'din l-okkażjoni.

***Patri Piju - il-musical***

F'Għawdex ittella' *musical* ġdid dwar il-qaddis ta' Pietralcina; San Piju. Il-*musical*, sagħtejn u nofs ta' mużika, kant u żfin, ittratta l-istorja ta' dan il-qaddis ta' żmienna bħallikieku qed jirrakkontawha l-anġli. "PATRI PIJU - il-*musical*" ittella' għall-ewwel darba fuq il-palk fl-Oratorju Don Bosco, Għawdex nhar is-Sibt 8 t'Ottubru. Fost il-mistiedna distinti għall-ewwel serata kien hemm il-Prim Ministru u s-Sinjura Gonzi. Il-*musical* reġa' ttella l-Ħadd 16 u s-Sibt 22 t'Ottubru.



*Il-kast ta' madwar 100 persuna li ħadmu f'Patri Piju il-Musical, li ġie esegwit fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat.*

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Il-Bitħa tal-Ġentili"



***Sintesi mill-omelija tal-Isqof Mario Grech waqt quddiesa pontifikali fl-okkażjoni tal-festa f'ġieħ il-Martri San Ġorġ, komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, Victoria - il-Ħadd 17 ta' Lulju 2011***

***Soċjetà multikulturali***

Fir-rigward tat-twemmin, is-soċjetà tagħna m'għadhiex waħda omoġenja. Għax apparti l-preżenża ta' reliġjonijiet differenti, in-Nisrani jrid jitgħallem jgħix mal-"Umanisti" ta' żminijietna – kategorija li fiha tiġbor fost l-oħrajn lil-Lajċisti, il-Liberali u l-Anjostiċi. Dawn huma dawk li, filwaqt li jagħtu importanza lir-raġuni umana, huma magħluqin għat-traxxendent.

***Mid-diffidenza għad-djalogu***

Sfortunatament bejn l-Insara u l-umanisti teżisti ċerta diffidenza u ma japprezzawx lil xulxin! Xi drabi bejnietna tinħoloq ċerta konfrontazzjoni aggressiva fejn jintuża kliem dispreġjattiv u polemikuż! Din l-attitudni ma tagħmel ġieħ lil ħadd u anqas tawgura ftuħ u progress.

Huwa fatt li wara kull xorta ta' twemmin hemm il-bniedem li qed jagħmel mistoqsijiet kbar u tqal! Irrispettivament jekk wieħed ikunx Nisrani, Musulman jew Umanista, il-bniedem qed jagħmel mistoqsijiet kbar u tqal dwar x'sens fiha l-ħajja, x'inhi l-verità, x'inhi l-isfida tal-misteru tal-ħażen, x'inhi l-ġustizzja, dwar il-problema tal-faqar, eċċ. Kemm ir-raġuni kif ukoll il-fidi jgħinuna naslu biex insibu t-tweġibiet għal dawn id-domandi eżistenzjali!

Ir-raġuni għandha potenzjal enormi biex timraħ u tiskopri tweġibiet tajba! Imma billi r-raġuni hija fakultà umana faċli li titgħawweġ taħt il-pretenzjoni tal-interessi tal-individwu jew ta' xi grupp: l-attrattiva ta' x'inhu l-aktar utli kapaċi tissagrifika l-verità! Minħabba r-riskju li r-raġuni kapaċi tfellaq, ir-reliġjon għandha rwol "korrettiv" għax tgħin lill-bniedem juża r-raġuni biex jasal għall-verità.

***Il-kontribut soċjali tar-reliġjon***

Ir-reliġjon mhix problema li s-soċjetà trid issolvi, imma hija fattur li jista' jikkontribwixxi b'mod vitali għad-dibattitu pubbliku fis-soċjetà! Alla mhux ta' dannu għas-soċjetà u anqas mhu ta' tfixkil għall-bniedem! L-ex Prim Ministru Ingliż Tony Blair, li waqqaf il-"*Faith and Globalisation Institute*", jafferma li r-reliġjon hija "kollaboratriċi potenzjali" biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi serji tas-soċjetà! Julia Kristeva, Umanista minn Franza, hija konvinta li l-"umaniżmu sekularizzat" ta' żminijietna, li għandu l-punti dgħajfin tiegħu, jeħtieġlu li jsib rapport ġdid mas-sistemi morali u mal-esperjenza reliġjuża. Għalhekk hija tara l-bżonn li l-Umanisti jkollhom konfront mal-Kattoliċiżmu! Dan kollu joffri sfida kemm lilna l-Insara kif ukoll lil dawk li huma "imbegħdin" mit-twemmin reliġjuż.

***Il-Knisja għandha x'titgħallem***

Jekk illum huwa diffiċli titkellem dwar Alla, daqstant ieħor huwa diffiċli li ma titkellimx dwar Alla! Jekk jitlob sforz biex tipprova l-eżistenza t'Alla, daqstant ieħor trid sforz mhux żgħir biex tiċħad l-eżistenża tiegħu! Ukoll min jistqarr li ma jemminx, ħafna drabi qed ifittex lil Alla li mhux magħruf bħalma kienu jagħmlu l-intellettwali li kienu jiltaqgħu fl-arjopagu ta' Ateni fi żmien San Pawl!

Però ġie li jiġri li aħna l-Kattoliċi nikkontribwixxu mhux ftit biex ħaddieħor jidħollu dubju dwar l-ipotesi t'Alla. Xi drabi d-devjazzjonijiet Kristjani li għandna jirrendu r-reliġjon diżumana! Mhix ir-reliġjon imma huma d-distorsjonijiet reliġjużi, li minnhom sfortunatament għandna diversi, li jfixklu qatiegħ lin-nies! Il-filosofu ateista Rumen Emil Cioran jirrimarka li aħna l-Insara kkunsmajna l-Kristjaniżmu sal-għadma – il-Vanġelu tant ġie spolpat li m'għadux inissel stagħġib u skandlu! U l-filosofu Cacciari jgħid li l-veru theddida għalina l-Insara hija "it-tgħannieqa tal-mewt" li qed nagħmlu mal-ateiżmu prattiku!

Barra minn hekk, kif josserva l-Papa Benedittu XVI fil-ktieb tiegħu "Dawl tad-Dinja" meta jitkellem dwar il-modernità, aħna fil-Knisja nużaw lingwaġġ li ma jiftiehemx mill-ewwel mill-bniedem tal-lum! It-twemmin tagħna fih veritajiet kbar u sbieħ imma mhumiex imfissra b'mod li jifhimhom il-bniedem modern!

***Il-"Bitħa tal-Ġentili"***

Ikkunsidrat li min-natura tiegħu l-bniedem ifittex lil Alla mhux magħruf, il-Papa Benedittu XVI sentejn ilu ġietu l-ispirazzjoni li jwaqqaf "Il-Bitħa tal-Ġentili", fejn dawk li jemmnu jiltaqgħu ma' dawk li huma bla twemmin u, b'rispett lejn l-identità ta' xulxin, flimkien ifittxu dak li huwa sabiħ, veru u tajjeb! Din "il-bitħa tal-Ġentili" kienet parti mit-Tempju ta' Ġerusalemm. Dawk li ma kinux Lhud, għalkemm ma setgħux jidħlu fit-Tempju, setgħu jaslu f'dan l-*atrium* tal-Ġentili u flimkien ma' xi rabbini kienu jiddiskutu temi li jikkorrispondu għal dawk il-mistoqsijiet li hemm fil-qalb ta' kull bniedem. Għal ħafna din il-bitħa kienet isservi ta' "għatba" biex wieħed jidħol fid-dar ta' Alla! Ukoll illum, dan "l-arjopagu ġdid" jista' jkun okkażjoni biex dawk li huma bla Alla jissaħħru wara l-misteru ta' Alla anke qabel ma jkunu jafuh! Fuq kollox il-Kristjaniżmu mhux xi duttrina imma esperjenza personali ta' Ġesù Kristu!

***Evanġelizzazzjoni ġdida***

F'din il-fażi ta' evanġelizzazzjoni ġdida, meta nqis li, kif għidna aktar 'il fuq, madwarna għandna persuni,

fosthom diversi żgħażagħ, b'mentalità "lajka" u "umanista", nipproponi li l-Knisja lokali torganizza din "Il-Bitħa tal-Ġentili" biex hekk toffri l-possibbiltà li dawk kollha ta' rieda tajba, indipendentement mit-twemmin tagħhom, jiltaqgħu biex flimkien ifittxu l-verità. Kemm is-soċjetà lajka għandha x'titgħallem mit-twemmin Nisrani, kif ukoll il-Knisja għandha x'titgħallem mil-lajċità ġusta. F'dan ir-rigward, konxju kemm f'din il-parroċċa ta' San Ġorġ hawn talenti kulturali – il-*Victoria International Arts Festival* huwa prova ta' dan –, nappellalkom biex tgħinuni ħalli bħala djoċesi nkun nista' nagħmel din il-proposta lill-Knisja u lis-soċjetà tagħna.

# Messaġġ għal Jum Għawdex

Il-fatt li qed nikteb dan il-messaġġ minn Melbourne, ma jnaqqasli xejn mill-ispirtu li qed iħeġġeġ lilkom li llum nġbartu biex tiċċelebraw Jum Għawdex! Għax jekk f'din l-okkażjoni, kif huwa xieraq, iċ-Circolo Gozitano jagħti Ġieħ Għawdex lill-individwi Għawdxin li jkunu taw kontribut siewi lil gżiritna, f'dawn il-ftit ġimgħat li ilni l-Awstralja ltqajt ma għadd sabiħ ta' emigranti Għawdxin u meta smajt l-istejjer tagħhom, skoprejt li fosthom hawn min tassew għamel isem mhux biss għalih innifsu imma ukoll għal Għawdex u għal pajjiżna!

Uħud minn dawn l-emigranti Għawdxin b'ħafna għaqal, galbu u ħila, irnexxielhom jagħtu kontribut li jiżboq l-ordinarjetà f'diversi oqsma: ir-reliġjon, il-kummerċ, ix-xjenza, is-soċjal, il-letteratura u l-kultura. Il-kisbiet ta' dawn l-emigranti huma apprezzati ferm aktar meta wieħed jikkunsidra li l-parti l-kbira ta' dawn kellhom bidu iebes tant li kellhom jaqtgħu bi snienhom! Fosthom hemm individwi u familji li minħabba s-sens ta' inizjattiva u l-kuraġġ li wrew, nistgħu nippreżentawhom bħala mudell għal ġenerazzjoni tal-lum. Mingħajr ma nkun neżaġera ngħid li fost l-Għawdxin fl-Awstralja għandna ħaġar prezzjuż li jsebbaħ mhux biss il-kuruna Awstraljana imma ukoll, dejjem jekk ikun magħruf u rikonoxxut, dik Għawdxija.

Għawdex ma jistax ikun xħiħ ma' dawn uliedu li għalkemm il-bżonn wassalhom biex jitilqu minn din il-Gżira tat-Tlett Għoljiet, baqgħu u għadhom iħossuhom Għawdxin!

Filwaqt li minn qalbi nifraħ lil dawk l-Għawdxin li din is-sena ser jirċievu Ġieħ Għawdex u nirringrazzjahom tas-sehem tagħhom fin-nisġa tal-istorja ta' ġensna, nipproponi liċ-Circolo Gozitano biex 'l quddiem jikkunsidra l-possibbiltà li jagħti dan ir-rikonoxximent lil xi emigrant Għawdxi li verament ikun jistħoqqlu dan il-Ġieħ.

*Melbourne*
*28 t'Ottubru 2011*






*Kummentarju (1)*

# *Mill-Wirt ta' Mons. Isqof Cauchi għar-Riflessjoni tal-Għawdxin*



*kitba ta'* **MONS. SALV GRIMA**

**"Meta ngħidu li l-pastorali għandu jkollha quddiem għajnejha veduta universali, ma jfissirx li se ninsew l-interessi tagħna biex naħsbu biss fl-interessi tal-oħrajn; imma jfisser fuq kollox li nirrikonoxxu li aħna parti mid-dinja u li nitgħallmu mid-dinja biex hekk anki aħna f'pajjiżna nkunu ppreparati aħjar għal dak li qed jistenniena".**

**Ma' dan il-kliem il-maħbub Isqof Mons. Nikol Cauchi lill-Kleru fit-3 ta' Jannar 1976 semma' li "jeħtieġ li nintebħu li qegħdin ngħixu f'epoka ġdida għaliex qegħdin fl-aħħar kwart tas-seklu li meta jintemm iwassalna għas-sena 2000". Issa għaddew 35 sena minn dak id-diskors li kien semmih: "Ir-Reliġjon taħt in-nar tal-kritika" għax kien qed jaqra s-sinjali taż-żminijiet b'dak li kien qed jiġri fid-dinja ta' dakinhar u fil-kultura kontemporanja.**

Huwa kien qed jilmaħ il-mentalità dwar l-umaniżmu modern b'enfasi fuq l-awtonomija tiegħu, il-progress xjentifiku u tekniku, u l-iżviluppi tad-demokraziji moderni. Ma naqasx li jsemmi l-konsegwenzi reliġjużi fuq il-ħajja individwali u tas-soċjetà. Fil-bqija tad-diskors, Mons. Cauchi fisser x'kienu l-argumenti fil-kamp xjentifiku, psikoloġiku u dak soċjoloġiku li kienu qed jinġiebu kontra r-Reliġjon biex "kulħadd juża l-intelliġenza tiegħu u jintebaħ kemm hemm verità u kemm hemm falsità f'din il-kritika".

Id-diskors ta' dakinhar kien minn tal-bidunett biex joħloq fostna u fi gżiritna viżjoni importanti dwar dak li kellu jkompli jiżviluppa fejn jidħol id-Djalogu bejn il-Fidi u l-Kultura. Min-naħa tagħha l-Knisja permezz bil-Maġisteru kienet diġà fetħet iktar orizzonti biex tistieden lill-Insara għar-riflessjonijiet dwar ir-rabta li hemm bejn it-twemmin Nisrani u oqsma oħra ta' xjenzi umani, hekk li llum ma nibqgħux lura mill-ħtieġa li nkomplu neżaminaw l-importanza dwar ir-relazzjoni bejn il-Fidi u r-Raġuni (bħala eżempju għandna l-Enċiklika "Fides et Ratio" tal-Papa Ġwanni Pawlu II - 15-10-1998). Dan l-iżvilupp kompla jinħass u jintwera iktar fil-pastorali tul il-ħajja kollha ta' Mons. Isqof Cauchi.

### *Fundazzjoni f'waqtha*

Kien ġest xieraq u f'waqtu għalhekk li titwaqqaf f'ġieħu l-Fundazzjoni li tmexxi 'l quddiem id-Djalogu bejn il-Fidi u l-Kultura. Din tħabbret fil-Katidral minn Mons. Isqof Mario Grech waqt Konċelebrazzjoni nhar it-2 ta' Marzu 2009 fl-okkażjoni ta' għeluq it-80 sena ta' Mons. Cauchi. Hija inizjattiva destinata li tkompli tiżviluppa maż-żmien, meta nafu li pajjiżna mhux nieqes minn taħlita ta' nies, anki Maltin, b'varjetà ta' ideoloġiji, twemmin u fehmiet oħrajn li qed joħolqu mistoqsijiet rigward il-Fidi Kattolika, anki fil-beraħ.

Kien f'Marzu li għadda li l-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura nieda jumejn ta' laqgħat u djalogu bejn dawk li jemmnu u dawk bla twemmin, li saru f'Pariġi bl-isem "Il-Bitħa tal-Ġentili". Din tfakkarna f'dak l-ispazju ħdejn it-Tempju ta' Ġerusalemm riservat għad-dibattiti bejn il-Lhud u l-barranin. Illum fil-Knisja kellna diġà wkoll id-djalogu interreliġjuż li f'dawn l-aħħar snin kompla fil-ħidma tiegħu ma' ħafna popli fid-dinja, ta' kull xorta ta' twemmin. Din l-attività ġdida qed toffri okkażjoni oħra fejn jistgħu jitqanqlu b'mod reċiproku mistoqsijiet dwar l-eżistenza umana u tant diffikultajiet spiritwali oħrajn li jinqalgħu fis-soċjetajiet tal-lum u fejn jista' jingħata iktar spazju għall-użu tar-raġuni.

### *Fuq l-eżempju ta' Kristu*

Kien Kristu stess li, kif jgħidilna San Pawl, "mit-tnejn, Lhud u pagani, ried joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom" (Ef. 2, 15-16), u hekk ġarraf il-ħajt tal-firda li kien jagħżel il-Lhud mill-Ġentili. Permezz tiegħu l-Kelma ta' Alla ġiet f'kuntatt b'mod konkret u kontinwu ma' semmiegħa ta' kull għamla, kemm mal-folol kif ukoll ma' persuni individwali, li mhux dejjem urew li jaqblu miegħu, jew f'kollox.

Fost l-eżempji nsibu meta Kristu qasam il-viżjoni tiegħu fi djalogu ma' Nikodemu (ara Ġw. 3, 1-21) li kien "mgħallem tal-liġi" f'kuntest reliġjuż ta' xort'oħra. Mas-Sammaritana (ara Ġw. 4, 1-42) li kellha t-twemmin tagħha mibni fuq linji settarji, Kristu żviluppa diskors skont il-ħtieġa u rnexxielu jissupera l-firda li kien hemm. Maċ-ċenturjun li kellu l-qaddej tiegħu marid (ara Mt. 8, 5-10) Kristu żvela r-rabta li kellu miegħu meta quddiem in-nies ta' ġensu u ta' twemmin Ġudajk faħħar il-fidi li kien iħaddan wieħed barrani li kien ta' kultura Rumana.

Il-laqgħa li Kristu kellu mal-Kangħanija (ara Mt. 15, 21-28)



kompliet tiżvela r-rabta li kien hemm bejn il-fidi u l-kultura f'dik il-mara. Mid-djalogu ħareġ beraħ dak li kien hemm komuni bejn "ulied Israel" u dawk ta' nisel "Sirofeniċjan".

Ċirkostanza oħra kienet dik ta' dawk il-Griegi li xtaqu jaraw lil Ġesù (ara Ġw. 12, 20-23). Huma wkoll telgħu Ġerusalemm għall-festa u ngħaqdu mal-oħrajn "biex jaduraw lil Alla". Bħala barranin setgħu kienu pagani li saru Lhud, jew li kellhom xi ġibda lejn il-Lhud, jew Lhud imwielda barra l-Palestina. Fihom deher ħsieb tassew għaqli li mexxiehom mill-qrib biex isibu l-verità fi Kristu. L-għatx li kellhom li jaraw u jsiru jafu lil Kristu huwa l-istess xewqa moħbija f'qalb kull persuna. Dan il-valur Kristu esprimih permezz tat-tweġiba li tahom, jiġifieri f'rabta mas-"siegħa li fiha Bin il-bniedem jiġi gglorifikat" jew aħjar mal-misteru tal-Għid u l-Qawmien, fejn seħħ il-pjan divin tal-fidwa għal kulħadd l-istess, Lhud u Ġentili.

***Wirt b'direzzjoni għall-'bitħa'***

Fil-messaġġ li wassal lill-parteċipanti fil-laqgħa ta' djalogu ta' Pariġi, il-Papa Benedittu XVI indirizza lil dawk tal-Bitħa tal-Ġentili biex jibqgħu joffru għajnuna lil xulxin fejn jidħlu l-valuri veri, waqt li dak li hu prezzjuż għandu jitwassal lill- oħrajn, jixxandar u joħloq ir-riflessjoni meħtieġa. "Il-mistoqsija dwar Alla", kompla qalilhom, "mhix ta' periklu għas-soċjetà, ma toħloq l-ebda tfixkil għall-ħajja umana! Il-post ta' Alla m'għandux jitwarrab bħallikieku m'għandux valur meta jeżistu l-problemi l-oħra ta' żmienna".

**Hu ttamat li l-Fundazzjoni f'ġieħ Mons. Isqof Cauchi tista' tmexxina lejn direzzjoni Nisranija aħjar fi żmienna, anki fl-ambjent Għawdxi. M'aħniex neqsin minn dawk li qed jemarġinaw 'l Alla f'ħajjithom, anki jekk għadhom jgħixu ċerta "reliġjożità" li jeħtieġ li tkun imsoffija mill-ateiżmu, inkella joktor l-ateiżmu reliġjuż.**

"F'din il-fażi ta' evanġelizzazzjoni ġdida, meta nqis li madwarna għandna persuni, fosthom diversi żgħażagħ, b'mentalità lajka u umanista, nipproponi li l-Knisja lokali torganizza din il-'bitħa tal-ġentili' biex hekk toffri l-possibbiltà lil dawk kollha ta' rieda tajba, indipendentement mit-twemmin tagħhom, jiltaqgħu biex flimkien ifittxu l-verità". Hekk esprima ruħu Mons. Isqof M. Grech f'messaġġ li wassal waqt Pontifikal f'Lulju fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġorġ Martri, "biex dawk li huma bla Alla jissaħħru wara l-misteru ta' Alla anke qabel ma jkunu jafuh!"

Mons. Isqof Grech tenna l-istess ħsieb u ħtieġa li l-bniedem jaqbillu jerġa' jiskopri lil Alla, anki fil-ħajja pubblika, bħalma għamel waqt il-manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn fit-28 ta' Lulju. L-istess messaġġ deher mill-ġdid fl-Ittra Pastorali għall-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija 2011, u reġa' saħaq fuq l-istess bżonn ta' Alla fid-diskors marbut mal-velja ta' talb fl-24 ta' Awwissu, anke fuq livell personali u dak spiritwali, inkella ħajjitna tista' tisfa waħda "sterili".

**Jalla dan il-wirt marbut ma' ġieħ Mons. Isqof Cauchi jintlaqa' b'rieda tajba għall-benefiċċju ta' ambjent Nisrani f'saħħtu, anki bħala parti minn eko-Għawdex! Jalla wkoll fost il-qarrejja jinstabu dawk li jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom, anke mill-aspett kulturali li jħaddnu, u li tista' sservi ta' interess soċjo-reliġjuż għal gżiritna.**




# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *It-Turiżmu Rurali jista' jagħmel minn Għawdex destinazzjoni distinta u sostenibbli*



F'diskussjoni waqt konferenza li nżammet f'lukanda ewlenija f'Għawdex żvolġiet it-tema dwar it-turiżmu rurali f'Għawdex u kif il-gżira tista' tiġi ppreżentata bħala destinazzjoni distinta u sostenibbli f'dan is-settur.

Il-konferenza ġiet imtellgħa mid-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Politika dwar l-Intrapriża fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. L-għan ewlieni tagħha kien dak li d-diskussjoni tindirizza l-ħtieġa li tiġi mfassla politika dwar it-turiżmu rurali għal Għawdex. Dan ankè fl-isfond tal-viżjoni eko-Għawdex kif ukoll fiż-żmien li qed issir ir-reviżjoni tal-Politika Komuni dwar l-Agrikoltura mill-Kummissjoni Ewropea. Din kienet ukoll inizjattiva li permezz tagħha Għawdex ipparteċipa fl-attivitajiet marbuta mal-ġimgħa ddedikata lill-intrapriżi żgħar u medji.

Il-konferenza kienet indirizzata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, minn Jason Azzopardi, Segretarju Parlamentari għan-Negozji ż-Żgħar u l-Artijiet, u minn Mario de Marco, Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura. Is-sur Martin Bugelli, Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta mexxa l-Konferenza. Indirizzaw il-Konferenza wkoll is-sur Joe Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex, is-sur Joe Grech, President tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Għawdex. Prof. Giovanni De Menna u s-sinjuri Cedric Corre u Thomas Ducloutrier tkellmu dwar esperjenzi ta' turiżmu rurali f'Abruzzo fl-Italja u f'Auvergne fi Franza.

Saret ukoll diskussjoni li fiha pparteċipaw uffiċjali mill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' uffiċjali minn Ministeri u entitajiet oħra. Il-parteċipanti setgħu jesperjenzaw eżempji ta' turiżmu rurali permezz ta' żjajjar li ġew organizzati fi tmiem il-konferenza, f'numru ta' siti li joffru dawn il-faċilitajiet f'Għawdex.

## *Laqgħa f'Għawdex tal-Komunitajiet Rurali Ewropej*



*Is-Segretarju Parlamentari Chris Said jirċievi rigal mis-Sur Frans Ronnes, President taċ-Charter u Sindku ta' Haaren, l-Olanda, matul il-konvenzjoni tal-Komunitajiet Rurali Ewropej li saret fin-Nadur.*

Delegazzjoni magħmula minn rappreżentanti li ġejjin minn seba' stati membri tal-Unjoni Ewropea, Ċipru, l-Awstrija, l-Italja, is-Slovenia, l-Olanda, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka, kienu l-mistiedna tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, lokalità li tirrappreżenta lil Malta fiċ-*Charter* tal-Komunitajiet Rurali Ewropej. Iż-żjara kienet tagħmel parti mill-proġett 2011-2012 li qed jaħdem fuq żviluppi rurali f'diversi oqsma fl-Unjoni Ewropea. Huma ltaqgħu kemm mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari Chris Said.



*Id-delegazzjoni barranija fid-Dwejra.*

## *Jiltaqa' mal-Papa*



L-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur Joe Bonello, mix-Xagħra, isqof kogitur tad-Djoċesi ta' Juticalpa, Olancho, fil-Ħonduras, li gie ordnat isqof fi Frar li għadda, dan l-aħħar iltaqa' mal-Papa Benedittu XVI, f'Kastell Gandolfo, f'Ruma. Il-laqgħa ġiet organizzata mill-Vatikan sabiex matulha jiltaqgħu flimkien l-isqfijiet eletti l-ġodda minn Settembru 2010 'l hawn. Għaliha attendew 114-il isqof ġdid.

Huwa unur li Għawdex, barra l-Isqof Djoċesan Mons. Mario Grech, għandu dan l-isqof missjunarju fil-Honduras fost tant missjunarji Għawdxin imxerrdin f'diversi pajjiżi fid-dinja.

*L-Ecc. Tiegħu Mons Bonello mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.*

## *Il-Kor 'Fjur t'Assisi' f'Ruma u f'Assisi*

Grupp ta' tfajliet mill-kor Fjur t'Assisi tal-knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat, reċentement żaru Ruma. Il-grupp, immexxi minn Marita Cassar, żar ukoll Assisi fejn it-tfajliet ħadu sehem f'quddiesa ċċelebrata minn Dun Charles Baldacchino fil-Bażilika ta' San Franġisk ta' Assisi.

Il-membri tal-Kor żaru wkoll il-Bażiliċi ta' Santa Chiara u ta' Santa Maria degli Angeli u postijiet oħra ta' interess storiku u reliġjuż, biex ikabbru l-kultura tagħhom u jagħmlu flimkien esperjenza ta' mistrieħ mistħoqq għas-sehem tagħhom fil-Liturġija tal-Knisja.

*Il-Kor Fjur t'Assisi f'Assisi.*



## *"Gloria - Making Music Malta International Music Festival"*



*Gloria - Making Music Malta International Music Festival* huwa avveniment mużikali biennjali li wasal fit-tielet edizzjoni. Dan l-avveniment hu organizzat minn *Making Music Malta, St. Lazarus Foundation* b'risq L-Istrina, ir-*Richmond Foundation* u *Chorus Urbanus Productions.* Fl-edizzjoni ta' din is-sena ħadu sehem numru ta' solisti kemm minn Malta kif ukoll barranin. Saret tradizzjoni li l-*Chorus Urbanus* jieħu ħsieb jorganizza kunċert f'Għawdex bħala parti minn dan il-festival, fejn il-kor mistieden, in-*North West Festival Choir* jinterpreta biċċiet mużikali impenjattivi fosthom ta' Dr. John Galea, direttur mużikali tal-*Chorus Urbanus.*

In-*North West Festival Choir,* taħt id-direzzjoni mużikali ta' Dr John Bethell, kienu fuq mawra korali f'Malta li tulha taw mhux anqas minn tmien kunċerti f'diversi lokalitajiet f'Malta. Il-kunċert ta' qabel tal-aħħar inżamm f'Għawdex, fir-raħal pittoresk ta' San Lawrenz nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru fis-7.30pm. *Chorus Urbanus* kien mistieden minn Dr Bethell jieħu sehem ukoll f'dan il-kunċert. Fil-fatt, il-kor Għawdxi fetaħ il-kunċert bl-interpretazzjoni ta' żewġ siltiet *a capella* ta' Dr John Galea, *O Salutaris Hostia* u *Tota Pulchra.* Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-mumenti prinċipali tal-kunċert kienet l-esekuzzjoni *premiere* ta' *Ego Sum Panis Vivus* ta' Dr Galea li nkitbet speċifikament għal dan il-kunċert. Din is-silta mużikali ġiet esegwita miż-żewġ korijiet flimkien bis-sehem tas-sopran Yvonne Galea u l-baritonu Jonathan Alley. Il-kompożitur innifsu dderieġa lill-korijiet f'din l-esekuzzjoni.

It-tieni parti tal-kunċert kienet iddedikata kompletament għan-*North West Festival Choir.* Il-kor fetaħ b'siltiet minn *Messa di Gloria* ta' Giacomo Puccini bis-sehem tat-tenur Bo Wang u l-baritonu Jonathan Alley. Minn din il-quddiesa il-kor esegwixxa *Sanctus* u *Agnus Dei.* Il-qofol ta' din il-parti tal-kunċert kienet *Gloria* ta' Antonio Vivaldi, silta twila imma ferm impenjattiva għall-kor kif ukoll għas-solisti. It-tmiem ta' din l-esekuzzjoni ntlaqa' b'applaws ta' apprezzament mill-udjenza numeruża li attendiet għal dan il-kunċert. Fl-aħħar tas-serata, is-Sindku ta' San Lawrenz, Noel Formosa feraħ liż-żewġ korijiet tal-kunċert eċċellenti li ppreżentaw u rringrazzja lil kull min kien involut fl-organizzazzjoni. Is-serata kienet immexxiha minn Alexis Callus, ko-ordinatur tal-Festival. Wara l-kunċert, il-membri taż-żewġ korijiet ġew mistiedna għal riċeviment ġentilment mogħti mis-Sindku tal-lokalità.

## Jum Dinji tat-Turiżmu




Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Turiżmu, il-Gruppi Folkloristici, Astra u Aurora, li jifformaw parti mis-Soċjetà Filarmonika La Stella u dik Leone, taw wirja ta' sagħtejn fil-pjazez ta' San Ġorġ u tal-Katidral.

## Tinxtegħel lampa simbolika



Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk ta' Assisi, Fundatur tat-III Ordnijiet Franġiskani, fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani, f'Għajnsielem, nhar il-Ħadd 16 t'Ottubru, fis-6.00 ta' filgħaxija, Patri Gwardjan Raymond Camilleri, mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni, bis-sehem tal-Orkestra *Għajnsielem Ensemble*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Frankie Debono.

Fl-aħħar tal-quddiesa inxtegħlet lampa simbolika li tpoġġiet quddiem in-niċċa ta' Sant'Antnin fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Ċentinarja mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja (1912-2012). Il-funzjoni spiċċat bil-kant tal-Innu Antifona tal-Qaddis u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Il-Gwardjan Patri Raymond Camilleri OFM jidher jixgħel il-lampa simbolika.*

## Club Med 2... għat-tieni darba f'Għawdex

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru, il-Club Med 2 daħal fil-port tal-Imġarr Għawdex għal jum, it-tieni darba din is-sena. Il-vapur kellu fuqu 300 passiġġieri, kollha minn Franza. Kważi il-passiġġieri kollha ħadu l-opportunità li jżuru l-gżira Għawdxija.



Ta' min jinnota li dan huwa l-uniku *cruise-liner* żgħir li ġie Għawdex darbtejn, waqt li *cruise-liners* kbar din is-sena ma resqux lejn gżiritna. Ħafna Għawdxin jistaqsu, għaliex? Għaliex u x'inhu jżomm li l-*cruise liners* kbar jidħlu biss fil-Port il-Kbir?

## Festa ta' Ġesù Nazzarenu



Fl-okkażjoni ta' Jum is-Sollennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu, iffestiġġjata l-Ħadd 16 t'Ottubru, f'waħda mit-3 knejjes illi hemm fix-Xagħra, dik iddedikata lil Ġesù Nazzarenu, wara li fl-4.30 ta' filgħaxija, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa u wara li saret purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija, akkumpanjata mill-Banda Victory, b'daqq ta' innijiet Ewkaristiċi, fil-pjazza ta' quddiem il-knisja ttellgħet serata ta' kant, zfin u daqq, fejn

studenti li attendew l-iskola sajf taħt id-direzzjoni ta' Christabelle Bajada, irreċitaw siltiet minn *musicals* popolari, fosthom *Sister Act*, *Lion King*, *Oliver Twist* u *Sound of Music*. Il-ballerina Maribel Bajada tat wirja ta' żfin. Ħa sehem ukoll il-grupp *Cash and Band*. Kien hemm ukoll *Wine and Pizza Party*.

## *Il-Mużew tas-Subien fix-Xagħra jfakkar il-ħamsin anniversarju*


L-istatwa ta' San Ġorġ Preca.

Matul din is-sena, il-fergħa tal-Mużew tas-Subien fix-Xagħra qed tikkommemora b'għożża kbira l-ħamsin sena mill-inawgurazzjoni tagħha. Kien f'Ġunju tal-1961 li fix-Xagħra bdew jingħataw l-ewwel lezzjonijiet tal-Katekiżmu Nisrani mis-Soċjetà tal-MUSEUM imwaqqfa' f'Malta nhar is-7 ta' Marzu 1907 mill-fundatur San Ġorġ Preca. Għal din l-okkażjoni hekk importanti, is-Soċjetà tal-Mużew fix-Xagħra nediet programm ta' attivitajiet biex ifakkar dan l-anniversarju. Ġie stampat ukoll ktejjeb bil-kulur dwar l-istorja ta' din is-Soċjetà u l-involviment tagħha f'diversi aspetti spiritwali u soċjali tax-Xagħrin matul iż-żmien. Dan il-ktejjeb tqassam mill-membri tal-Mużew stess lill-familji kollha tax-Xagħra. Skont l-ispirtu mitlub mill-fundatur tas-Soċjetà, il-ktieb jinkludi wkoll messaġġi ta' tagħlim li jgħinu fil-formazzjoni tal-ħajja nisranija kif ukoll talb li kien jgħid San Ġorġ Preca nnifsu bil-għan li aħna nimitaw l-eżempji qaddisa tiegħu.



San Ġorġ Preca fin-niċċa tiegħu mal-faċċata tad-Dar tal-Familja Louis u Esabel Attard.

Sadattant waqt Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons Carmelo Refalo, fi Pjazza San Ġorġ Preca, quddiem il-bini tal-MUSEUM tbierket statwa magħmula mit-terracotta tal-Qaddis San Ġorġ Preca, maħduma mill-artist Manwel Farrugia mir-Rabat, Għawdex.

L-istatwa sabet ruħha f'niċċa maħduma apposta mill-aħwa Chris u Johnny Camilleri magħrufa bħala tal-Gims, mal-faċċata tad-dar ta' Louis Attard, fi'48 Triq il-Knisja, ix-Xagħra. Jidher illi din hi l-ewwel statwa tax-xorta tagħha li hawn f'niċċa ma' faċċata ta' dar f'Għawdex. Louis kien membru tas-Soċjetà Mużewmina sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha fix-Xagra. U dejjem kien bix-xewqa illi mad-dar tiegħu jagħmel niċċa għal dan il-Qaddis.

## *Gozo Basketball Cup*



*Athleta A to Z Electronics* rebħu l-ewwel edizzjoni tal-*Gozo Basketball Cup* hekk kif fil-finali għelbu lil Siġġiewi bil-punteġġ ta' 63-57. Il-logħba ġabet fi tmiemha *tournament* ta' 10 logħbiet li ntlagħab fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex bejn is-Sibt u l-Ħadd 22 u 23 t'Ottubru. It-*tournament* kien organizzat bi sħab bejn il-*Malta Basketball Association* u s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika. Fit-*tournament* lagħbu s-sitt timijiet tal-Kampjonat Nazzjonali tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel. Fil-finali għat-tielet u r-raba' post Depiro għelbu lil Luxol bil-punteġġ ta' 64 għal 39. Fi tmiem il-finali s-Segretarju Parlamentari Chris Said qassam it-trofej lir-rebbieħa.

## *Il-Ministru għal Għawdex tħabbar skema għall-Iskejjel kollha f'Għawdex*

L-iskejjel kollha f'Għawdex ser ikunu qed jibbenefikaw minn massimu ta' €3,000 kull waħda għall-proġetti fl-iskejjel rispettivi tagħhom, marbuta mal-pjan ta' azzjoni ta' eko-Għawdex 2010 – 2012. Permezz ta' din l-iskema mhux ser igawdu biss l-iskejjel primarji u sekondarji tal-gvern, iżda wkoll l-iskejjel post-sekondarji, dawk speċjali u tal-Knisja.

Dan tħabbar mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono waqt attività li saret fl-Iskola primarja ta' Santa Tereża f'Ta' Kerċem, fejn il-Ministru għal Għawdex ippreżentat sett ta' kotba lill-Kap tal-Iskola biex jiżdiedu mal-kotba li hemm disponibbli għat-tfal fil-librerija tal-iskola. Dawn il-kotba li ġew iffinanzjati mill-fondi ta' eko-Għawdex, jittrattaw temi bħal żvilupp sostenibbli, l-ambjent, in-natura, ħajja sana, ikel lokali u leġġendi lokali. Il-pakkett jinkludi wkoll DVD b'dokumentarju dwar il-Carbon Footprint. Minbarra li ser jitqassmu fl-iskejjel kollha f'Għawdex, ser tingħata kopja lil Librerija Pubblika ta' Għawdex kif ukoll lil-libreriji oħra ta' referenza fil-gżira Għawdxija. B'kollox ser jitqassmu madwar 700 ktieb.



Il-Ministru Giovanna Debono qalet li minbarra li ser tiżdied l-għażla tal-kotba fil-librerji tal-iskejjel, l-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li l-istudenti Għawdxin ikabbru l-għarfien tagħhom dwar dak kollu li huwa sostenibbli kif ukoll dwar il-kultura u t-tradizzjonijiet Għawdxin. Żiedet tgħid li permezz tal-qari ta' dawn il-kotba, l-istudenti ser ikollhom l-opportunità li jibdew japprezzaw aktar dak kollu li toffri l-gżira tagħhom u dak li ntiret minn ġenerazzjoni għall-oħra sal-lum.

Hija rreferiet għall-iskema ta' eko-Għawdex għall-iskejjel li ser titnieda fil-ġimgħat li ġejjin, u qalet li permezz tagħha l-iskejjel kollha madwar Għawdex ser ikunu qed ikomplu jaraw titjib għall-ġid tal-istudenti tagħhom. L-Onor. Giovanna Debono qalet li din l-iskema ser titnieda wara laqgħa li kellha ma' grupp ta' studenti rappreżentanti ta' Eko Skola f'Għawdex, li ressqu għadd ta' suġġerimenti biex isiru proġetti diversi fl-iskejjel rispettivi tagħhom. "Matul is-sena, il-Ministeru għal Għawdex iwettaq xogħol ta' manutenzjoni, ristrutturar u tisbiħ fl-iskejjel kollha ta' Għawdex, biex l-istudenti jkollhom ambjenti sbieħ u akkoljenti. Permezz ta' din l-iskema, il-Ministeru għal Għawdex ser ikompli jaħdem għal dan il-għan biex iwettaq proġetti għall-benefiċċju tal-istudenti u l-qasam edukattiv f'Għawdex", temmet tgħid il-Ministru Giovanna Debono.

## *'Child Care Centre' fl-Għarb iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex*

It-twaqqif ta' *Child Care Centre* fil-lokalità tal-Għarb huwa proġett ieħor mit-tlettax-il proġett li qed jibbenefikaw mill-iskema mnedija mill-Ministeru għal Għawdex b'risq il-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi ta' lokalitajiet Għawdxin. Il-Kunsill Lokali tal-Għarb ser jingħata madwar €67,000, għotja li qed tiġi ffinanzjata mill-fondi allokati mill-Gvern biex jiġi mwettaq il-pjan ta' azzjoni 2010-2012 marbut mal-implimentazzjoni tal-viżjoni eko-Għawdex.




L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex żaret is-sit fejn ser jitwaqqaf iċ-*child care centre* fejn ix-xogħlijiet jinsabu għaddejjin b'ritmu mgħaġġel. Hija faħħret u rringrazzjat lill-Kunsill Lokali tal-Għarb għall-parteċipazzjoni tiegħu f'din l-iskema permezz ta' din l-inizjattiva u qalet li permezz ta' dan iċ-*child care centre*, għadd ta' ġenituri minn madwar Għawdex kollu, ser jingħataw opportunità li jinqdew b'dawn is-servizzi u b'hekk ikunu jistgħu jibbilanċjaw aħjar il-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja. Hija rreferiet għas-sejħa għall-offerti ppubblikata aktar kmieni din il-ġimgħa mill-Kunsill Lokali tal-Għarb, għall-immaniġġjar u l-operat taċ-*child care centre*. L-offerti għal din is-sejħa ser jibqgħu jintlaqgħu sat-Tlieta 22 ta' Novembru 2011. Dan iċ-ċentru ser ikun qed jilqa' massimu ta' madwar 30 tifel u tifla li l-etajiet tagħhom ivarjaw bejn sena u tliet snin.

Permezz tal-istess skema, il-Kunsill Lokali tal-Għarb ser ikun qed jixtri *Eco-Cab* u *Eco-Truck*, żewġ vetturi li jaħdmu bil-batterija mingħajr ma jużaw żjut maħruqa u b'hekk jiġu mnaqqsa l-emissjonijiet ta' $CO_2$ fl-arja. Waqt li permezz tal-*Eco-Cab* ir-residenti se jkunu jistgħu jaqsmu r-raħal bi trasport nadif u effiċjenti, l-*Eco-Truck* ser jissostitwixxi *truck* antik li għandu 25 sena u jaħdem bil-petrol, li jintuża għall-manutenzjoni ta' kuljum.

PMC TOURS
FATIMA
FL-OKKAZJONI SPECJALI TA' L-EWWEL DEHRA
10 -15 ta' Mejju
Programmi: JPE TRAVEL-108 Triq S.Gwann
Valletta. T.21235772 - 21247016
Bookings qabel Frar jiehdu skont ta' €20

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# L-Emigranti fil-Ħsieb tal-Knisja Għawdxija



Matul ix-xahar sħiħ ta' Ottubru Għawdex kien jinsab mingħajr l-Isqof tiegħu billi dan għamel żjara lill-emigranti tagħna fl-Awstralja mferrxin ma' għadd ta' nħawi f'dan il-kontinent hekk kbir, b'mod speċjali f'Sydney u Melbourne. L-Isqof kien akkumpanjat mis-segretarju privat tiegħu l-Kan Dun Eddie Zammit, rettur tal-knisja u ċentru pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla Victoria, minn Mons Paolo Cardona, Arċipriet tal-knisja bażilika u arċipretali ta' San Ġorġ Martri fil-Victoria, il-Kan Dun Ġwann Sultana, rettur tal-knisja ta' Sant'Anton fix-Xagħra, Patri Remiġ Galea Kapuċċin u minn għadd ta' parruċċani fosthom il-ġenituri tal-Isqof u wieħed minn ħutu. Minn dak li smajt u qrajt, l-Isqof intlaqa' ferm tajjeb kulfejn mar u ma tilifx l-okkażjoni biex iwassal il-kelma għaqlija tiegħu waqt li jsir jaf kif qed jgħixu l-fidi tagħhom dawn l-eluf kbar ta' ħutna li issa jinsabu deħlin fl-istaġun tas-sajf. Żar ukoll xi stazzjonijiet tar-radju li jittrasmettu għall-komunità Maltija fl-Awstralja fejn kien ukoll intervistat, kif ukoll żar xi klabbs u qaddes fi knejjes iffrekwentati minn tant Għawdxin u Maltin. Ħafna familji stednuh ukoll f'darhom u ltaqa' mal-membri tal-familji tagħhom.

Żjarat bħal dawn żgur li jħallu ħafna ġid fost ħutna l-emigranti. L-ewwelnett jingħataw iċ-ċans li jorganizzaw xi 'get together' biex jiltaqgħu mal-Isqof li għalihom huwa ġdid u allura jsiru jafuh xi ftit aħjar apparti l-fatt li dan jgħaddilhom il-messaġġ tiegħu biex isaħħilhom il-fidi li jkunu telqu biha snin ilu minn pajjiżhom u li forsi minħabba l-eżiġenzi tax-xogħol u d-distanzi l-kbar li jifirduhom mill-knisja, din iż-żerriegħa tkun bdiet tmajna xi ftit. Ħutna l-emigranti żgur li ma għandhomx il-lussu tar-reliġjon li għad għandna aħna f'pajjiżna; il-ħinijiet tax-xogħol u x-'shifts' li jaħdmu fihom mhux dejjem jippermettulhom li jżommu qrib il-knisja u allura jekk tibda dieħla l-bruda u l-indifferenza, ma nafx x'jista' jiġri 'l quddiem. Dan jgħodd b'mod speċjali għall-ġenerazzjoni li tiela' f'dawn il-bliet kbar u mbiegħda. L-'*out going generation*' forsi mhix wisq ta' uġigħ ta' ras għax din telgħet f'ambjent nisrani sod u tajjeb, meta forsi la kellna l-*mobile*, la kellna l-internet, la kellna t-TV, la s-swali taċ-ċinema, il-*videos*, id-diskoteki mdallma b'riħa ta' xorb u forsi anke droga, u din it-teknoloġija kollha. Imma llum iż-żgħażagħ tagħna jinsabu bbumbardjati minn kullimkien mill-mezzi tal-komunikazzjoni u minn tant perikli oħra u allura żjara tal-Isqof fost l-emigranti ma tistax ma tħallix għajr ġid.

L-Isqof Grech mhux biss wassal il-kelma fejjieda tiegħu lil tant nies minn fuq l-ambone ta' tant knejjes u kappelli li żar u qaddes fihom, imma sab ħin jilqa' l-ħafna stediniet li għamlulu l-emigranti biex jidħol f'darhom u joqgħod jitkellem xi ftit magħhom, kif l-istess għamlu s-saċerdoti li kienu qed jakkumpanjawh. Hu wassal il-kelma tiegħu lil tant reliġjużi li qed jagħtu s-servizz tagħhom lill-emigranti u daħal f'bosta klabbs u ċentri tal-Maltin u l-Għawdxin li qed jagħmlu minn kollox biex iżommu ħajja ċerti drawwiet bħalma huma l-festi, l-ilsien Malti, is-snajja', l-għana u l-folklor Malti u użanzi oħra. Il-fatt li dawn ħutna jixtiequ iktar saċerdoti biex jaħdmu fosthom huwa bla dubju sinjal tajjeb u jiena ċert li l-Isqof jixtieq jilqa' t-talba tagħhom, imma kif tista' tagħti minn dak li m'għandekx biżżejjed?!

Jalla wara din iż-żjara li Mons Isqof Mario Grech għamel fl-Awstralja li żgur swiet sagrifiċċju u preparazzjoni, ma tħallix biss warajha r-ritratti u l-*video*, li ħadu ħutna l-emigranti, imma x-xewqa u r-rieda li dawn ħutna jibqgħu jgħixu l-fidi nisranija tagħhom waqt li jissuktaw mexjin 'l quddiem fit-triq tal-prosperità u l-armonija.



ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Is-Segretarju Parlamentari dwar il-Kunsilli Lokali***

"Gvern nazzjonali għandu prijoritajiet nazzjonali. Kunsill Lokali għandu prijoritajiet lokali. Il-Kunsilli Lokali huma magħmulin min-nies li huma parti mill-komunità li jirrappreżentaw. Jafu l-lokalità sew u jiddedikaw ftit mill-ħin tagħhom b'mod volontarju biex jaraw li dik l-istess komunità timxi 'l quddiem. Ħafna minnhom, wara l-ħin tax-xogħol, minflok iqattgħu l-ħin liberu mal-familja jew mal-ħbieb, jattendu għal-laqgħat jew jieħdu ħsieb jiltaqgħu mar-residenti. Fit-18-il sena li ilhom jeżistu, il-Kunsilli Lokali għamlu differenza kbira f'pajjiżna."

**Chris Said**, *Il-Mument*, 2 ta' Ottubru 2011

***Il-Membru Parlamentari dwar ix-xogħol għall-Għawdxin***

*"The most immediate repercussion is the lack of job creation which is the biggest headache and preoccupation we have, especially with regards to our younger generation who after years and years of hard work and study do not manage to find employment in Gozo. They have little choice but to leave the island to find a decent job with a decent pay. Again we cannot neglect the pay gap which exists between Malta and Gozo and this adds to the discrimination Gozitans have to endure and live with."*

**Justyne Caruana**, *The Times*, 29th September 2011

***Mill-Oppożizzjoni jistaqsi: "Master Plan għall-Eko-Għawdex : Hemm jew m'hemmx?"***

*"Does the Ministry have any position on the proposal that Edward A. Mallia has been long floating of a windfarm rather close to Gozo? Does Gozo really and truly have an ecological masterplan to become entirely energy sustainable? If in the affirmative can this be published with immediate effect? The government's feeble excuse that it is already implementing most of the recommendations without having chosen to publish the full report in question is mind-boggling, to say the least... What really angers me is the fact that at the same time that government spin doctors are constantly trying to ram the Eco-Gozo concept down our throats, some of the worst environmental crimes have been and are still being perpetrated in the so called eco-island."*

**Leo Brincat**, *The Times*, 14th September 2011

***Ħmistax wara il-Kummissarju Ewropew tal-Ambjent jisma'... u japprezza***

"Il-pjan strateġiku dwar Eko-Għawdex hu bażat fuq viżjoni responsabbli li jfittex il-ġid tal-ġenerazzjonijiet futuri. Dan saħqu l-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, Janez Potocnik, f'laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Hu apprezza l-fatt li l-inizjattivi proposti jolqtu diversi setturi u b'hekk għandhom il-potenzjal li jħarsu lejn żvilupp sostenibbli f'kull qasam soċju-ekonomiku."

**Nathaniel Attard**, *Il-Mument*, 2 ta' Ottubru 2011




***Sadattant ukoll ir-riħ beda jonfoħ... u jitkejjel***

*" The Gozo Ministry has applied to set up a 60-metre wind mast at il-Ħotba tal-Imgieret, to the west of Wied Mielaħ in Għarb, Gozo. A spokesperson for the Ministry of Gozo, which presented the application to The Malta Environment and Planning Authority confirmed that the testing is aimed at exploring the potential for the development of wind energy sources in Gozo."*

**James Debono**, *MaltaToday*, 3rd October 2011

***Il-Membru Parlamentari fl-Ewropa dwar il-kwalità tal-arja f'Eko-Għawdex***

*"I also get complaints from Gozo where one would expect air quality not to be an issue."*

**Simon Busuttil**, *The Times*, 14th September 2011

***L-iskema MicroInvest***

*"Some 200 small enterprises, of the 700 which applied under the MicroInvest scheme, are from Gozo, Finance Minister Tonio Fenech told a pre-budget consultation meeting in Gozo. Under the scheme, business of SMEs can invest in their company, whether it is machinery, new equipment, company vehicles, building refurbishment and new employees, getting back 60% of their costs through tax credits."*

**Report**, *The Malta Independent*, 14 ta' Ottubru 2011

***Il-playing field tal-Victoria kienet iċċekkjata?***

"B'mod ġenerali, il-*playing fields* f'Għawdex huma fi stat aħjar minn dawk f'Malta għaliex inbnew u tranġaw dan l-aħħar, filwaqt li f'Għawdex isir inqas vandaliżmu... Is-Segretarju Parlamentari Chris Said, waqt żjara fil-*playing field* tax-Xagħra, spjega li f'Għawdex, minn 23 *playing field* kienu ċċekkjati 14, u *playing field* waħda – dik ta'Marsalforn – instabet li ma kinitx konformi mal-i*standards*."

**Nathaniel Attard**, *Il-Mument*, 2 ta' Ottubru 2011

***Iva bl-ARRIVA jaqbillek ! : hekk sabu l-Għawdxin***

*"The highest increase of passengers was registered in Gozo where bus patronage rose by a whopping 371 per cent in September to 207,440 from 44,000 last year."*

**Report**, *The Times*, 13th October 2011

*Kummentarju (2)*

# *Tieħu bla ma trodd, sas-swar tħott!*



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Qiegħed nikteb dan l-artiklu fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru, wara ġimgħa oħra mqanqla fuq is-swieq madwar id-dinja. Il-gvernijiet tal-pajjiżi membri taż-żona Ewro laħqu ftehim biex jivvutaw iżjed flus biex jippruvaw jikkumbattu l-kriżi ekonomika u monetarja li bħalissa l-Unjoni Ewropea għaddejja minnha.Nistgħu issa nserrħu moħħna li fl-aħħar sibna soluzzjoni għal din il-kriżi? Ma naħsibx! Iżda ejjew naraw ftit dak li kkaġuna dan kollu u x'jista' jiġri fil-futur.**

Għal dawn l-aħħar tletin sena d-dinja, speċjalment dik tan-naħa tal-pajjiżi tal-punent, rat qabża qawwija fil-livell ta' għixien. Żviluppi kbar fit-teknoloġija, informatika, mediċina u fix-xogħol nisslu fina sens falz ta' sigurtà. Kulħadd beda jaħseb li issa wieħed jista' jaffordja li jgħix ħajja ta' lussu u li kull ma jara b'għajnejh jista' jixtrih, ukoll jekk ma għandux il-mezzi. Il-banek u kultant il-gvernijiet ukoll ġabuna fi stat li jekk inti trid xi ħaġa, kwalunkwe xewqa tiegħek tista' tiġi sodisfatta.Trid tixtri post għall-villeġġatura? Tixtieq tieħu xi safra għall-btala? Dilettant ta' xi lanċa għal dawra fuq il-baħar? Għandek imnieħrek kbir u tixtieq tagħmel operazzjoni kożmetika biex tirranġah u tidher isbaħ? Mela asal wasla sal-bank... u ħu *loan*. Dawn kienu r-reklami li banek madwar id-dinja, inkluż Malta, kienu qegħdin jagħmlu kontinwament. L-importanti huwa li taqta' xewqtek imbagħad kif u meta jitħallas id-dejn li tkun għamilt wieħed jara. L-għajta ta' ħafna nies kienet: "għada min qatt raħ!"

**Illum il-ġurnata smajna biżżejjed fuq il-Greċja, pajjiż li sa ftit taż-żmien ilu n-nies tiegħu kienu qegħdin jimxu fuq il-passi li semmejt fil-paragrafu ta' qabel. Sirna nafu li ħaddiem Grieg normalment ikun irtira mix-xogħol ta' età medja ta' ħamsa u ħamsin sena. Ħaddiem ieħor bħalu fil-Ġermanja normalment jirtira ta' ħamsa u sittin sena. U xi ngħidu għall-qerq ta' figuri li anke saħansitra l-gvern Grieg kien qiegħed jagħmel? In-nuqqas ta' dixxiplina fiskali fl-istrati kollha tas-soċjetà Griega wasslet għall-falliment totali ta' dan il-pajjiż.** Issa, biex il-Griegi jieħdu ftit tan-nifs, kulmin sellef flus lill-Greċja, apparti l-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew, kulħadd irid jieħu telf ta' 50 fil-mija tal-flus mislufa. Jiena personalment ngħid li ankè dan mhux biżżejjed biex il-pajjiż jerġà jibda jieħu r-ruħ. L-Unjoni Ewropea qiegħda teżiġi li l-Greċja tagħmel miżuri kbar ta' awsterità biex jiġi kkontrollat id-dejn. Il-problema issa tidher biċ-ċar li sejra tinfirex lejn pajjiżi oħra tan-nofsinhar tal-Ewropa. Jekk verament jintlaqtu l-Italja u Spanja, allura dan jista' jkun il-bidu tat-tmiem għall-munita Ewro u forsi ankè għall-Unjoni Ewropea kif nafuha llum.



Qiegħed jinbet issa ħsieb fil-moħħ ta' xi kapijiet Ewropej biex ikun hemm ċertu kontroll ċentrali min-naħa tal-UE fejn jidħol tfassil u infieq ta' baġits nazzjonali. Tgħid mexjin għall-Federaliżmu Ewropew? Sejra tkun din il-mossa biex grupp ta' nies ġewwa Brussels jiddettaw l-istil ta' ħajja ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej? Tista' din il-mossa twassal għal konfront soċjali ġewwa ħafna pajjiżi? Diġà qegħdin naraw ħafna dimostrazzjonijiet f'diversi pajjiżi fejn iċ-ċittadin qiegħed jgħid: "Issa daqshekk! Ma niflaħx għal aktar piżijiet u taxxi". Jista' jkun il-kas li ċerti pajjiżi nordiċi mhumiex sejrin jibqgħu jissaportu dan l-istat ta' fatt fejn min kien bil-għaqal ipatti għall-eċċessi tal-ħali! Sejjer jiġi ppruvat veru l-proverbju Malti li jgħid "ħobż il-bieżel kielu dejjem l-għażżien"? **Hawn min qiegħed jaħseb li l-Unjoni Ewropea ser tkun wieħed mill-iqsar imperi fl-istorja tad-dinja. Ħaġa hija żgura. Jekk mhux sejjer ikun hemm sforz kollettiv biex l-UE ma tibqax tiġri wara din il-problema iżda minflok tikkonfrontaha mill-faċċata, allura jista' jkun li aħna u ta' warajna inħarsu lura fl-istorja u ngħidu li darba kien hawn munita jisimha "Ewro"...**

*Kummentarju (3)*

# *Ir-Reliġjon, il-poter ċivili u l-Kostituzzjoni*



*kitba ta'* **DR ALFRED GRECH, LL.D**

**L-Istorja wriet li ħafna drabi l-poter ċivili jinqeda, anzi jistrieħ fuq ir-reliġjon. Jista' jingħad mill-bidu li l-poter għandu bżonn tar-reliġjon biex tilleġittimah. Dan kien hekk fil-passat u għadu hekk illum forsi b'inqas trasparenza.**

Il-poter ċivili, jew aħjar il-Gvern jistrieħ fuq is-saħħa koerċitiva – il-pulizija, is-suldati u dawk il-forzi l-oħra tal-ordni pubbliku. Mingħajr il-forza li tesegwixxi dak li tordna ma jista' jkollok ebda poter. Li kieku l-Gvern ta' Malta m'għandux il-forzi tal-ordni pubbliku li x'ħin tneħħilhom il-libsa, umana kemm hi umana ma jibqa' xejn ħlief forza, ma nafx kif wieħed jista' jiggverna. Ir-realtà nuda hi li l-ordni għandha bżonn il-forza/vjolenza – vjolenza ordinata. Iżda l-poter għandu wkoll bżonn ir-reliġjon, jiġifieri li l-poplu jħaddan twemmin li jżommu fil-konfini ta' dak li hu sewwa, deċenti u aċċettabbli skont il-kriterji taż-żminijiet li wieħed ikun għaddej minnhom.

Iżda l-poter jistrieħ ukoll fuq ir-reliġjon biex isib il-leġittimità tiegħu. Iktar ma reġim jew gvern ikun dgħajjef, iktar tkun meħtieġa r-reliġjon għall-leġittimazzjoni tiegħu. Eżempju kbir ta' dan nisiltuh mill-istorja li tgħallimna li l-monarkiji kollha tal-punent kienu jsibu l-iskuża tal-leġittimità tagħhom fid-Dritt Divin – *"Divine Rights of Kings"*. U dan mhux fil-punent biss. Kważi kważi l-leġittimazzjoni tal-poter, dejjem kienet imwieżna mir-reliġjon, ovvjament ir-reliġjon dominanti ta' dak il-pajjiż jew dak il-poplu. U jekk ma teżistix reliġjon dominanti, bħalma ġara u qed jiġri fl-istati li faqqsu wara r-rivoluzzjoni illuminista u r-rivoluzzjonijiet li ġew warajha bħal "falling dominions" (L-Amerikana, il-Franċiża, u fil-pajjiżi Ewropej kollha)? Fejn hemm il-multikulturiżmu x'iżomm il-poter f'sikktu? X'ħin ir-rivoluzzjoni Franċiża neħħiet min-nofs kull simbolu tar-reliġjon kattolika – ir-reliġjon tradizzjonali – Robespierre ħareġ bl-idea tal-Esseri Supremi għaliex bħal induna li r-repubblika ġdida li twieldet, għalkemm ibbażata fuq id-dritt u d-demokrazija kien jonqosha xi ħaġa biex tkun leġittimata.



*Santa Sofija, Istanbul, Turkija*

**Il-periklu jqum, meta l-politikanti dgħajfa jużaw ir-reliġjon dominanti biex jilleġittimaw il-poter tagħhom bil-konsegwenza tal-oppressjoni għal dawk li huma l-minoranzi reliġjużi. L-istorja tal-kristjaniżmu hija mimlija eżempji fejn ir-reliġjon dominanti kienet użata bħala għodda kontra tagħhom; meta huma ġew mixlija b'kull għelt u b'kull delitt li qatt ma kienu ħatja tiegħu. Imma biss għaliex inzertaw kienu nsara. Dan l-aħħar kellna wkoll l-eżempju ta' vjolenza użata kontra l-kristjani fit-Turkija fejn inqatlu wkoll xi saċerdoti. Madankollu, l-istorja tixhed ukoll li f'xi soċjetajiet fejn il-kristjaniżmu sar il-kultura dominanti, l-insara njoraw it-tagħlim tal-Vanġelu u kasbru l-minoranzi ta' twemmin ieħor. L-intolleranza reliġjuża hija dejjem ħażina u għandha tiġi evitata f'kull ħin u f'kull okkażjoni. Wieħed għandu jittollera u jirrispetta t-twemmin ta' ħaddieħor. Dak li ma tridx li jiġri lilek innifsek lanqas ma għandek tagħmlu lil għajrek. U min hu għajrek huwa mfisser sew fil-Vanġelu.**

**L-era moderna rat it-twelid ta' stati li huma *"non-confessional"* jiġifieri ma għandhomx reliġjon tal-istat. Suppost l-isbaħ eżempju ta' dan hija t-Turkija. Fl-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni tat-Turkija jingħad li: "Ir-Repubblika tat-Turkija, hija stat demokratiku, sekulari u soċjali ggvernat mis-saltna tad-dritt filwaqt li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-kunċett tal-paċi pubblika, solidarjetà nazzjonali u ġustizzja, rispett lejn id-drittijiet umani, leali lejn in-nazzjonaliżmu ta' Ataturk, u msejsa fuq il-prinċipju fundamentali msemmija fir-raba' Preamboli".**

M'hemm xejn li jżomm stat li jiddikjara r-reliġjon tiegħu (*Confessional State*), jew li jintrabat mar-reliġjon dominanti tal-pajjiż, milli jkun ukoll demokratiku, u jwettaq il-garanziji meħtieġa għall-ħarsien tad-drittijiet



fundamentali tal-bniedem. Wieħed minn dawn id-drittijiet fundamentali huwa l-libertà tal-kuxjenza, il-libertà tat-twemmin. Imma kemm effettivament jista' stat li jintrabat ma' reliġjon partikolari jew li jaddotta reliġjon dominanti fil-fatt jiggarantixxi li t-twemmin prevalenti (ir-reliġjon dominanti) ma tinfluwixxix fuq ir-realtà politika u l-ħajja soċjali tal-pajjiż? Jien naħseb li ma jistax stat li jintrabat ma' reliġjon partikolari jew jaddotta r-reliġjon dominanti jiggarantixxi dejjem u f'kull każ libertà ta' kuxjenza u ta' reliġjon għal kulħadd, anki lil minoranzi li t-twemmin tagħhom huwa kuntrarju. Stat bħal dan li jipprova jdewwi lil kulħadd, meta hu stess mhux imparzjali fejn tidħol reliġjon, kmieni jew tard, jaqa' f'kontradizzjoni. **Eżempju ta' dan hu pajjiżna stess, l-Istat Malti. Wieħed jista' jara x'ġara fil-kwistjoni tad-divorzju. L-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għadu jgħodd jew m'għadux? L-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħidilna li:**

1. **"Ir-reliġjon ta' Malta hija r-reliġjon Kattolika Appostolika Rumana;**
2. **L-istat jiggarantixxi lil Knisja Kattolika Appostolika Rumana d-dritt li teżerċita liberament il-funzjonijiet u dmirijiet tagħha xierqa spiritwali u ekkleżjastiċi u tamministra ħwejjiġha".**

**Imbagħad l-artikolu 10 tal-istess kostituzzjoni jipprovdi li t-tagħlim reliġjuż fil-fidi Kattolika Appostolika Rumana għandu jkun provdut fl-iskejjel tal-Istat.**

Dan kollu għalija jfisser li l-Istat ta' Malta intrabat fil-kostituzzjoni tiegħu mar-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana u jekk mhux *"Confessional State"* fil-veru sens tal-kelma lanqas huwa stat lajk fis-sens tal-Istat tat-Turkija. Dan ifisser li meta l-Istat Malti jiġi biex jagħżel etika u morali fil-leġiżlazzjoni tiegħu u f'kull ordni li minnha temana għandu jkun iggwidat u jrid iżomm mal-prinċipji Kardinali tar-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana, mingħajr kompromessi. Meta jintiżgu u jitħabblu flimkien il-liġi u l-morali, dak li huwa legali u dak li huwa etiku, li huma meħtieġa sabiex fl-istat iżżomm il-liġi u l-ordni, huwa evidenti li l-Istat Malti jrid jaddotta l-morali u l-etika kif tippriedkaha l-Knisja Kattolika Appostolika Rumana. Il-liġijiet ta' dan il-pajjiż iridu wkoll jieħdu dik it-tonalità u jiġu infurzati wkoll b'dak il-mod, ad esklużjoni ta' kull tip ta' etika u morali oħra. Aħna m'għandniex per eżempju fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna dispożizzjoni bħalma hemm fil-preambolu tal-Kostituzzjoni Turka jiġifieri "għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' sekulariżmu, sentimenti sagri reliġjużi m'għandhomx jitħallew jidħlu fl-affarijiet tal-Istat u l-politika". Anzi naħseb, bir-rispett kollu, iżda mhux bilfors nemmen li għandu jkun hekk, li l-Istat Malti minħabba dawk id-dispożizzjonijiet fil-kostituzzjoni huwa obbligat li anke fl-affarijiet ta' stat u politika jdaħħal is-sentimenti reliġjużi tal-Fidi Kattolika Appostolika Rumana. Inkella x'valur għandu l-artiklu 2 tal-Kostituzzjoni?!

**Naf li hawnhekk għamilt *"sweeping statement"*, u ħafna jistgħu jirrispondu billi jqegħduni ma' dawk li għadhom jgħixu fil-medju evu. Imma allura jekk mhux hekk u m'għandux ikun hekk, nibdlu dawk l-artikoli fil-kostituzzjoni. Sakemm għadhom hemm, obbligati nosservawhom. Inkella nkomplu ngħixu l-kontradizzjoni. Id-dibattitu fuq id-divorzju li ppreċeda r-referendum hu eżempju ċar ta' dan.**



*Attwalità*

# "Ġieħ Għawdex 2011"
## *u attivitajiet oħra fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex ta' din is-sena*



*kitba ta'* SAVIOUR GRECH

**Waħda mill attivitajiet li ġiet imtella' nhar it-28 ta' Ottubru 2011 fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex kienet iċ-ċerimonja tal-għoti tal-unur Ġieħ Għawdex. Din l-attività ttellgħet f'Palazzo Palina – Lukanda Ta' Ċenċ, fis-Sannat. Din kienet is-seba' darba li ċ-*Circolo Gozitano* organizza din l-attività.**

Din is-sena l-unur Ġieħ Għawdex ingħata lis-Sinjura Consiglia Azzopardi, lill-Kavallier Paul Camilleri Cauchi u lis-Sur Joe W. Psaila. Il-midalji u ċ-ċertifikati tal-Ġieħ Għawdex tqassmu lir-rebbieħa mill-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Giovanna Debono.

Mrs Consigila Azzopardi ġiet mogħtija l-unur Ġieħ Għawdex bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħha b'risq ix-xogħol tal-Bizzilla. Consiglia rnexxielha tqajjem interess ġdid fix-xogħol tal-bizzilla. Hija ħadmet biex ikun żviluppat kors fiċ-Ċentru tal-Università ta' Malta li jwassal għall-livell ta' diploma fl-istudji tal-bizzilla.

Bħala awtur ta' "Gozo Lace Introduction", "Gozo Lace Selections from Diacono" u "L-Istorja tal-Bizzilla fil-Gżejjer Maltin", Consiglia daħlet għall-impenn li tirriċerka l-istorja tat-teknika tal-Bizzilla kif tinħadem f'pajjiżna u hekk imsejħa 'Maltese Lace'. Permezz tar-riċerka li preżentament qed tagħmel bħala parti mill-istudji Universitarji tagħha, is-Sinjura Azzopardi għamlet diversi skoperti. Fost dawn ta' min isemmi li skopriet li l-bizzilla kienet tinħadem f'Għawdex sa minn żmien il-Kavallieri tal-Ordni. Din ir-riċerka ser twassal biex fi żmien qasir ser ikollna l-istorja tal-bizzilla. Consiglia hi direttur tal-Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġanat u fundatur tal-*Malta Lace Guild*.

Il-Kavallier Paul Camilleri Cauchi ġie onorot bl-għotja tal-Ġieħ Għawdex bħala rikonoxximent tal-kontribuzzjoni tiegħu fil-kamp tal-arti speċjalment fejn tidħol l-arti sagra.

L-artist Pawlu Camilleri Cauchi ħa sehem f'għadd kbir ta' esebizzjonijiet artistiċi kemm personali kif ukoll oħrajn kollettivi kemm f'Malta u Għawdex kif ukoll f'diversi pajjiżi madwar id-dinja. Fost dawn ta' min isemmi l-wirja li kienet ittellgħet f'Tokyo fl-1964 fl-okkażjoni tal-logħob olimpiku u s-sehem fil-wirja "*Ignis Ardens*"(1965) f'ġieħ il-memorja tal-Papa Gwanni XXIII u l-ex President tal-Amerika J.F. Kennedy. Ix-xogħlijiet ta' Pawlu jżejnu l-ħitan ta' għadd kbir ta' djar privati, kappelli, knejjes u postijiet pubbliċi f'Għawdex , f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra. Bħala membru tal-Kunsill tal-Kultura kien issuġġerixxa t-twaqqif ta' skola tal-arti f'Għawdex.

Is-sur Joe Walter Psaila ngħata l-Ġieħ Għawdex bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu fil-kamp sportiv, fil-qasam letterarju kif ukoll fil-qasam ġurnalistiku.



Is-Sur Psaila kien kowċ ta' diversi timijiet tal-futbol f'Għawdex u tat-tim Għawdxi. Għal diversi snin kien Ċermen tal-*Gozo Sports Board*, kap tal-*Gozo Sports Complex* u Viċi-Ċermen u membru tal-Kunsill Malti għall-Isport. Joe Psaila serva wkoll bħala segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Kurrikulu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Huwa ppubblika għadd ta' esejs bil-Malti u bl-Ingliż f'diversi ġurnali. Dawn l-esejs jittrattaw temi edukattivi, u oħrajn sportivi kif ukoll temi dwar l-istil tal-ħajja Għawdxija. Joe Psaila ppubblika tliet ġabriet ta' poeżiji. Għadd ġmielu minn dawn il-poeżiji huma mnebbħin minn Għawdex u l-Għawdxin. Għal dawn l-aħħar ħames snin, Joe Psaila kien l-editur tar-rivista "*Il-Ħajja f'Għawdex*".

Bħala parti mill-attività s-Sopran Claudia Tabone akkumpanjata fuq il-pjanu minn Mro. Antoine Theuma kantat diversi siltiet fosthom xogħlijiet ta' Giacomo Puccini u Charles Gounod.

Fost mistednin distinti oħra, għall-attività kienu preżenti ukoll is-Segretarju Parlamentari fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru l-Onor. Dr. Chris Said u l-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca.

L-attività tal-għotja tal-Ġieħ Għawdex hija sponsorjata mill-HSBC.



# *Jum Għawdex*

Nhar il-Ġimgħa 28 t'Ottubru ġie mfakkar Jum Għawdex. Għalkemm it-28 ta' Ottubru 1798 hija l-ġurnata meta ntemmet it-tmexxija Franċiża ġewwa Għawdex, dan il-jum ifakkarna ukoll meta Għawdex beda jitmexxa b'awtonomija għal kważi sentejn sħaħ. Din kienet l-ewwel esperjenza ta' awtonomija fl-istorja reċenti ta' pajjiżna. F'dan il-Jum ġie mfakkar l-Arċipriet Saverio Cassar illi taħtu tmexxiet ir-rivolta li wasslet għat-tmiem tal-kolonjaliżmu Franċiż ġewwa Għawdex kif ukoll kien l-istess persuna responsabbli mit-tmexxija awtonoma t'Għawdex.

Biex jitfakkar dan il-Jum, fil-Katidral il-Kanċellier tal-Kurja Djoċesana, Mons Salv Debrincat mexxa Quddiesa fis-6.00 pm bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral u l-Kulleġġ tal-Kappillani. Animaw il-quddiesa bil-kant il-*Chorus Ecclesia Cathedralis*.

Aktar qabel, fil-5.30ta' filgħaxija sar marċ mill-Banda Viżitazzjoni tal-Għarb minn Pjazza Indipendenza (It-Tokk) sal-Pjazza tal-Katidral akkumpanjat mis-Sindki u Kunsilliera flimkien ma' membri mill-*Victoria* u mix-*Xagħra Scout Group*.

Wara l-quddiesa sar Marċ mill-Banda Viżitazzjoni, mill-Pjazza tal-Katidral sa Pjazza Indipendenza (It-Tokk) fejn saret ċerimonja tat-tqegħid ta' kuruna tal-ward u diskors tal-okkażjoni mill-President tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex l-Avukat Samuel Azzopardi. Wara sar riċeviment ġewwa s-Sala tal-Kunsill tal-Belt Victoria.

Filgħodu studenti minn diversi skejjel f'Għawdex fakkru diversi personalitajiet Għawdxin, billi ħadu sehem b'qari ta' bijografiji u tqegħid ta' kuruni ma' diversi monumenti.

**L-istudenti wara nġabru quddiem il-monument tal-Arċipriet Saver Cassar fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk). Il-Prinċipal tal-*Gozo College*, il-Kavallier Frank Gatt għamel diskors tal-okkażjoni fejn ġie spjegat is-sinifikat ta' dik il-ġrajja. U wara tpoġġew kuruni tal-ward mill-Ministru Giovanna Debono u minn Vincent Grech, *chairman* tal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali. Iċ-ċerimonja spiċċat bil-kant tal-Innu Malti.**

Il-Kor tal-Iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex, taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mariella Spiteri Cefai kanta l-Innu lil Għawdex; l-Innu tal-kulleġġ; l-Innu lil Saver Cassar, kompożizzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai u versi ta' Anton F. Attard kif ukoll l-Innu Malti.

Għaċ-ċerimonja ta' filgħaxija kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Avukat Chris Said u l-Avukat Joe Ellis, president taċ-*Circolo Gozitano*.

## Xejn u Xejn

*minn* **J. W. Psaila**

Nista' ġewwa palazz ngħammar,
li tal-għana jkollu l-milja
u kull kamra tkun mżejna
bil-bizzilla ta' Consiglia.

Jista' fih wieħed jitgħaxxaq
u fil-arti jqatta' ħinu
biex jammira opri mnebbħa
minn id Pawlu ta' Wistinu.

Nista' ngħaddi mill-eżami
u nġib mija minn mija;
nista'nirbaħ b'biljett wieħed
l-iprem premju f'lotterija.

Tista' ttini ż-żaffiri
aktar milli tesa' idi;
xejn u xejn ma jferraħ qalbi
daqs l-unur ta' art twelidi.

Qalbi tħabbat għal did-dwejra;
fin-nies tagħha nżomm il-fidi;
fejn se mmur ma nħossx il-ġibda
għal dil-gżejra, art twelidi.

Nista'niġri ndur id-dinja
u nittama li nsib ġidi,
'mma ġo qalbi mnaqqxa linja
turi dritt lejn art twelidi.

## Għaliex?
## (f'Jum Għawdex 2011)

*minn* **Alfred Grech**

Għaliex ftit jafu b'dan il-jum ewlieni
meta l-Għawdxin sidien f'ħwejjiġhom saru,
irmew il-madmad u l-irbit sewdieni,
kulħadd sar ħieles jgħammar ġewwa daru ?

Qassis kien hemm, qalbieni, hu mexxihom,
minn ta' quddiem, u moħħu kien jilħaqlu ...
Imbagħad lagħbuh, il-biża' għamel bihom.
Sa fl-aħħar mafkar għandu kif jixraqlu.

Ferħa bla temma kienet għal dil-gżira.
Dawk li l-Maltin stednuhom biex mexxewna
neħħew kull għelm u ħassru kull tifkira
li kellna, kollox ħadu biex nessewna.

Jekk ta' qabilna naqsu li jiktbuha,
dil-ġrajja rridu llum aħna nfakkruha.

*Ftit fatti u kummenti*

# Ħsibijieti fiċ-Ċimiterju... Hawn it-tmiem jew il-bidu?



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Ix-xahar ta' Novembru huwa magħruf bħala x-xahar tal-Erwieħ jew tal-Mejtin. F'dan iż-żmien ħafna jmorru jżuru ċ-ċimiterji, jiftakru fil-għeżież tagħhom. L-irħam kiesaħ tal-oqbra jkunu miksijin bi fjuri sbieħ u xegħmat li donnhom għal ftit inessuna mill-kruha tal-mewt imma fl-istess ħin ifakkruna fil-mortalità tagħna.**

Jiena ma' tantx inħobb inżur iċ-ċimiterju f'Novembru għax is-skiet u l-għana tal-għasafar fuq is-siġar taċ-ċipress li normalment ikun hemm jinkiser mill-ġeġwiġija u l-istorbju tan-nies deħlin u ħerġin. Iċ-ċimiterju huwa post ta' riflessjoni, ta' ġabra u ta' skiet sollenni. Dawn il-ħsejjes umani itellfuni mill-ġabra u l-ħsibijiet tiegħi li jkolli meta mmur iċ-ċimiterju.

Il-mewt mhix sellettiva imma ugwali għal kulħadd, kemm nies importanti jew famużi, kif ukoll għall-irġiel u n-nisa komuni. Il-mewt hija enigma u inevitabbli u hija parti minna daqs kemm hija l-ħajja. Fil-fatt il-ħajja hija proċess kontinwu ta' mwiet u twelid. Min imut jagħmel wisa' għal ta' warajh. U Alla ħares ma kienx hekk! Dan huwa ċiklu naturali li ilu jeżisti sa mill-bidu tal-ħolqien. L-idea klassika *Memento Mori* hija frażi Latina li tiddikjara b'mod ċar għall-bnedmin kollha, "Ftakar li inti trid tmut!"



Minkejja l-apparenza ta' barra u t-tip ta' rħama li jkollna fuq il-fdalijiet tagħna taħt din l-apparenza artifiċjali, m'hemm l-ebda differenza bejn in-nies kbar u dawk komuni. Anzi hemm tista' ssib midfuna nies li l-karatteristiċi tajba tagħhom qatt ma' kienu apprezzati jew forsi t-talenti tagħhom kienu sempliċement injorati jew qatt ma kienu sfruttati mhux tort tagħhom imma tad-destin li kellhom. Dawn kienu nies onesti, twajbin, u sempliċi li għexu mingħajr ma' daqqew trombi biex isiru magħrufa u popolari. Il-mewt tgħolli l-bniedem komuni u tbaxxi lil bniedem kbir u tqegħdhom it-tnejn fuq l-istess livell!

Il-mewt hija kerha għax magħha tispiċċa ħesrem l-għaqda tal-familja, tal-ħbieb, il-kuntentizza u dak kollu li kien jagħtina gost u sodisfazzjon fil-ħajja. Min-naħa l-oħra xejn ma jista' jġib lura l-mejtin għall-ħajja, u l-vantaġġi li l-għonja kellhom fil-ħajja huma inutli fil-wiċċ tal-mewt. La l-monumenti kbar fuq l-oqbra elaborati u lanqas l-unuri impressjonanti li kellhom ma' jistgħu jġibu lura l-ħajja. Lanqas il-kliem ta' tifħir li normalment insibu miktuba fuq l-oqbra ma jistgħu b'xi mod iservu biex jibdlu d-deħra kerha tal-mewt. Il-mewt għandha t-testment tagħha stess li ħadd ma' jista' jibdlu!

Niftakar li meta mort Moskow fir-Russja qabel il-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin kienu ħadūna naraw il-Musulew fejn hemm il-ġisem mejjet ta' Lenin. Għall-komunisti dan huwa post sagru u ara ma jfettillekx titkellem jew tagħmel xi mossa meta tkun hemm ġew. Minkejja dan, illum Lenin tilef din il-qima li kien igawdi u ftit għadhom iħarsu lejh bħala l-idolu li kien darba.

In-nies setgħana tal-qedem kienu jaħsbu li l-ġid li kellhom fid-dinja setgħu jeħduh magħhom wara mewthom u għalhekk kienu jibnu oqbra kbar immensi fejn kienu jpoġġu ħdejhom ħafna ġid li kien jikkonsisti minn deheb, fided u rikkezzi oħra. Għalhekk kienu jaħbu l-qabar ta' dawn is-slaten f'labirinti ta' mini biex il-ħallelin ma kinux isibu tarf ta' fejn kien hemm moħbi dak il-ġid kollu. Hekk kienu jagħmlu l-Fargħuni tal-Eġittu u s-slaten tal-Majja tal-Amerika tan-Nofs li kienu jibnu piramidi u bini kbir ieħor m'għola dinja biex jindifnu fihom. Barra minnhekk kienu jiktbu kitba bi kliem tal-biża' biex min jipprova jisraq dawn l-oqbra kien jibża' meta jaqra dawn il-kitbiet li kienu jissejħu "sħati" għax kienu intenzjonati biex iġibu



*Dehra mill-ajru tas-Santwarju u ċ-Ċimiterju tal-Kunċizzjoni fil-Qala*

saħta fuq min imiss il-qabar. Naturalment maż-żmien dawn ir-rikkezzi xorta nsterqu u ftit baqgħu jagħtu każ ta' dawn il-ħafna superstizzjonijiet jew qerq.

Għalhekk min jaħseb li qabru huwa żgurat għal dejjem huwa żbaljat. Maż-żmien ċimiterji sħaħ twittew biex jibnu fuqhom proġetti kbar. Mhux talli hekk talli f'ħafna pajjiżi lill-mejtin jaħarquhom u jżommu biss l-irmied. Din hija iktar ekoloġika u wara kollox iktar tagħmel sens illum għax aħna ngħidu rmied konna u rmied nerġgħu niġu! Illum qed jidħol metodu ieħor fejn lill-mejtin jdewbuhom fil-aċidu u jsiru ilma li jkun tajjeb għall-agrikultura. Kieku għad indaħħlu xi metodu minn dawn żgur li ma jkollniex problemi mal-Mepa biex tagħtina permessi biex inkabbru ċ-ċimiterji tagħna!

Meta nkunu għadna ħajjin ma' għandniex għalfejn naħsbu li aħna aħjar minn ħaddieħor jew superjuri għal ħaddieħor. L-oqbra sbieħ tas-sinjuri mhumiex ser jagħmluk aħjar minn ħaddieħor wara li tmut! Nafu li ħafna nies li taw patrimonju kbir lid-dinja fosthom il-ġenju tal-mużika Amadeus Mozart kien midfun ġo xkora f'qabar komuni mingħajr l-ebda lapida jew qabar sabiħ, imma l-patrimonju mużikali tiegħu jibqa' għal dejjem.

Iżda ħsibijieti ma' jinfirxux biss fuq l-oqbra miksija bl-irħam iswed jew abjad u bil-fjur sbieħ u l-lapidi li jżejnuhom imma jmur lil hemm minn din id-dinja. X'ser jiġri wara li mmutu? Mistoqsija li mhux kulħadd jaf iweġibha. Biss kull min jemmen f'Alla jaf li hemm ħajja oħra. Għalhekk m'hemmx għalfejn li nibzgħu mill-mewt, għaliex il-mewt mhi xejn aktar milli aħna nkunu sejrin id-dar għand Alla... jekk tassew nemmnu fiH. Kliem Kristu jassigurana li "Min jemmen fija ma jmut qatt."

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# L-Aħħar Ktieb ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi




**Għeluq l-ewwel sena mill-mewt tal-Isqof Emeritus Mons Nikol G. Cauchi, għadu kemm ħareġ dan il-ktieb interessanti "Il-Misteru tal-Ewkaristija" li nistgħu ngħidu kien l-aħħar xogħol li ħareġ mill-pinna ta' dan l-awtur prolifiku li mexxa d-Djoċesi Għawdxija għal tmienja u tletin sena sħaħ, u li matul ħajtu ma waqafx jikteb u jippubblika għax kien jemmen li l-kitba għandha ħafna saħħa fil-formazzjoni u l-iżvilupp tal-persuna umana.**

Din il-pubblikazzjoni ħarġet fuq xewqa tad-Djaknu John Meilak, illum saċerdot li kien talab lil Mons Cauchi biex jiktiblu xi ħaġa biex ikun jista' jqassamha fl-okkażjoni tal-festa tal-*Prima Messa* tiegħu. Mons Cauchi kellu għadd ta' artikli dwar l-Ewkaristija li kienu dehru fir-rivista *'Il-Ħajja f'Għawdex'* u billi saħħtu dan l-aħħar kienet sejra għall-agħar, kien talab lis-Segretarju tiegħu Dun Renato Borg (illum Monsinjur) biex jiġborhom u jgħaddihom lid-Djaknu biex dan ikun jista' joħroġhom fi ktieb kif fil-fatt sar. L-Isqof Emeritus ma laħaqx ra din l-opra tiegħu midmuma fi ktieb billi l-Mulej sejjaħlu għal għandu fil-15 ta' Novembru 2011.

Il- produzzjoni u qari tal-fili kienu fdati f'idejn Francesco Pio Attard waqt li l-ktieb mitbugħ għand il-BCD Printing Ltd tal-Belt Victoria fuq karta tassew fina u tipa ċara ferm. Fuq il-qoxra ta' quddiem tidher l-isfera Ewkaristika tal-fidda li tintuża fil-liturġiji sollenni ta' matul is-sena fil-Katidral t'Għawdex (ritratt Daniel Cilia: disinn Dun Krystof Buttigieg).

Dwar il-kontenut hemm ħafna xi tgħid u x'titgħallem. L-Isqof Cauchi jieħu sittax-il kapitlu biex iwassal il-messaġġ u t-tagħlim tiegħu dwar dan il-Misteru hekk kbir u jibda billi jfisser il-kelma 'Ewkaristija' u jispjega kif jeżistu ismijiet oħra li jingħataw lil dan il-Misteru, bħal ngħidu aħna: l-Ikla tal-Mulej, il-Qsim tal-Ħobż, il-Ġemgħa Ewkaristika, il-Quddiesa jew is-Sagrifiċċju Qaddis, it-Tqarbin, is-Santissmu Sagrament, inkella l-Liturġija Divina.

L-awtur jissokta jgħidilna li l-fidi tagħna fil-Misteru tal-Ewkaristija tinbena fuq ir-rivelazzjoni li tagħha għandna xhieda kemm fil-Bibbja kif ukoll fit-Tradizzjoni tal-Knisja. Jitkellem imbagħad dwar l-istituzzjoni tagħha li tmur lura lejn l-Aħħar Ċena li l-Imgħallem Divin kien għamel mal-Appostli tiegħu qabel ma beda l-Passjoni ħarxa tiegħu. L-Aħħar Ċena li fuqha jitkellmu s-Sinottiċi u l-Appostlu Missierna San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin hija ikla ta' sagrifiċċju li tħabbar minn qabel il-mewt redentiva ta' Kristu, kif jiddikjaraw il-kelmiet: "Ġismi mogħti għalikom" (Lq u 1 Kor) u "Demmi mxerred għall-fidwa" (Lq) u "għall-kotra" (Mk u Mt).

Bla dubju l-Isqof jitkellem dwar is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa għax kif tista' tifred l-Ewkaristija mill-Quddiesa! Il-Quddiesa tissejjaħ sagrifiċċju latrewtiku, jiġifieri li bih naduraw lill-Ħallieq u s-Sid tagħna; hija wkoll sagrifiċċju Ewkaristiku, fi kliem ieħor magħmul bil-ħsieb li nizżu ħajr lill-Mulej għall-ġid kollu li jagħtina. Bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, inpattu għal dnubietna u b'hekk tinħafrilna wkoll għall-inqas parti mill-piena jew kastig temporali li jisthoqqilna għalihom. Mons Cauchi jissokta jgħallimna li l-membri kollha tal-Knisja jgawdu mill-'frott' jew il-ġid spiritwali ta' kull Quddiesa li titqaddes; b'mod speċjali jieħdu mill-frott tas-sagrifiċċju Ewkaristiku l-persuni li għalihom tkun offruta l-Quddiesa u dawk kollha li jkollhom sehem attiv fiha, allura s-saċerdot li jqaddes u dawk li jkunu preżenti.

F'kapitlu ieħor l-awtur jgħidilna kif l-Ewkaristija hija l-ikbar Sagrament il-għaliex filwaqt li s-sagramenti l-oħra fihom il-qawwa li jipproduċu l-grazzja, fit-Tqarbin mhux hekk biss, imma hemm realment Kristu nnifsu, l-Awtur ta' kull grazzja, u li minnu ġejja kull qdusija. Xi wħud mis-Sagramenti nirċevuhom darba biss f'ħajjitna, iżda l-Ewkaristija hija magħmula biex nirċevuha ta' spiss u anke kuljum. Is-Sagramenti l-oħra għandhom l-Ewkaristija bħala ċ-ċentru tagħhom għax kif jgħallem San Tumas t'Aquino, xi wħud minnhom iħejju għaliha, bħalma huma l-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof, l-Ordni Sagri u l-Qrar, u s-sagramenti kollha jieħdu l-qawwa tagħhom mis-sagrifiċċju ta' Kristu li jinsab fl-Ewkaristija.

Il-kittieb ma jonqosx li jgħidilna x'inhuma d-dispożizzjonijiet spiritwali u korporali li n-nisrani jrid ikollu qabel ma jersaq biex jirċievi l-Ewkaristija. Biex ma ntawwalx bla bżonn mhux se noqgħod nelenkahom hawnhekk imma nissuġġerilkom tiksbu kopja tal-ktieb m'għand il-librara ewlenin inkella mingħand il-*Lumen Christi Media Bookshop* ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria. L-Isqof jitkellem ukoll dwar Il-Ministru tal-Ewkaristija u t-Tqarbin kif ukoll dwar L-Elementi Kostituttivi tas-Sagrament tal-Ewkaristija. L-aħħar żewġ kapitli tal-ktieb jittrattaw dwar l-Adorazzjoni quddiem Ġesù fit-Tabernaklu u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, Il-Barka Sagramentali, il-Purċissjonijiet u l-Kungressi Ewkaristiċi. Il-ktieb jagħlaq bi profil dwar l-Isqof Emeritus Mons Nikol G. Cauchi mħejji minn Rev Dr Mons Joseph Bezzina.

Naqbel perfettament ma' dak li qal fi tmiem il-profil tiegħu Mons Bezzina li l-Isqof Cauchi mhux se jintesa malajr mill-memorja u mill-affett tal-Għawdxin kollha, b'mod ġenerali l-iktar minn min kellu x-xorti li jsir jafu mill-qrib.

***Kav Joe M Attard***

KOTBA
Minn Għawdex

# Ktieb ġdid għal żmien l-Avvent

***Lawrenz Sciberras, (Mons) "ĠEJ BIEX ISALVANA", 174 paġni, 6 ewro, Gozo Press. Jinkiseb mil-'Lumen Christi Bookshop,' Victoria.***

Ma naħsibx li nkun nitbiegħed mill-verità jekk ngħid li llum ninsabu fi żmien li fih il-ktieb jinsab fi kriżi. Dak li rrid ngħid hu li minħabba l-era teknoloġika u tal-kompjuter ħafna minna llum jippreferu jżuru l-internet biex jiksbu dak li jeħtieġu milli jfittxu fil-ktieb. Iżda jiena nemmen li l-era tal-kitba qatt ma jgħaddi żmienna, u nemmen li għad fadal ħafna bżonn ta' min jiddedika ħafna ħin u enerġija biex jgħallem bil-kitba.

Mons Lawrenz Sciberras biblista, żgur li huwa wieħed minn dawk li fejn tidħol kitba u kotba **offra kontribut qawwi ħafna biex jgħallem u jispjega lill-poplu l-messaġġ ta' Alla.** Huwa sa minn ħafna snin ilu daħal għal ħidma wisq utli u offra lil min irid jaqra u jitgħallem sensiela sħiħa ta' kotba u artikli li dejjem is-suġġett tagħhom idur mal-Kelma ta' Alla. Anke dawk li semgħuh jippriedka, u li bla dubju huma ħafna, qatt ma jinsew l-istil ċar, sempliċi u fl-istess ħin profond tiegħu. Għandu kelma li tikkonvinċik u tħarrkek biex tinteressa ruħek f'dak li jkun qiegħed jgħid.




Issa l-Monsinjur reġa' offrielna ktieb ieħor, mimli tagħlim. Dan il-ktieb jismu "Ġej Biex Isalvana". L-isem tal-ktieb jindika li l-iskop tiegħu huwa li **jgħinna nqaddsu ż-żmien għażiż tal-Avvent**. Kien ilu ħafna jinħass il-bżonn li jkollna għodda utli biex wieħed jirbaħ tentazzjoni komuni f'dan iż-żmien, jiġifieri li jitfa' l-attenzjoni kollha tiegħu fuq dak li huwa materjali jiġifieri ikliet, rigali, *parties*, safar u l-bqija. Dawn aktar jaljenawna mill-veru sens ta' żmien l-Avvent u l-Milied. Dan il-ktieb wieħed jista' jibqa' jużah mhux biss is-sena imma jibqa' jirreferi għalih ta' kull sena biex hekk huwa jidħol aktar fil-fond tal-misteru li nitħejjew għalih.

F'dan il-ktieb huwa jibda billi joffrilna informazzjoni biblika dwar numru ta' personaġġi prinċipali li għaġnu din l-akbar ġrajja tal-umanità. Naħseb li dan il-ktieb joffrilna **aktar minn sempliċi informazzjoni** dwar is-Sultan David, Ġwanni l-għammiedi, Ġużeppi l-mastrudaxxa, Marija u fuq kollox l-Emanweli. B'dan it-tagħrif, wieħed jimmedesima ruħu aktar u jidħol fil-misteru infinit ta' Alla magħmul bniedem.

Fit-tieni taqsima l-awtur joffri **materjal utli immens kemm għas-saċerdoti** u anke għal-lajċi; dan jikkonsisti f'sett ta' omeliji għall-erba' Ħdud tal-Avvent, A,B,C. L-aqwa mod li bih wieħed iqaddes dan iż-żmien u jitħejja b'mod għall-Mulej li ġej huwa billi jgħix il-Kelma t'Alla li tixxandrilna kull nhar ta' Ħadd. F'din it-taqsima hawn materjal għall-**Lectio Divina**, prattika li saret tant komuni. Għalhekk hawn il-Mons Sciberras qiegħed joffrilna opportunità kbira biex kemm aħna saċerdoti kif ukoll il-lajċi ngħixu l-Kelma ta' Alla li fil-milja taż-żmien saret bniedem.

L-aħħar parti tal-ktieb hija dik li fih il-Mons jispjegalna **l-antifoni l-kbar tal-Avvent** li jingħadu **mis-7 sat-23 ta' Diċembru**. Dawn l-antifoni kienu jitkantaw bħala parti mit-tifħir lil Kristu l-Emmanweli. Forsi fi żmienna ftit għadna napprezzaw **is-sbuħija u l-għerf miġbur fi ftit kliem** li fihom. Hawn bi spjegazzjoni biblika l-aktar profonda nistgħu nifhmu aktar imħabbet Alla għalina kif ukoll kemm hija għanja l-liturġija. Fl-aħħar hemm ukoll dawn l-antifoni bil-Latin u bil-mużika Gregorjana kif kienu jitkantaw. Dan huwa ħsieb tassew ta' min ifaħħru.

**Aqbad, ixtri u ibda aqra dan il-ktieb u tagħtini raġun** meta ngħidlek kemm tifhem aktar u tapprezza iżjed il-liturġija u l-qari li jinstema' fil-knejjes tagħna matul jiem l-Avvent. Dan il-ktieb tal-Mons Sciberras għandu jkun ta' xprun biex iħeġġiġna nħobbu aktar lil dak li San Ġorġ Preca kellu tant devozzjoni lejh: "L-Iben t'Alla sar Bniedem u għammar fostna". (Ġw 1,14).

***Fr Edward Vella***

*Kulħadd iparla dwar il-Kuxjenza... imma nafu SEW x'inhi?*

# ĦAMES PUNTI IMPORTANTI DWAR IL-KUXJENZ

*(Siltiet minn artiklu li deher fl-Osservatore Romano tal-5 ta' Ottubru 2011 miktub mill-Professur* ***Hermann Geissler F.S.O.*** *Director of the International Center of Newman Friends, Rome, bit-titlu:* ***Card. John Henry Newman: Teacher of Conscience.****)*

## 1 L-EWWEL PUNT: AWTONOMIJA?

Il-Kardinal Newman kien jilmenta li x'uħud min-nies ta' żmienu kienu jinterpretaw ħażin il-kelma "kuxjenza". Hu jgħid :

"Meta n-nies jitkellmu dwar 'id-dritt tal-kuxjenza', ma jkunux jifhmu

- id-dritt ta' Alla l-Ħallieq
- u d-dmirijiet tal-bniedem lejn Alla li ħalqu.

Bil-kelma 'kuxjenza', in-nies ma jifhmux li hi 'l-eku tal-leħen t'Alla'.

- Iżda għalihom il-kuxjenza tfisser : *the right of self-will* – id-dritt li nagħmel li rrid."



***L-istess konfużjoni fi żmienna***

Hermann Geissler jgħid li l-istess konfużjoni teżisti llum. Fil-ħsieb modern, il-kelma 'kuxjenza' tfisser

- l-opinjoni personali
- il-*feelings* tiegħi
- *my self will*

jiġifieri 'kif naħsibha'
'kif inħoss jien'
'kif niddeċiedi jien'

Għal bosta nies ta' żmienna, il-kuxjenza

- m'għadhiex tfisser ir-responsabbiltà tal-bniedem lejn Alla
- iżda tfisser 'indipendenza' u 'awtonomija' sħiħa minn Alla.

Fiż-żmien tal-lum dan is-santwarju ġie "desakralizzat". M'għadux post sagru għaliex Alla ġie mkeċċi mill-kuxjenzi.

Il-kelma "kuxjenza" saret "kunċett" mingħajr l-ebda riferenza għal Alla.

## 2 IT-TIENI PUNT: "SANTWARJU"

***Xi tfisser "il-kuxjenza" għall-Kardinal Newman?***

- Il-kuxjenza mhix "awtonoma" iżda "**theonoma**", jiġifieri għandha relazzjoni ma' Alla.
- Il-kuxjenza hi **santwarju** fejn Alla jitkellem intimament u personalment ma' kull bniedem.
- Il-kuxjenza hi **messaġġiera minn Alla**. Alla Ħallieq naqqax il-Liġi fil-qalb ta'kull bniedem. Kull bniedem jista'f'moħħu jifhem din il-Liġi.

## 3 IT-TIELET PUNT: L-UBBIDJENZA

***L-Awtorità tal-Kuxjenza u l-awtorità tal-Papa.***

- L-awtorità tal-Papa hija msejsa fuq ir-Rivelazzjoni. Il-veritajiet rivelati Alla fdahom f'idejn il-Knisja biex tħarishom u tinterpretahom b'mod infallibbli.
- Jekk il-bniedem jaċċetta l-missjoni tal-Knisja bil-fidi, l-istess kuxjenza tiegħu tikkmandah **jagħti widen u jisma'** lill-Papa u lill-Knisja.
- **Il-kuxjenza mdawla bil-fidi** twassal għall-ubbidjenza matura lejn il-Papa u l-Knisja.
- Min-naħa l-oħra, il-Papa u l-Knisja jdawlu l-kuxjenza u jorjentawha.

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# Z A MILL-BEATU KARD. JOHN HENRY NEWMAN




## 4 IR-RABA' PUNT: BLA KONFLITT

***Jista' qatt jiġri li l-Knisja tgħidlek mod u l-kuxjenza tgħidlek mod ieħor?***

Il-Kardinal Newman iwieġeb li:

- Huwa impossibbli li l-kuxjenza tiġi f'konflitt mad-Duttrina u mat-Tagħlim Morali tal-Knisja. Għax il-Knisja hija **l-għassiesa infallibbli** tal-veritajiet rivelati, filwaqt li l-kuxjenza ma għandha l-ebda awtorità fi kwistjonijiet fejn jidħlu veritajiet rivelati.
- Mela jekk xi persuna taħseb li għandha twarrab xi verità mid-duttrina ta' Kristu bl-iskuża li l-kuxjenza tagħha qed tgħidilha hekk, dan juri li l-kuxjenza tagħha mhix imdawla u mhix iffurmata mill-fidi u mill-Knisja.

Il-Kardinal Newman jisħaq li "il-Kuxjenza u l-Knisja jaħdmu flimkien id f'id."

Min jikkwota lil Newman bl-iskop li jpoġġi l-awtorità tal-kuxjenza f'konflitt mal-awtorità tal-Knisja, jkun qiegħed jinterpreta ħażin lill-Kardinal Newman.

- *"Each of the authorities (conscience and the Church) remains dependent and linked to the other" – jgħid il-Professur Geissler*

## 5 IL-ĦAMES PUNT: MAL-VERITÀ

***"Il-kuxjenza u l-Verità Oġġettiva huma partners."***

Il-Professur Geissler jgħidilna li l-Kardinal Newman jgħinna nifhmu d-dinjità tal-kuxjenza, mingħajr qatt ma tmur kontra l-verità oġġettiva.

- "Newman qatt ma jasal li jgħid **IVA** għall-kuxjenza imma **LE** għal Alla, għall-Fidi u għall-Knisja.
- Għall-kuntrarju, Newman jgħid **IVA** għall-kuxjenza mela IVA għal Alla, għall-Fidi u għall-Knisja.

***"Conscience and Truth belong together in partnership. They support and enlighten each other. Indeed obedience to conscience leads to obedience to the Truth."***

Bil-Malti :

"Il-Kuxjenza u l-verità oġġettiva huma msieħba. Huma jsostnu u jdawlu lil xulxin. Tant li l-ubbidjenza lejn il-kuxjenza twassal għall-ubbidjenza lejn il-verità."

**KUXJENZA RETTA MA TMUR QATT KONTRA L-VERITÀ TA' ALLA**

*Kif niftakar lill-Isqof Cauchi*

# *It-tifel tas-Sagristan*
## *- x'jiftakru n-nies tal-Għarb dwar it-tfulija tal-Isqof Nikol Cauchi*



*kitba ta'* **JOSEPH W. PSAILA**

***F'għeluq is-sena mill-mewt tal-Isqof Nikol Cauchi, Joseph W. Psaila avviċina xi persuni, x'uħud minnhom anzjani mill-Għarb, ir-raħal fejn twieled u trabba' dan l-Isqof maħbub, biex jiġbor tagħrif sabiex insiru nafu dwar it-trobbija u t-tfulija tiegħu. F'dawn il-paġni dan it-tagħrif huwa ppreżentat lill-qarrejja ta' din ir-Rivista.***

Meta Ċikku, anzjan mill-istess raħal tal-Għarb u ġar tal-familja tal-Isqof Cauchi, għalaq l-età venerabbli ta' 100 sena, l-Isqof għamillu żjara ta' korteżija. "Nikol", qallu Ċikku, "kemm dam sagristan missierek darba biss ma daħalx għax-xogħol. Kien ġie għandi u talabni nagħmillu pjaċir u mmur nieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-knisja minfloku għal dak il-jum. 'Qegħdin nistennew tarbija', kien qalli. Jiena dħalt għax-xogħol minfloku bil-qalb kollha; mbagħad sirt naf li dik it-tarbija li twieldet kienet int."

Kolinu kien it-tifel il-kbir tas-sagristan fi żmien meta l-knisja tal-parroċċa kienet fil-qalba tal-ħajja spiritwali u soċjali tar-raħal. Minn ċkunitu Kolinu kellu d-don ta' mexxej. Hu kien iħabrek biex jiġbor it-tfal li kienu joqogħdu fit-triqat ta' madwar id-dar tal-familja tiegħu. Fid-dar kellhom kamra laterali bil-bieb għat-triq. It-tfal Għawdxin ta' dak iż-żmien kienu kważi kollha jħobbu jilagħbu billi jirrectaw rwoli u ċelebrazzjonijiet li kienu jaraw fil-knisja. Imma din ta' Kolinu kienet xi ħaġa speċjali. Fil-kamra laterali kellu artal armat bħal tal-knisja u hemm kien jiġbor it-tfal kollha subien u bniet, sa ma' l-kamra tkun mimlija. "Konna noqogħdu bilqiegħda fl-art u hu jagħmlilna priedka u xi funzjonijiet oħra," qaltilna waħda anzjana. "Barra minn hekk kien iħobb jiġborna fl-isqaq faċċata tad-dar tiegħu. Darba niftakar għamel il-festa tal-Viżitazzjoni u għamilna purċissjoni b'żewġ subien quddiem iżommu santa kemxejn kbira tal-Madonna u Santa Eliżabbetta. Dan, ta' tfal li konna, kien kollu jsir b'sollennità u b'serjetà kbira. Ilkoll kemm aħna konna nobduh u nirrispettawh ħafna."



*"Kolinu" ma' oħtu Tereżina*

Meta t-tifel tfarfar xi ftit, missieru kien jieħdu miegħu sabiex jagħtih daqqa t'id żgħira fit-tindif tal-knisja. Darba ta lit-tifel kamra żgħira fis-sagristija biex jiknisha waqt li hu mar inaddaf fil-knisja. Ftit tal-ħin wara, missieru ġie lura biex jara l-faċenda tat-tifel kinitx intemmet. "Lestejtha", qallu ż-żgħir. Missieru ta daqqa t'għajn madwar, u wieġbu: "Jekk tul għomrok il-kuxjenza tnaddafha hekk, ikollok ħafna x'tagħmel fil-purgatorju." Snin wara l-Isqof kien jgħid li dakinhar dan il-kliem ma tantx kien fehmu, iżda meta kiber kien irrifletta fuqu u baqa' jiftakru.

### *La mhux ħaddied, mela isqof*

Kolinu minn dejjem kien iħobb il-ktieb u l-istudju. Kien imur għand nanntu regolarment u joqgħod sigħat sħaħ jaqra l-gazzetti, rivisti u kotba taz-zijiet tiegħu Dun Bernard u Dun Vinċenz. Kien tifel fuq tiegħu. Kultant kien ifettillu jsib il-pipa ta' zijuh u jiġbed xi nifs 'il ġewwa wkoll – u jinqabad għax taqbdu tqaħqiħa li ma kienx ikun jista' jaħbiha.

Fil-vaganzi tas-sajf, Kolinu kien iħobb imur jgħin lil zijuh Peppi li kien ħaddied. Ix-xogħol tat-tifel kien li jdawwar il-manku biex in-nar fil-forġa jibda jaqbad. Darba ta' tifel li kien fettillu jagħmel praspura li swietlu tagħlima. Bil-moħbi tafa' xi materjal fil-forġa. Peppi zijuh induna u wara li tah ċanfira prima, kellu jnaddaf sewwa l-forġa sa ma' seta' jpoġġi l-faħam u jqabbad in-nar. Madankollu, darba l-ħaddied qal lil omm Koli: "Ġużeppa, t-tifel ikun jinqala' ħafna għal ħaddied." Fil-fatt, kultant ħafna snin wara, l-Isqof ġie li semgħuh jgħid: " Forsi kieku ma għamlunix isqof, kont insir ħaddied."

### *Meta ħaseb li kien eroj… imma l-arċipriet ħaseb mod ieħor*

Fi tfulitu kienet bdiet il-gwerra. F'dawk is-snin kien hawn f'Għawdex ħafna suldati Ingliżi stazzjonati qrib l-Għarb. It-tfal tar-raħal kienu jieħdu pjaċir jarawhom jimmarċjaw u jagħmlu l-manuvri. Kolinu beda jiġbor it-tfal subien biex jilagħbu ta' suldati. Hu kien jagħmilha tal-*leader* tagħhom u jagħti l-ordnijiet; huma kienu jobdu b'għajnejhom magħluqa. Kienu jagħmlu taparsi l-manuvri u attivitajiet militari oħra fl-għelieqi



"Kolinu" fil-parti ta' Kajfa fi dramm tal-Passjoni

ta' madwar. L-armi tagħhom kienu jkunu biċċiet tal-injam, sintendi pprovduti lilhom mill-'ġeneral'! Darba kienu jilagħbu qrib l-għolja Ta' Għammar u ħin bla waqt beda *air raid*. It-tfal twerwru għaliex l-ajruplan tal-għadu għadda fil-baxx. Kien dakinhar li l-istess ajruplan kien fetaħ in-nar fuq Pjazza Savina fir-Rabat, għamel ħsarat u qatel xufier ta' xarabank. Qalulna qraba tal-Isqof, li dakinhar Koli u s-suldati tiegħu ġrew lejn Ta' Pinu biex jirringrazzjaw lill-Madonna li ħelsithom mill-gwaj.

Kolinu kien indiehes ma' wieħed mis-suldati Ingliżi u xtaq kieku jagħtih rigal żgħir. Kolinu mar jgħid lil ommu u din kif kienet għadha tasal mill-forn tatu kagħka biex jagħtihielu. Dak is-suldat tant ħa gost u xtaq li jpattilu dak il-ġest. Kulma kellu fil-but kien daqsxejn ta' *wallet* li fih kien hemm kurċifiss żgħir u taħtu, 'att tal-indiema' miktuba bl-Ingliż. Ħarġu u offrih lit-tifel. Kolinu ħadu u baqa' jgħożżu.

Jum fost l-oħrajn, kontinġent militari stazzjonat fil-qrib tar-raħal ried jagħmel xi manuvri madwar il-misraħ tal-Għarb. Minħabba l-fatt li Kolinu kellu l-ħila jitkellem bl-Ingliż, xi uffiċjal tal-armata stiednu biex jgħinhom billi xħin jagħtih is-sinjal, hu kellu jdoqq tokk mill-kampnar tal-knisja. Ħafna snin wara l-Isqof kien jirrakkonta, kemm kien qed jieħu pjaċir u japprezza jara l-manuvri minn ġol-kampnar, u fl-istess waqt iħossu eroj li qed jieħu sehem f'biċċa xogħol bħal dik. Imma dan kollu ntemm ħesrem xħin deher fil-misraħ l-arċipriet u beda jgħajjat li ħadd ma kellu jmiss il-qanpiena mingħajr il-permess tiegħu. Kolinu ġera kemm felaħ l-isfel biex jaħrab il-qilla tal-awtorità!

### *Priedka minn fuq is-sodda*

Kolinu kien abbati u sena minnhom għamel il-priedka tal-Milied. Inzerta li ġirien mal-familja Cauchi kienet toqgħod familja anzjana – ir-raġel kien Malti u l-mara kienet Spanjola. Meta semgħu li Kolinu kien għamel il-priedka, xtaqu ħafna li jisimgħuh huma wkoll. Iżda billi Kolinu nzerta ma jiflaħx ma setax joħroġ mis-sodda u jmur għandhom. Għalhekk ġew huma d-dar tagħhom u Koli għamlilhom il-priedka tal-Milied bilwieqfa minn fuq is-sodda. Huma ħadu ħafna gost. Kolinu għoġbitu wkoll, l-aktar għax tawh borża lewż li baqa' jsemmiha.

Is-sens ta' dmir ta' Kolinu kien jidher fl-imġiba tiegħu ta' kuljum. Meta l-familja kienet tinżel torqod fix-xelter taz-zijiet tagħhom, hu kien iqum kmieni filgħodu biex l-ewwel imur jgħin il-quddiesa u mbagħad wara jitlaq lejn ir-Rabat sabiex ikun fil-ħin għall-iskola. Kolinu kien jattendi l-iskola sekondarja tal-gvern u fin-nuqqas ta' trasport kien kuljum imur ir-Rabat u jerġa' lura lejn l-Għarb bil-mixi. Ta' kuljum, hu kellu faċenda oħra xi jwettaq. Missieru kellu zija, xiħa u fqira ħafna, li kienet toqgħod ġo dar żgħira l-Għarb, il-Fgura. Omm Koli kienet tlestilha l-ikel kuljum u Kolinu kien iwassalulha.

### *Passatempi... iżda m'hemmx ċajt*

Fost il-passatempi li kellu, Kolinu kien iħobb jorganizza xi teatrini ġo garaxx mhux bogħod mid-dar tal-familja. Hu kien jipprovdi l-ħwejjeġ lill-atturi billi jara kif jagħmel u jpasparhom minn dak li kien isib id-dar t'ommu. Baqa' jaħdem fuq il-palk sa meta kiber. L-aħħar biċċa xogħol tiegħu, meta kellu madwar ħmistax-il sena, kienet dik meta ħadem il-parti tas-sommu saċerdot Kajfas fid-dramm tal-Passjoni li kien sar l-Għarb.

It-tifel Kolinu ma kienx jaf joqgħod bi kwietu. Kien twajjeb ma' kulħadd u ħabrieki ħafna; kien ta' dixxiplina u kien juri mħabba kbira lejn il-Mulej u lejn il-Madonna. It-tfal tamparu li kienu jħobbu jilagħbu billi jagħmlu taparsi knisja f'xi rokna fid-dar kienu sikwit jistiednuh biex imur jara l-artal żgħir li jkunu għamlu.Hu kien imur bil-qalb kollha, u mhux biss jara imma wkoll imexxi xi funzjoni. Jingħad li darba tifel minnhom sab lil Ġużepp, missier Kolinu, u b'qalbu maqsuma qallu: "Kolinu qattagħli xi ħwejjeġ tal-knisja tiegħi." Ġużeppi ried ikun jaf minn għand dak it-tifel x'kienet ir-raġuni li ibnu kien għamel hekk għax ma kienx ser iħalliha tgħaddi lixxa. Imma t-tifel wieġbu: "Għax aħna għamilnih 'isqof'." Allura missier Koli fehem li la darba għamluh isqof, it-tifel tiegħu żgur ma kienx ser iħalli affarijiet mhux adattati fil-knisja. Mur għidlu x'kellu jagħmel meta kien tassew Isqof t'Għawdex!




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħa u Erbgħin Parti )*

## *IS-SUQ FIL-BERAĦ*

### *Il-Vetrina tas-Snajja' Tradizzjonali Għawdxin*

Illum f'din il-kitba li ġejja se nagħtukom xi ħjiel dwar kif kienet tkun il-ħajja nhar ta' Ħadd fl-inħawi ta' Fejn Savina u l-Pjazza tat-Tokk, illum Pjazza Indipendenza, qabel u ftit wara l-aħħar Gwerra Dinjija (1939-45). Dak iż-żmien f'Għawdex kien hawn tabilħaqq ħajja ferm differenti minn kif jafuha t-tfal tal-lum. Aħna lħaqna biss ħjiel żgħir ta' kif kienet fl-imgħoddi li mbagħad minn erbgħin sena 'l hawn beda dejjem jonqos sakemm spiċċa kollox fix-xejn.

***Il-Bdiewa nhar ta' Ħadd***

Sa qabel l-aħħar gwerra, ir-Rabat Għawdex kien jirtama suq fil-beraħ, sewwasew fi Pjazza Savina. Din il-pjazza wiesgħa u sabiħa kull nhar ta' Ħadd kien ikun fiha mit ġid. Għax is-suq fil-beraħ, illum magħruf aħjar bħala l-Monti, kien ikun fl-aqwa tiegħu nhar ta' Ħadd. Ir-raġuni kienet li nhar ta' xogħol il-bdiewa ma kinux jistgħu jitilgħu r-Rabat minħabba li kienu jkunu jaħdmu fl-egħlieqi, filwaqt li matul il-ġimgħa s-sajjieda wkoll kienu jkunu fuq il-baħar għal xi sajda ħut. Nhar ta' Ħadd, imbagħad, kienet l-aħjar ġurnata li fiha l-bdiewa u s-sajjieda kienu jsibu l-ħin ħalli jmorru sar-Rabat. Hawnhekk insibu ħafna knejjes, u għalhekk kienet l-aktar ħaġa ħafifa li wieħed qabel xejn isib jisma' quddiesa xħin irid. U l-bdiewa u s-sajjieda tagħna kienu jafu sewwa xħin għandhom imorru r-Rabat u fejn u f'liema ħin jistgħu jisimgħu l-quddies bil-kumdità.

***Ħwienet tax-Xorb***

Imbagħad, wara l-knisja jmorru fl-inħawi tat-Tokk u ta' Fejn Savina. Hawnhekk ukoll kien hawn diversi ħwienet tax-xorb fejn wieħed seta' jmur jieħu kafe' jew te bil-kwiet. Wara li dak li jkun ikun bell griżmejh u forsi ħa wkoll xi żewġ pastizzi, allura mbagħad kien joħroġ barra fejn kien ikun hemm folla nies. Dak iż-żmien, nhar ta' Ħadd l-inħawi ta' Triq San Ġużepp, tat-Tokk u ta' Fejn Savina kienu jkunu litteralment maħnuqa bin-nies: il-ħwienet tal-laħam bħal Tal-Patri, Taċ-Ċatta, Tad-Demmusi kienu jkunu miftuħa filwaqt li ftit 'il fuq fi Pjazza San Ġorġ u Triq is-Suq kienu jiftħu l-ħwienet tal-merċa Ta' Mikiel u Ta' Ġużepp Ta' Batu, u ta' Salvu tal-Għaġina, u n-nies min iħares lejn l-affarijiet li jkun hemm għall-bejgħ, min jixtri dak li jkollu bżonn, min jitħaddet ma' xi ħadd fuq ix-xogħol tar-raba', min iħallas xi kont - hemm pubblikament quddiem kulħadd u mingħajr biża' li xi ħadd se jiġi jisirqu; u naturalment, min igħajjat b'ħanġra daqsiex biex jiġbed lil dak li jkun għal ħdejh biex imur jixtri xi ħaġa.

Il-bdiewa, is-sajjieda u n-nies tas-sengħa kienu jiltaqgħu fl-inħawi tat-Tokk u Fejn Savina, għax hawnhekk ukoll kienu jsiru bosta akkordji, ftehim u qbil fuq xogħol, bejgħ ta' prodotti bħal silla, tiben, ful, qamħirrum, jew inkella xogħol u bejgħ ta' rkaptu, xogħol ta' bini, xogħol ta' rfigħ ta' ħitan tas-sejjiegħ, jew biex il-ġeżżież imur iġiżż xi merħla ngħaġ għand ir-raħħal li jkun, inkella biex jissellfu l-muntun jew il-għoġol għat-tagħmir tal-bhejjem. Il-bdiewa kienu jiddiskutu wkoll ix-xogħol tar-raba', il-prezz tal-prodotti fis-suq, il-mard li jista' jkun qiegħed jaħkem fil-gżira, u ħafna ntietef oħra dwar ix-xogħol tal-biedja u s-sajd.

***Is-Suq ta' Fejn Savina***

U tiskanta kemm kien ikun hemm x'tixtri fejn Savina f'dawk iż-żminijiet. Ġo kull bieb li hemm fil-pjazza kien ikun hemm bejjiegħ b'oġġetti ta' snajja' differenti: kien ikun hemm tal-qfief b'kull xorta ta' bxiekel, mezez u qratal; tal-purtieri tal-qasab u l-ħsajjar; tar-rattan ibigħ kull xorta ta' kpiepel tal-palm, ġwielaq, paljijiet u






mriewaħ għall-kenur; tal-kwiener bi kwiener ta' kull daqs magħmulin mill-ġebla Għawdxija, ġebla għall-kwiener maqtugħa minn Ta' Sannat, mill-inħawi tat-Tiġrija, hawn ir-Rabat jew minn Ta' Ħamet; is-sellar b'kull xorta ta' xeddijiet għaż-żwiemel, bgħula u ħmir; il-mastrudaxxa bl-imralac għall-imgħażaq, ilxiexen, bqaqen u mannaretti; il-ħaddied tal-għodda b'kull xorta ta' għodod tal-biedja: mnieġel, ronki, skieken tal-Għarb, imgħażaq, gorxini (krexxuni), xi mannara jew mannarett, xi baqqun, xi minġla, u anki xi serratura tajba jew firroll għall-bieb tar-razzett; kien jarma wkoll dak tal-għeriebel tal-ġild u dan kien ikollu wkoll imdieri, xi sikka għall-moħriet tal-bhima, u xi luħ għat-tisfija tat-tgħam; kien ikun hemm tal-gabbjetti u t-trabokki li jbigħ ukoll kull xorta ta' xbiek u sfafar għall-insib fi żmien meta kien hawn ħafna għasafar u meta ħadd ma kien jagħti fastidju lil ħadd; dan kien ibigħ ukoll kull xorta ta' nases tal-ġrieden.

Kien ikun hemm f'nofs il-pjazza tal-fuħħar ibigħ kull xorta ta' qnanat, qliel, żjar, xi barrada, qsari, katusi għall-ilma, u bwieqi għas-seqi tal-bhejjem u l-agħsafar. Il-landier kellu l-ħanut fejn Savina. Imma nhar ta' Ħadd ma kienx jonqos li jiftaħ u jifrex quddiem il-ħanut oġġetti ta' kull tip u daqs, l-aktar kanni għat-tisqija, bwieqi, ġarar, xi musbieħ għall-maqjel, miżuri tal-pitrolju, taż-żejt u tal-inbid, xi lembut - u minn dawn kien ikollu diversi daqsijiet, u xi sassla biex wieħed jimla d-dqiq jew in-nuħħala. U dari kien hawn miżuri differenti, tafux! 'Il fuq minn mitejn waħda! Kien ikun hemm l-iskarpan li kien ibigħ kull xorta ta' qrieq u żraben. Iż-żraben kienu jixtruhom is-sinjuri; il-qrieq, il-bdiewa u s-sajjieda. L-iskarpan kien jieħu wkoll il-qisien tas-saqajn biex jaħdimlek żarbun jew qorq kif tixtieq int. Kemm tqiegħed sieqek fuq biċċa karta safra taz-zokkor u b'ħeffa ta' mgħallem iħożżlok il-qies ta' sieqek. F'nofs il-pjazza kien ikun hemm kull xorta ta' bejjiegħa tal-ikel: ġobon tan-nar ta' Għawdex, u ġobon ta' barra, l-aktar ġobon ta' Sqallija u ta' Sardinja; u fi żmienhom kaxxi tat-tin taċ-ċappa ta' Għawdex, żniebel tat-tamar; kull xorta ta' ġwież bħal ċiċri, ħarrub, għosfor, skalora, qaraboċċ.... Fi żmienhom ukoll kont issib tixtri kull xorta ta' xitel tat-tadam - ċatt u bżenguli, tal-kromb - jiġifieri brokkli, pastard, kaboċċi, ġidra u kaboċċi taz-zokk; u xitel tal-basal. Fil-gwerra, imbagħad, kienet ġiet Għawdex minn Bormla, il-familja Vento tal-ħbula. Dawn kienu jaħdmu kull xorta ta' ħbula, skamplijiet, rumnelli, swieġel, xi ġerr u ċwejjem. Il-bdiewa dawn l-affarijiet sabuhom sombor għax għar-raba' prodotti tal-ħbula bħal dawn jiswew mitqilhom deheb. U l-familja Vento sabu li Għawdex kien hawn tabilħaqq suq ta' min jisfruttah għax iħalli mit ġid. U tant draw fostna dawn in-nies li wara li spiċċat it-tieni gwerra dinjija ma marrux lura Bormla, imma baqgħu hawn jaħdmu u jbigħu l-ħbula sakemm bdew deħlin il-ħbula tan-*nylon* ta' barra li qerdu wkoll din is-sengħa folkloristika u tradizzjonali.

Faċċata tal-knisja ta' Savina, minn ġewwa kantina, kont tista' tixtri kull xorta ta' affarijiet antiki mingħand ir-regettier ta' Fejn Savina. Dan kien jifrex għall-bejgħ kull xorta ta' affarijiet antiki li dari kienu jinxtraw bi rħis billi l-affarijiet qodma ma kinux apprezzati bħal-lum. B'xorti tajba r-regettier ta' Fejn Savina għadu jiftaħ u jarma kull nhar ta' Ħadd sal-lum.

*(jissokta)*



*Kummentarju (4)*

# *L-Identità u l-Kultura Għawdxija*



*kitba ta'* DR MARIO SALIBA

**Għawdex huwa mfittex minħabba l-ġmiel naturali tiegħu u l-karatteristiċi sbieħ li jgawdi fosthom l-istil tal-għajxien tal-Għawdxin. Hemm min jaħseb li l-ewwel nies li ġew f'dawn il-gżejjer minn Sqallija x'aktarx li l-ewwel ma sabu kenn kien f'Għawdex. It-tempji megalitiċi tal-Ġgantija huma l-aqwa monument pre-istoriku f'dawn il-gżejjer u huma uniċi fid-dinja. Min mbagħad ma jafx bil-leġġenda tan-ninfa ta' Kalipso li żammet lil Ulisse magħha għal seba' snin sħaħ fil-għar li hemm fuq ir-riħ tar-Ramla l-Ħamra? Xi ngħidu għas-sbuħija ta' din il-bajja ramlija? Sa mill-ibgħad żminijiet Għawdex kien igawdi popalarità għax Għawdex għandu seħer li jiġbdek. Illum il-ġurnata Għawdex huwa mfittex minn madwar nofs miljun barrani kull sena. Għalhekk it-turiżmu huwa ta' importanza kbira għal Għawdex għax minnu jiddependi l-għajxien ta' ħafna Għawdxin.**

Min jgħid li Għawdex huwa parti minn Malta u jieqaf hemm ikun qiegħed jiżbalja. Għawdex huwa gżira jew reġjun għalih u għandu jkun ikkunsidrat hekk mhux mill-barranin biss iżda minn kull gvern ċentrali. Għawdex għandu l-bżonnijiet partikulari tiegħu u kull politika dwar Għawdex għandha tkun imfassla fuq dan il-ħsieb fundamentali. Bir-rispett kollu, ftit huma l-Maltin sħabna li jifhmu tassew il-bżonnijiet tagħna l-Għawdxin. Bħala



ċajta ssib min jgħidlek li aħna l-Għawdxin speċjali u qisna repubblika għalina. Sa ċertu punt din mhix ċjata iżda realta` li tgħallimniha bi spejjeż tagħna mal-medda tas-snin. Il-ftit kilometri baħar li jifirdu l-gżejjer tagħna jistgħu jfissru daqs elf kilometru u jagħmlu d-differenza kollha li hemm.

Hemm diversi karatteristiċi li jagħmlu lil Għawdex uniku. Għawdex għandu wirt arkeoloġiku kbir l-aqwa fosthom it-tempji tal-Ġgantija, il-knejjes, il-kappelli fil-kampanja, u t-torrijiet fuq il-kosta. Hemm ukoll il-villaġġi li għadhom maqtugħin għalihom, il-knejjes artistiċi, il-ħajja trankwilla, il-ħitan tas-sejjieħ, u l-bajjiet sbieħ fuq kull naħa tal-gżira. Il-widien, l-għoljiet u l-passaġġi fil-kampanja, t-tradizzjonijiet, is-snajja', il-loġġa u s-setaħ li dejjem iħarsu lejn in-nofsinhar, u l-biedja huma karatteristiċi li nistgħu nisfruttawhom iktar bħala attrazzjoni turistika matul is-sena kollha.

Ma' dawn wieħed jista' jsemmi oħrajn li sfortunatament li tlifna bħad-dgħajsa tal-pass li l-Għaqda Wirt Għawdex qiegħda tirrestawra l-unika waħda li baqa'. Sar ħafna restawr ħażin fil-knejjes u mhux is-siti arkeoloġiċi kollha kienu rispettati matul iż-żminijiet. Sfortunatament ma għandna lil ħadd lokali li huwa kwalifikat biex jieħu ħsieb dawn is-siti u għalhekk għadna niddependu mill-barranin.

**Waħda mill-akbar problemi li għandna hija ovvjament it-trasport bejn il-gżejjer. Missirijietna minn dejjem batew biex iġibu l-għajxien lil uliedhom billi kellhom imorru jaħdmu f'Malta. Mhux faċli li ssib fejn toqgħod f'Malta u apparti l-ispejjeż żejda kulħadd ifittex li jerġa' lura lejn l-għeżież tiegħu. Kull titjib li jsir fit-trasport bejn il-gżejjer huwa l-ewwelnett ta' benefiċċju għall- Għawdxin stess u nkunu aħna l-ewwel li ngawdu minnu. Dan huwa l-aspett soċjali ta' dan it-trasport li qatt m' għandu jkun traskurat minħabba l-aspett kummerċjali. Ftit tas-snin ilu mhux l-ewwel darba li għal jiem sħaħ ħaddiema Għawdxin kellhom jibqgħu Malta minħabba l-maltemp. Illum permezz ta' vapuri ġodda din il-problema ma' tantx għadha tissemma'. B'danakollu llum hawn min isostni u donnhom iż-żewġ partiti jaqblu fuqha, li biex Għawdex igawdi mill-ġid kollu tal-pajjiż hemm bżonn ta' għaqda permanenti bejn iż-żewġ gżejjer. Naturalment jekk fil-futur dan iseħħ, Għawdex jitlef l-identità tiegħu bħala gżira. Minkejja li l-aċċessibbiltà bejn il-gżejjer tkun iktar faċli u allura iktar nies jiġu f'Għawdex, ma rridux ninsew li**



**ħafna nies ukoll ifittxu lil Għawdex għax propju huwa maqtugħ minn Malta.**

Għalhekk bħala Għawdxin l-ewwel u qabel kollox hemm bżonn li nħarsu l-identità ta' Għawdex. Ma għandniex noqtlu dik il-wiżża li tbid il-bajd tad-deheb. Għalkemm it-turiżmu jibqa' importanti għall-ekonomija ta' Għawdex irridu ninvestu iktar f'oqsma oħra u anke f'riżorsi umani. L-ex-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone li kellu viżjoni wiesa' t'Għawdex kien iħobb jgħid li Għawdex m'għandux ikun presepju biex nieħdu gost bih, imma Għawdex għandu jkun reġjun ħaj u produttiv għall-ekonomija tal-pajjiż bl-identità tiegħu. Madankollu, jekk inħallu l-progress modern fix-xjenza teknoloġika, fil-kostruzzjoni bl-addoċċ, fil-kumditajiet żejda tal-ħajja, u fi stili ta' ħajja aktar kummerċjali milli naturali, nkunu qegħdin nipperikolaw li nitilfu darba għal dejjem mhux biss l-ambjent naturali, imma wkoll dik l-identità unika li tagħmel minn Għawdex gżira speċjali, anzi unika. Jekk mhux sewwa li Għawdex jiġi kkunsidrat bħala "presepju", lanqas hu sewwa li ftit ftit qed nibdluh f'Buġibba oħra jew Paceville ieħor..

**Jeħtieġ li nżommu f'moħħna t-triq tan-nofs, it-triq tal-moderazzjoni fl-iżvilupp u fil-progress, it-triq ta' kawtela u attenzjoni kbira biex insalvaw l-identità Għawdxija. Inkella Għawdex jitlef dak li hu tiegħu u tiegħu biss. Irridu nagħrfu l-potenzjal ta' gżiritna u tal-Għawdxin u mhux nippruvaw nintroduċu affarijiet barranin billi nikkupjaw lil ħaddieħor fi progress bla rażan li jgħarraq l-identità ta' Għawdex.**

Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...
JPE
TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group
• Ġiti...
• *Cruises...*
• Titjiriet... anke tal-Low Cost
• *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
• Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra
Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Kummentarju (5)

# Il-Ministeri fil-Knisja...

## X'inhuma? X'ifissru? Kif għandna nħaddmuhom?



kitba ta' MONS. RENATO BORG

### It-tifsira tal-kelma ministeru

Ministeru tfisser "servizz." F'dan is-sens oriġinali tagħha l-kelma ministeru tesprimi biss il-ħidma li biha l-membri tal-Knisja jkomplu, fi ħdan il-Knisja u fid-dinja, il-missjoni u l-ministeru ta' Kristu. Iżda meta t-terminu jiġi magħżul fir-relazzjoni u fil-konfront ta' diversi "*munera u officia,*" allura jeħtieġ li wieħed jagħraf biċ-ċar li huwa biss bil-qawwa tal-Ordinazzjoni Sagra li huwa jilħaq il-milja u s-sens veru propju tiegħu li t-tradizzjoni dejjem attribwiet lil kelma ministeru.[1] Dak li wassal biex dan it-terminu jiġi użat anke fil-konfront tal-lajċi kien propju għaliex huma permezz tal-Magħmudija jipparteċipaw mill-ħidma u l-missjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Għalhekk nitkellmu mill-"ministeru straordinarju" tat-tqarbin.[2]

### Il-ħtieġa tal-ħidma tal-lajċi fil-Knisja

Il-ħidma tal-lajċi fil-Knisja, li ġejja mill-istess sejħa nisranija, ma tistax tiġi nieqsa fil-Knisja. L-Iskrittura turina li sa mill-bidu tal-ħidma tal-Knisja kien hemm lajċi li taw is-sehem tagħhom b'mod spontanju u li ħalla l-frott.[3] (Il-Konċilju Vatikan II fid-digriet dwar l-*Appostolat tal-Lajċi* jgħid li fi żminijietna, iktar minn qatt qabel, huwa meħtieġ iż-żelu tal-lajċi, anzi ċ-ċirkostanzi ta' żminijietna jitolbu li l-appostolat tagħhom ikun iktar intens u wiesa'.[4] Il-ħidma tal-lajċi ta' diversi għamliet hija sinjal ċar tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu s-Santu li qiegħed jagħmel iktar konxji lil lajċi mir-responsabbiltà tagħhom u kullimkien iħeġġiġhom biex ikunu ta' servizz ta' Kristu u tal-Knisja. Il-Knisja twettaq "l-appostolat" tagħha, b'modi differenti, permezz tal-membri kollha, dan għaliex il-vokazzjoni nisranija hija min-natura tagħha stess sejħa għall-appostolat. Dan jidher fid-dawl tal-Knisja bħala ġisem mistiku ta' Kristu.[5] Permezz tal-Magħmudija, l-imgħammdin kollha ġew imdaħħlin f'dan il-Ġisem Mistiku u ġew imsaħħin permezz tal-Konfirmazzjoni, biex fil-kundizzjoni propja ta' kull wieħed u waħda minnhom jagħtu s-sehem tagħhom għall-bini tas-Saltna ta' Alla.[6] Fiż-żminijiet iktar reċenti l-iżvilupp tat-tagħlim dwar il-Knisja (l-ekkleżjoloġija) wassal biex jiġi elaborat il-kunċett tal-impenn tal-lajċi, mhux iktar ibbażat fuq is-sagramenti tal-bidu iżda wkoll bħala espressjoni ta' parteċipazzjoni iktar konxja fil-misteru tal-Knisja skont l-Ispirtu tal-Pentekoste.

### Diversità ta' ministeri li lkoll jipparteċipaw mill-ministeru ta' Kristu u huma indirizzati għall-istess missjoni

Huwa veru li lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom Kristu tahom l-uffiċċju li jgħallmu, li jmexxu u li jqaddsu f'ismu u bl-awtorità tiegħu. Iżda anke l-lajċi, minħabba s-sehem tagħhom fl-uffiċċju saċerdotali[7] profetiku[8] u regali[9] ta' Kristu, fi ħdan il-missjoni tal-poplu kollu ta' Alla huma għandhom il-ħidma propja fil-Knisja u fid-dinja.[10] Din il-ħidma hija dik li jevanġelizzaw; li jqaddsu; li janimaw u jipperfezzjonaw bl-ispirtu tal-Vanġelu l-ordni temporali hekk li jkunu xhieda għas-salvazzjoni ta' ħuthom il-bnedmin. Barra minn hekk permezz tas-sagramenti, l-iktar dak tal-Ewkaristija, tiġi kkomunikata u alimentata fihom dik il-karità li hija r-ruħ ta' kull appostolat.[11] Id-doni u l-kariżmi li l-lajċi jirċievu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu għandhom ikunu għas-servizz tal-bini tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu u tad-dinja. Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jgħallimna li "l-istess differenzi li l-Mulej ried li jwaqqaf bejn il-membri tal-ġisem tiegħu huma għas-servizz tal-għaqda u tal-istess missjoni."[12] L-istess appostlu San Pawl jurina fl-ittri tiegħu d-diversi ministeri, doni u kariżmi li kienu preżenti fil-Knisja tal-bidu, fil-Knisja appostolika.[13]

Il-lajċi jistgħu jħossuhom imsejħin jew ikunu msejħa biex jikkollaboraw mar-Ragħajja tal-erwieħ tagħhom fis-servizz li jagħtu lill-istess komunità ekkleżjali, biex tikber u tingħata l-ħajja lill-istess komunità, billi jeżerċitaw ministeri differenti, skont il-grazzja u l-kariżmi li l-Mulej ikun irid jagħtihom.[14] Għalhekk nistgħu ngħidu li kull lajk, minħabba l-istess doni li rċieva, huwa xhud u fl-istess ħin strument ħaj tal-missjoni tal-istess Knisja "skont il-qies tad-don ta' Kristu."[15]

### Dritt jew Dmir?

Importanti ħafna li l-lajċi jagħrfu jiddistingwu bejn dawk li huma drittijiet u dawk li huma dmirijiet li jolqtuhom bħala imsieħba fil-Knisja u dak li hu mistenni minnhom inkwantu membri tas-soċjetà umana. Huma għandhom ifittxu li jarmonizzaw l-impenji kollha tagħhom u kif jgħallem il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* "f'kull ħaġa temporali għandhom ikunu mmexxijin mill-kuxjenza nisranija, għaliex ebda attività umana, lanqas f'materja temporali, ma għandha tkun imneħħija minn taħt is-setgħa ta' Alla.[16]

Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom jagħrfu u jġibu 'l quddiem il-ministeri, l-uffiċċji u l-funzjonijiet tal-lajċi nsara, li għandhom il-fundament sagramentali fil-magħmudija u fil-Konfirmazzjoni, u ħafna minnhom anke fis-Sagrament taż-Żwieġ.[17] Meta mbagħad ikun hemm il-ħtieġa, u l-utilità tal-Knisja tkun titlobha, ir-ragħajja jistgħu jafdaw lil xi lajċi,

skont in-normi stabbiliti mid-dritt universali, xi ħidmiet li huma marbutin mal-ministeru propju tar-ragħajja iżda li ma jkunux jeħtieġu l-karattru tal-Ordni Sagri.

Madankollu tajjeb li wieħed jgħid mill-ewwel li l-ħidma tal-lajċi ma tillimitax ruħha biex tissupplixxi n-nuqqas ta' saċerdoti jew għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ħtiġijiet kroniċi oħra. Hemm oqsma fil-ħajja ekkleżjali li fihom, ma' ġenb il-ħidma propja tal-ġerarkija hija mixtieqa l-parteċipazzjoni attiva anke tal-lajċi, ibda mill-assemblea liturġika. Huwa veru li għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hija mitluba l-azzjoni tas-saċerdot iżda l-azzjoni sagra mhix xi ħaġa esklussiva tas saċerdoti iżda tal ġemgħa kollha. Hija azzjoni komunitarja u għalhekk hija ħaġa normali li dawk il-ħidmiet li mhumiex propji tal-ministri ordnati jkunu mwettqa mil-lajċi nsara.[18] Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Udjenza tat-2 ta' Marzu 1994 meta tkellem mill-"appostolat u l-ministeru tal-lajċi" josserva li huma ħafna dawk il-lajċi, kbar u żgħar, żgħażagħ u anzjani, li jwettqu diversi ministeri fil-Knisja b'mod tajjeb matul il-liturġija; bit-talb, il-qari, il-kant, id-diversi servizzi ġewwa u barra l-knisja. Il-Papa filwaqt li jirringrazzja lil Alla ta' din ir-realtà jitolbu biex ikompli jkabbar dejjem iktar din il-ħidma ħalli tkompli tikber fin-numru u fil-kwalità.

Tajjeb li aħna nagħrfu li l-ministeru tal-lajċi ma' jillimitax ruħu għal dak liturġiku iżda hemm ħafna x'jista' jsir fil-qasam ta' l-evanġelizzazzjoni, fit-tħabbir tal-kelma ta' Alla għax huma msieħba fil-missjoni profetika ta' Kristu. L-evanġelizzazzjoni hija responsabbiltà ukoll tal-lajċi. Huma jistgħu jirċievu ħidmiet partikolari xi minn daqqiet anke mandat permanenti, bħalma huma l-katekeżi, fl-iskola, fid-direzzjoni u redazzjoni ta' perjodiċi reliġjużi, fl-istampa kattolika, fil-*mass media*, fid-diversi inizjattivi u ħidmiet tal-Knisja biex iġibu 'l quddiem u jxerrdu l-fidi.

- Dawn il-ministeri u t-twettieq ta' dawn il-ħidmiet b'ebda mod ma jagħmel mil-lajċi nsara, ragħajja. Dan għaliex fir-realtà mhix il-ħidma li tibni l-ministeru iżda l-ordinazzjoni sagramentali. Id-diversi ministeri, uffiċċji u funzjonijiet li l-lajċi nsara leġittimament iwettqu fil-liturġija, fit-tixrid tal-fidi u fl-istrutturi pastorali tal-Knisja, għandhom ikunu mwettqa f'konformità mal-vokazzjoni speċifika tal-lajċi, differenti minn dik tal-ministri sagri.
- Hawn importanti li tinżamm ċara quddiem il-komunità ekkleżjali kollha d-differenza li tgħaddi bejn is-saċerdozju ministerjali li jingħata bl-Ordni Sagri u s-Saċerdozju komuni; differenza li mhix sempliċement fil-grad iżda fl-essenza. Għalhekk dejjem inħasset il-ħtieġa li tinstab terminoloġija appropjata.
- Huwa meħtieġ li r-ragħajja tal-erwieħ ikunu attenti biex jevitaw l-użu faċli u abbużiv ta' "sitwazzjonijiet ta' emerġenza" jew "ħtieġa ta' supplenza" fejn oġġettivament ma jkunux jeżistu u fejn b'daqsxejn ta' programmazzjoni pastorali wieħed ikun jista' jilqa' għal din l-emerġenza.
- Fil-qasam tal-Evanġelizzazzjoni, l-eżortazzjoni *Evangelii Nuntiandi* tagħmilha ċara li l-qasam propju tal-insara lajċi fil-ħidma tal-evanġelizzazzjoni huwa d-dinja wiesgħa u komplikata tal-politika, tar-realtà soċjali, tal-ekonomija; kif ukoll tal-kultura, tax-xjenzi u tal-arti, tal-ħajja internazzjonali, tal-istrumenti tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali u anke f'realtajiet partikolari għall-evanġelizzazzjoni, bħalma huma l-imħabba, il-familja, l-edukazzjoni tal-ulied u tal-adolexxenti, ix-xogħol professjonali u t-tbatija.
- Il-kariżmi sew jekk straordinarji jew sempliċi u umli huma grazzja tal-Ispirtu s-Santu li għandhom, direttament jew indirettament, l-utilità għall-Knisja, indirizzati biex jibnu l-Knisja, għall-ġid tal-bnedmin u għall-ħtiġijiet tad-dinja. Għalhekk ebda kariżma ma tista' tiddispensa ruħha mir-riferiment u mis-sottomissjoni għar-Ragħajja tal-Knisja. Il-Konċilju jagħmilha ċara meta jgħid li l-ġudizzju fuq il-ġenwità tal-kariżmi u fuq l-eżerċizzju ordnat tagħhom tmiss lil dawk li fil-Knisja huma msejħa biex jippresiedu. L-eżerċizzju tal-Ġerarkija m'għandux iwassal biex jitwaqqfu l-ispirazzjonijiet tal-Ispirtu iżda biex jiġi eżaminat kollox u jinżamm dak li hu tajjeb, sabiex il-kariżmi kollha jikkoperaw, fid-diversità tagħhom u komplimentarjetà għal ġid komuni.

### *Ħtieġa ta' kollaborazzjoni*

Importanti ħafna l-kollaborazzjoni bejn id-diversi ministeri. L-ewwel u qabel kollox hija meħtieġa u indispensabbli l-kollaborazzjoni tal-lajċi mas-saċerdoti b'mod partikolari ma' dawk li fil-komunità għandhom ir-responsabbiltà tat-tmexxija. Din il-kollaborazzjoni tgħin biex tinħoloq pastorali organika. Daqshekk ieħor hija importanti l-kollaborazzjoni ta' bejn il-lajċi. Din il-kollaborazzjoni tista' tintlaħaq faċilment jekk ilkoll inżommu quddiem għajnejna li l-motivazzjoni ta' kull ħidma fil-Knisja ġejja mill-imħabba lejn Alla u lejn ħutna l-bnedmin. Imbagħad irridu nagħrfu li għalkemm huma diversi l-ministeri imma waħda l-għalqa li fija qegħdin naħdmu u wieħed il-Mulej li qegħdin inservu.

*(Dan hu diskors li sar fis-Seminar Pastorali Djoċesan, nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru 2011 fl-Oratorju Don Bosco)*

---

1 ĠWANNI PAWLU II, diskors fis-Simposium fuq il-*«Kollaborazzjoni tal-fidili lajċi u l-ministeru tal-presbiteri»*, n. 3: l.c.).

2 L-Istruzzjoni fuq *Xi kwistjonijiet dwar il-kollaborazzjoni tal-fidili lajċi u l-ministeru tas-saċerdoti*, Vatikan 1997.

3 *Atti 11,19-21; 18,26; Rum 16,1-16; Fil 4,3.*

4 KONĊILJU VATIKAN II, *Digriet Apostolicam Actuositatem*, proemio.

5 *Ibid.*, 2.

6 KONGREGAZZJONI TAL-FIDI, *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 971.

7 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 901-903.

8 *Ibid.*, 904-907.

9 *Ibid.*, 908-909.

10 ĠWANNI PAWLU II, Ittra Appostolika *Christifideles Laici*, 23.

11 *Apostolicam Actuositatem*, 3.

12 *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 873.

13 *1 Kor 12, 28; Ef 4, 7. 11-13; cf. Rum 12, 4-8.*

14 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 901.

15 *Ef. 4,7.*

16 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 912.

17 *Christifideles Laici*, 23.

18 *Ibidem.*

*Intervista*

# *President Ġdid għall-Azzjoni Kattolika f'Għawdex*

*il-*KAV. JOE M. ATTARD *jitkellem ma'*
ANTOINE VASSALLO, il-*President il-ġdid tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex*

**F'quddiesa b'suffraġju lil Manwel Saliba, l-ex President tal-AK f'Għawdex li ħalliena għal għarrieda nhar is-26 ta' Awwissu li għadda, Mons Isqof Mario Grech ħabbar li post is-Sur Saliba kien se jieħdu s-Sur Antoine Vassallo, għal żmien twil ukoll f'din l-Għaqda. Jiena ltqajt mal-President il-ġdid u għamiltlu din l-intervista.**

*1. Antoine meta u kif dħalt fl-Azzjoni Kattolika?*

Għalkemm noqgħod fil-qrib tad-Dar tal-Azzjoni Kattolika, nistqarr li ma tantx kont naf dwar l-Għaqda. Ftit ġimgħat wara li neħħejt in-negozju tal-familja fl-1982 u allura stajt nintefa' iktar għat-tagħlim, kont attendejt attività fid-Dar Ċentrali mill-Moviment Għalliema Kattoliċi (li dak iż-żmien kien fi ħdan l-Azzjoni Kattolika). Il-mibki President Rikardu Ellis (għalliem ukoll li kont nafu sew) ħataf l-okkażjoni u stedinni għal-laqgħa taċ-ċirklu tal-irġiel. Meta mort ħassejtni milqugħ f'ambjent li għoġobni – u komplejt!

*2. Kont qed tistenniha din l-aħbar tal-għażla tiegħek?*

Fil-fatt diversi drabi fis-snin li għaddew konna ddiskutejna fid-Direttorju persuni biex jiġu proposti lill-Isqof Nikol (u wara lill-Isqof Mario) biex jieħdu l-kariga ta' President Djoċesan: jien dejjem għamiltha ċara li ma nħossnix adattat. Hekk ukoll għidt lill-Isqof Grech meta sejjaħli l-Kurja; iżda hu, għalkemm stedinni nieħu ftit ġranet ta' riflessjoni, stqarrli li konvint mill-għażla tiegħu u ma kellux intenzjoni jibdel ħsiebu!

*3. Kif ħadtha?*

Kien xokk – kont naf li kariga bħal din, jekk tagħtiha s-serjetà li jixirqilha, teħodlok ħinek kollu. Iżda Mons Isqof irrepetili li nsib is-sapport kollu – anzi li jrid ikun involut kontinwament. Fil-ġranet ta' wara irriżenjajt mill-Kunsill tal-*Gozo NGOs Association*, fejn kont President sa mit-twaqqif fl-2003, u ftit ftit qiegħed nirtira mill-kumitati fejn kont nirrappreżenta lis-settur. Kont għamilt ħafna pjanijiet dwar x'nagħmel mal-irtirar: il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi!

*4. Għad hemm postha l-Azzjoni Kattolika fiż-żminijiet tal-lum?*

Nemmen ħafna fl-Azzjoni Kattolika; anzi fi żminijiet meta numru jiżdied madwarna ma għadhomx iħossuhom insara, hemm bżonnha iktar! L-istil tagħha hu sempliċi (u "ovvju") ferm: formazzjoni permezz tat-talb u t-tagħlim biex il-membri – individwalment u kollettivament – jagħtu sehemhom għat-tiġdid u t-tisħiħ tal-Knisja u tas-Soċjetà. Iġifieri din hi l-istess mira tal-Knisja; allura l-kariżma jew karatteristika tal-Azzjoni Kattolika hi appuntu d-disponibbiltà lejn il-Ġerarkija: il-kappillan u l-isqof. L-importanza tal-Appostolat tal-lajċi ma hemmx għalfejn niddiskutih – dejjem ikun enfasizzat mill-QT Benedittu XVI (bħall-papiet ta' qablu) u minn tant isqfijiet (mhux l-inqas, dawk tagħna).



*5. Għandha l-AK f'Għawdex pjan ta' azzjoni għas-snin li ġejjin: li jiġbor fih reklutaġġ ta' membri, u li jilħaq diversi oqsma: media, politika, soċjetajiet ta' sports, baned u tkeġġiġ tal-kultura nisranija?*

Waqt l-Assemblea tal-bidu tas-Sena Soċjali (li allura kienet l-ewwel appuntament formali tiegħi) ippreżentajt il-viżjoni tal-Azzjoni Kattolika, ibda mill-motto – li jgħaqqad dak tal-Azzjoni Kattolika Maltija mal-Pjan Pastorali – "Fil-Ministerjalità





nagħrfu l-Identità". Dawn it-3 kelmiet jiġbru fihom elementi essenzjali profondi: nittama li nixtarruhom sew u napplikawhom! Fid-diskors programmatiku tiegħi sħaqt li rridu nkunu dejjem lesti noffru l-isforzi tagħna skont il-bżonnijiet parrokkjali u djoċesani: ħaddiema umli fl-għalqa tal-Mulej. Il-membri ġejjin minn firxa wiesgħa ta' ambjenti u allura ma għandniex naqtgħu jiesna li possibbli nilħqu lil kulħadd. Ovvjament ma nistgħux ninjoraw l-għażla preferenzjali favur il-fqar – u l-agħar faqar hu l-injoranza reliġjuża! Ovvjament mal-medda tas-snin l-istil u l-metodi jinbidel; tfaċċaw organizzazzjonijiet oħra li qegħdin joffru ċerti servizzi u jwettqu ħidmiet li kienet bdiethom din l-Għaqda; aħna dejjem lesti biex naraw xi bżonnijiet jixraq nimmiraw.

**6. *Kif jistgħu l-membri jagħtu servizz lill-Knisja billi jqegħdu għad-dispożizzjoni tal-AK t-talenti u xi ftit mill-ħin tagħhom minn barra dak tal-laqgħa? Jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-klassijiet tal-Katekiżmu? Jista' kultant u tant jinħoloq mument ta' ekumeniżmu ma' insara oħra?***

Id-Direttorju qiegħed jistudja kif nużaw bl-aħjar mod ir-riżorsi umani disponibbli: il-mijiet ta' membri diġà jagħmlu xogħol imprezzabbli fil-familji tagħhom u bl-eżempju u b'xi kelma tajba kull fejn ikunu. Bosta minnhom ukoll jgħallmu d-duttrina, jagħtu sehemhom fil-liturġija, huma mdaħħlin fir-radjijiet komunitarji u involuti fil-promozzjoni umana (biex insemmi erba' oqsma biss). Irridu nkomplu nenfasizzaw li membru ma jistax jikkuntenta ruħu bil-laqgħa ta' formazzjoni kull ġimgħa – dik trid tixprunah għall-ħidma, akkost tas-sagrifiċċju. Il-bżonn urġenti għar-ri-evanġelizzazzjoni (konfermat minn tant opinjonijiet anti-evanġeliċi li nisimgħu u naqraw madwarna) ma jistax iħallina komdi; ma nistgħux nillimitaw il-ħidma għal xħin ma jkolli xejn x'nagħmel "iktar importanti"!

**7. *Wara kollox meta twaqqfet l-Azzjoni Kattolika (fi żmien Alcide De Gasperi!) x'kien propju l-għan tagħha?***

Biex inkunu eżatti l-*Azione Cattolica* bdiet fis-seklu dsatax (awtorizzata mill-Beatu Piju IX) – iżda ċ-ċirkostanzi wasslu għal kważi xoljiment sa xħin il-Papa Piju XI reġa' poġġiha fuq riġlejn sodi, b'mira ta' evanġelizzazzjoni tas-soċjetà Taljana ta' bejn iż-żewġ gwerer. Illum għadha tinħass bħala l-assoċjazzjoni prinċipali tal-lajċi: tistudja fid-dawl tal-fidi s-soċjetà sħiħa. Wara ftit waslet sax-xtut tagħna u nfirxet ma' kullimkien. Ikolli ngħid li f'pajjiżna ukoll intlaqgħet tajjeb ħafna u saret "l-id il-leminija tal-Knisja".

**8. *Issa kemm ilha fostna l-AK u kif tarah il-futur tagħha?***

Ma damitx ma waslet fi xtutna wara r-"ri-fondazzjoni". Infatti skorrew tmenin sena mill-ewwel laqgħat tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex li nstabet riferenza għalihom. Xterrdet b'ritmu mgħaġġel mal-parroċċi kollha; iżda nistgħu ngħidu li kellha tibda mill-ġdid wara l-gwerra peress li ċ-ċentri jew Ċirkli tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-familji li emigraw minn Malta biex jaħarbu mill-perikli. Dejjem kienet kunsidrata bħala pedina indispensabbli għat-tisħiħ tas-Saltna u għat-twettiq ta' aspetti prinċipali tal-ħidma pastorali. Diffiċli timmaġina kif nistgħu ngħaddu mingħajrha jew kif nissostitwixxu din l-"armata" ta' lajċi li jaħdmu senz'interessi f'firxa tant wiesgħa ta' oqsma skont fejn niġu msejħa.

**9. *Nemmen li mal-'out going generation' l-AK għandha appoġġ tajjeb, imma fost it-tfal u ż-żgħażagħ xi tgħidli?!***

Ngħidha bla ħabi: forsi bħal tant organizzazzjonijiet (reliġjużi u ċivili), jinħass in-nuqqas ta' *leaders*; u għandi f'moħħi li nerġgħu norganizzaw kors ta' formazzjoni għat-tmexxija. Nesprimi ukoll l-inkwiet tiegħi li neqsin mill-membri f'xi faxxa tal-età. Iżda dan ma japplikax l-istess għal kull parroċċa; per eżempju hemm fejn għandna numru qawwi ta' tfal sal-griżma – u lil hemm. Allura għandi xi proposta li bi ħsiebni ngħaddiha lil Mons Isqof kif nistgħu nikkoordinaw aħjar ħalli, iktar milli nfittxu li nżidu l-membri għall-"unur" tagħna, naraw li kull bżonn ikun hemm min jieħu ħsiebu.

**10. *Għandek f'moħħok xi tibdil jew xi strutturar?***

Peress li l-Azzjoni mhix limitata għal xi tip ta' ħidma partikulari – jew eskluża minn xi qasam – irrid li nanalizzaw sew il-bżonnijiet fil-Knisja u s-soċjetà biex niffokaw fuq kif nistgħu ngħinu biex "insolvuhom". Anki jekk ilu xi snin jiġi studjat statut ġdid, ma tantx nara bidliet fl-istruttura minnha nfisha: li rridu nibdlu hi l-mentalità li l-inqas riskjuż hu li ma naddattawx għal sitwazzjonijiet ġodda! Allura rrid inwassal dal-messaġġ, anki fil-laqgħat li bdejt mad-diriġenti, assistenti u membri.

*Passiġġata Biblika - 68*

*"Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu fil-paċi. Ammen."*

# Talb għall-Għeżież Mejtin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *Il-Qawmien mill-Mewt*

L-insara jiċċelebraw ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt fil-misteru tal-Għid. Dan il-misteru hu uniku u jisboq kull ħsieb ieħor li nsibu fil-Bibbja. Fil-ħsieb tat-Testment il-Qadim tal-bidu nsibu li mal-mewt il-ħajja tal-bniedem tiġi fit-tmiem tagħha kemm fir-relazzjoni tagħha ma' Alla u kemm mal-oħrajn. Huwa Alla biss li jgħix għal dejjem. Huwa fil-Ġudajiżmu tardiv (c.200 Q.K.) li nibdew niltaqgħu mal-idea tal-qawmien mill-mewt għall-premju jew għall-kastig. Fi żmien Kristu nsibu l-Fariżej li kienu jemmnu fl-immortalità tar-ruħ u l-qawmien tal-ġisem fl-aħħar taż-żminijiet waqt li s-Sadduċej li kienu jħaddnu biss l-immortalità tar-ruħ bħall-Griegi, ma kinux jemmnu li l-ġisem jerġa' jqum fl-aħħar taż-żminijiet.

### *Talb għall-Mejtin*

Il-qawwa tat-talb għall-mejtin titkellem dwaru anke l-Bibbja, fejn fit-Tieni Ktieb tal-Makkabej 12:46, naraw il-qawwa tal-offerta u t-talb sabiex ipattu għad-dnubiet tal-mejtin u taqlgħalhom il-maħfra u l-purifikazzjoni: "Għalhekk (Ġuda l-Makkabew) offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom." Missirijiet il-Knisja fosthom San Ġwann Kriżostmu fl-omelija tiegħu dwar l-Ewwel Ittra lill-Korintin jitkellem dwar li għandna noffru ukoll talb għall-mejtin: "Ħa ngħinuhom u niftakru fihom. Jekk ulied Ġob kienu jitnaddfu mit-tniġġis tagħhom bis-sagrifiċċju ta' missierhom, għaliex għandna naħsbu li l-offerti tagħna għall-mejtin mhux se jiksbulhom xi faraġ? Ma noqogħdux naħsbuha biex ngħinu lil dawk li ġa telqu u noffru talb għalihom." (ara PG 61, 594-595). Anke s-salmi jitkellmu minn din ir-realtà ta' wara l-mewt, per eżempju s-salm eċċezzjonali 130, *'De Profundis'* kif ukoll inkomplu nsibu siltiet importanti mill-Bibbja dwar il-ħajja ta' dejjem speċjalment fil-Ġdid Testment li hu l-bxara t-tajba tal-Qawmien ta' Kristu: "li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam it-tielet jum skont il-Kitba, u deher lil Kefa, mbagħad lit-Tnax. Imbagħad deher lil aktar minn ħames mija aħwa f'daqqa, li ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum, oħrajn mietu. Imbagħad deher lil Ġakbu, mbagħad lill-appostli kollha. Fl-aħħarnett deher lili, bħala rimi" (1 Kor 15:3-7); "Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt in-niggieża tiegħek?" (1 Kor 15:55).

### *It-Tagħlim tal-Knisja*

Santu Wistin fir-4 seklu W.K. jitkellem b'mod ċar dwar l-importanza tat-talb għall-għeżież mejtin fil-purgatorju speċjalment permezz tal-offerta tas-sagrifiċċju tal-quddiesa (ara Agostino, Manualetto, 29,109-110). L-Ittra enċiklika *Spe Salvi* tal-Papa Benedittu XVI fin-numru 41 titkellem dwar jum il-ħaqq u ssemmi l-parabbola tal-għani u Lazzru kif insibu fl-evanġelju ta' Luqa 16:19-31. L-Ittra tkompli tgħallem dwar is-salvazzjoni tal-bniedem u għalhekk il-bniedem għandu jittama f'din it-tama ċerta ta' salvazzjoni minn Ġesù Kristu. Il-Papa fuq kollox jagħtina tagħlim ċar dwar in-novissmi: il-mewt, l-infern u l-ġenna, infatti l-ittra ssemmi l-purgatorju, l-infern u l-ġenna fin-numru 45. Turi fuq kollox l-importanza tat-talb għall-mejtin kif jurina ukoll l-Antik Testment fejn wieħed jiltaqa' mal-ħsieb li jista' jgħin lill-mejtin bit-talb kif naraw fi'2 Makk 12:38-45.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fin-numru 1030, jitkellem ċar dwar il-verità tal-purgatorju jew tat-tisfija tal-aħħar: "Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għal kollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni, biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema."

### *Konklużjoni*

Jeżistu diversi kotba tajbin li jgħallmu dan it-tagħlim importanti tal-Knisja. Nissuġġerixxi li l-parroċċi kollha jaħdmu u jagħmlu dan f'dan ix-xahar partikulari ta' Novembru u jħeġġu dan it-talb, fl-għaqdiet reliġjużi, fi gruppi ta' talb u għal dawk li jagħmlu l-adorazzjoni. Fuq kollox dan għandu jsir fl-animazzjoni tat-talb tal-pellegrinaġġi lejn iċ-ċimiterji, li l-parroċċi tagħna jorganizzaw f'Jum l-Erwieħ Kollha jew f'xi Ħadd ta' Novembru, kif ukoll fit-talb jew fil-velji li jsiru fiċ-ċimiterji tagħna fix-xahar tal-mejtin. "Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu fil-paċi. Ammen."

### *Biblijografija*

DE BOER, M.C., "The defeat of Death. Apocalyptic Eschatology in 1 Corinthians 15 and Romans 5", in *JSNTSS 22* (1998) 93-140.

MEYNET, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques*, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

LIETZMANN, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.

SANDERS, J.T., "Wisdom, Theodicy, Death, and the Evolution of Intellectual Traditions", *Journal for the Study of Judaism* 36/3 (2005a) 263-277.

SEGAL, A.F., "Paul's Thinking about Resurrection in its Jewish context", *NTS* 44 (1998) 400-419.

APPREZZAMENT

# Dun Ġwann Grech

1923 - 2011



Dun Ġwann Grech twieled ix-Xewkija, Għawdex, fid-19 ta'Lulju 1923. Wara li attenda l-Iskola Primarja tax-Xewkija, huwa kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat, Għawdex. Hu ħass li l-Mulej kien qiegħed isejjaħlu għas-saċerdozju; għalhekk wara l-kors ta' seba' snin fis-Seminarju hu kien ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Giuseppe Pace, fil-Katidral ta' Għawdex, fit-22 ta' Mejju 1948. Dun Ġwann qaddes l-Ewwel Quddiesa sollenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija fl-20 ta' Ġunju 1948.

Bħala Viċi Parroku f'raħal twelidu, minbarra ċ-ċelebrazzjoni kuljum tal-Quddiesa, Dun Ġwann kien jagħti wkoll servizzi oħra fosthom , il-Qrar, ir-reċita tar-Rużarju u l-Barka Sagramentali kull filgħaxija, sigħat tal-Adorazzjoni u kura spiritwali tal-morda u l-moribondi. Għal diversi snin serva bħala Direttur Spiritwali tal-Għaqdiet Reliġjużi, il-Leġjun ta' Marija u l-Azzjoni Kattolika, kif ukoll tal-Banda "Il-Prekursur". Kien ukoll għalliem fl-Iskola Sekondarja Ninu Cremona fir-Rabat, Għawdex, għal aktar minn għoxrin sena.

Il-ħidma saċerdotali tiegħu ma kinitx limitata għall-Parroċċa tax-Xewkija. Fil-fatt għal aktar minn tletin sena Dun Ġwann kien konfessur regolari fil-Parroċċa tal-Munxar, għadda snin twal fl-Italja, f'parroċċi fi Prato u Ruma, kif ukoll, għal bosta snin huwa kien imur bħala *supply priest* l-Ingilterra, il-Kanada, l-Istati Uniti u l-Awstralja.

Dun Ġwann kellu ħafna għal qalbu lil raħal twelidu, ix-Xewkija, u l-Patrun tiegħu San Ġwann Battista. Fil-fatt hu kien wieħed minn ta' quddiem biex jipperswadi lill-Isqof Giuseppe Pace sabiex jagħti l-permessi meħtieġa biex tinbena l-Knisja Rotunda. Flimkien mal-qassisin l-oħra tal-Parroċċa huwa kien iħabrek biex jiġbor il-fondi kemm kull ġimgħa, fil-ġabra "tax-xelin" kull familja, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' fieri, ġiti u attivitajiet oħra. Il-ħolma tiegħu u tax-Xewkin kollha saret realtà meta tqegħdet l-Ewwel Ġebla tal-Knisja Rotunda fl-1952 u t-tqegħid tas-salib tal-Koppla fl-1970. Meta mbagħad, fl-1972, laħaq bħala Arċipriet Dun Karm Mercieca, huwa flimkien mal-qassisin l-oħra tal-Parroċċa, għenu biex jitwettqu l-proġetti kbar u numerużi fl-intern tar-Rotunda, fosthom il-prospettivi, il-paviment tal-irħam, il-presbiterju u l-artal maġġur tal-irħam, il-konfessjonarji, pitturi u l-kumplament. Fl-aħħar proġett kbir tas-sett tal-qniepen ġodda, Dun Ġwann ta s-sehem tiegħu ukoll bħal kull Xewki ieħor.

Dun Ġwann kien jieħu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-festa tal-Patrun tar-raħal, San Ġwann Battista. Kien jinteressa ruħu fl-armar u l-marċi u kien jagħraf jagħti tifsira nisranija lill-festa ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa refa' s-salib tal-mard b'rassenjazzjoni kbira. Minkejja li saħħtu ddgħajfet ħafna u l-vista tilifha għal kollox, huwa xorta waħda baqa' sal-aħħar jiċċelebra l-Quddiesa, mgħejjun minn saċerdot ieħor. Wara xi jiem rikoverat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ruħu ttajret lejn il-Ħallieq nhar il-21 ta' Ottubru 2011, fl-età ta 88 sena, biex jieħu minn għandu l-premju tal-ħidma vasta tiegħu fil-Għalqa tal-Mulej.

Il-poplu tax-Xewkija wera l-apprezzament tiegħu lejn Dun Ġwann Grech u x-xogħol li wettaq bħala saċerdot billi attenda b'mod numeruż għall-funeral tiegħu li fih ħadet sehem ukoll il-Banda "Il-Prekursur". Irroddu ħajr lil Alla li għoġbu jagħtina lil Dun Ġwann Grech li għal 63 sena qeda l-ministeru saċerdotali għall-glorja ta' Alla u għas-servizz tal-erwieħ. Agħtih O Mulej, il-mistrieħ ta' Dejjem.

*Bennie Mercieca*

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (39)* *minn* JOHN CREMONA



# *Għall-kaċċa fil-Ġgantija*

Ix-Xagħra li sa ftit tas-snin ilu kienet magħrufa bl-isem ta' Casal Caccia kienet post tajjeb ħafna għall-kaċċa. Illum bil-bini kollu li tela' ma' kullimkien forsi wieħed ftit jista' jimmaġina post bħal dan għall-kaċċa imma madwar mija u sebgħin sena ilu meta saret l-inċiżjoni li ser nitkellmu dwarha, s-sitwazzjoni żgur li kienet ħafna differenti minn dik tal-lum.

Artisti bħal Jean Houel kif ukoll Charles de Brocktorff li ħallewlna tpinġijiet importanti ħafna tal-Ġgantija, t-tnejn li huma fit-tpinġijiet tagħhom juru kaċċaturi f'diversi perjodi tas-sena għall-kaċċa ġewwa t-tempji tal-Ġgantija.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu hija pjuttost rari u sal-lum għadni ma sirtx naf f'liema ktieb ġiet ippubblikata. X'aktarx li din l-inċiżjoni ġiet ippubblikata f' '*The Sporting Magazine*' li kien joħroġ bejn l-1792 u l-1870 minn J. Pittman. Fil-fatt l-inċiżjoni ġiet ippubblikata minn J. Pittman ta' Warwick Square, Londra. Dan jista' jispjega l-fatt għalfejn din l-inċiżjoni sabiħa mhix daqstant magħrufa. L-inċiżjoni li hija magħmula minn pjanċa tal-azzar turi raġel għall-kaċċa tas-summien eżattament quddiem il-faċċata tat-tempju l-kbir.

Mid-dettalji li jidhru fl-inċiżjoni nistgħu niksbu ħafna tagħrif. L-ewwel nett x'aktarx li l-kaċċatur huwa bniedem barrani għax l-ilbies tiegħu huwa differenti minn dak ta' l-Għawdxin li jidhru fit-tpinġijiet ta' Brocktorff. Min huwa dilettant tal-kaċċa jaf li l-aħjar żmien għas-summien huwa bejn l-20 ta' Marzu u l-20 t'April għalkemm is-summien jidher ukoll minn Settembru sa nofs Novembru. Is-summiena ssibha l-aktar fil-wita, fl-andrijiet u fir-raba', fil-ġnub ta' għoljiet u għalhekk il-wesgħa ta' quddiem it-tempji tal-Ġgantija hija post ideali fejn kienet iżżomm is-summiena. Kemm mill-ilbies tar-raġel li jidher fl-inċiżjoni kif ukoll mill-ħaxix għoli ta' quddiem it-tempju nistgħu nikkonkludu li din l-inċiżjoni turi xi żmien bejn Marzu u April. Barra minn hekk peress li fir-rebbiegħa s-summiena tpassi bil-lejl, mill-inċiżjoni nistgħu nittendu li x-xena tpittret ftit qabel inżul ix-xemx għaliex jidher id-dawl fix-xefaq fin-naħa tal-punent tat-tempju. Fl-inċiżjoni naraw li l-kaċċatur huwa akkumpanjat minn żewġt iklieb li huma meħtieġa fil-kaċċa tas-summien biex itajru lis-summien li jkun moħbi fil-ħaxix. Fuq l-għatba tat-tempju l-kbir jidher raġel ieħor qiegħed jikkarga l-ixkubetta. Ma rridux ninsew li dak iż-żmien l-ixkubetta kienet taż-żniet u kien ikollha tir wieħed. Għalhekk kien importanti li biex wieħed jispara spiss ried ikollu aktar minn xkubetta waħda u xi ħadd li jikkargalu l-ixkubetti.

L-identità tal-artist li għamel din il-veduta hija xi ftit konfuża. L-inċiżjoni hija ffirmata minn J. Bateman. Għalkemm kien hemm diversi artisti Ingliżi b'dan l-isem, x'aktarx li l-artist huwa James Bateman li għex bejn l-1814 u l-1848. L-inċiżur huwa x'aktarx John Wykeham Archer li għex bejn l-1808 u l-1864. L-inċiżjoni hija ntitolata '*Quail shooting near the Torre del Gigante (Giants Tower) Gozo*' u għandha qisien ta' 98mm x 140mm.

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 197

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2011

# Tneħħija ta' mbarazz u terrapien

**Id-dokument numru mija sebgħa u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex tikkonsisti f'Bandu jew ordni biex ma jitħalliex imbarazz u terrapien quddiem id-djar fiċ-Ċittadella u fir-Rabat. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 48r-v (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 48r-v).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-*Bandu*:

*Item ordinano et comandano che tutti quelli che tenino o possedno quovis titulo alcuni tenimenti di casi o casalini tanto dentro questo Castello, qunato nel Rabbato, e quelli son cascati o cascheranno per li stradi pubblici, debbano far termino di giorni otto quelli nittigare o far nettigare detti stradi pubblici et farli netti et espediti etiam d'altra mundicia o material cascata da detti casalini sotto pena di pagare sei Tarì, la mita all'Università del Gozzo, et l'altra mita al Mastro di Piazza, et che il mastro di Piazza sia obbligato quelli fare slaciare et nettigiare dette stade a dispese del patrone.*



Dan hu *Bandu* ieħor maħruġ fl-1 ta' Settembru 1611 – erba' mit sena ilu – mill-ġurati Marcello Burlo, Salvo Refalo, u Pietro Gambino. Il-*Bandu* hu indirizzat lil dawk kollha li kienu sidien jew kellhom kwalunkwe titlu fuq id-djar jew mezzanini, kemm fiċ-Ċittadella kif ukoll fir-Rabat, biex ma jħallux imbarazz u terrapien quddiem il-proprjetà tagħhom.

Għawdex fis-sena 1611 kien għadu ma stejqirx mid-daqqa mortali li kien ħa fis-sena 1551 meta ħamest elef Għawdxi ittieħdu fil-jasar. Uħud minn dawk li ħarbu qabel l-Assedju ta' dik is-sena, u oħrajn li kienu mifdija mill-jasar, reġgħu lura Għawdex. Iżda l-popolazzjoni kienet għadha ma laħqitx iċ-ċifri ta' qabel. Hu kkalkulat li dik il-ħabta kienet xi ħaġa 'l fuq minn elf ruħ.

Minħabba f'hekk kien hemm numru konsiderevoli ta' djar u mezzanini, fiċ-Ċittadella u fir-Rabat, li kienu f'qagħda ħażina. Kien jiġri li, meta tagħmel xi maltempata u ħafna xita, iċċiedi xi biċċa binja u t-triq timtela bit-terrapien. Kemm-il darba dan kien jitħalla fin-nofs u joħloq tfixkil u periklu lil min ikun irid igħaddi minn dawk l-inħawi. Mhux hekk biss, kien jiġri li uħud jieħdu l-okkażjoni tal-borġ terrapien biex jitfgħu l-imbarazz u ż-żibel tagħhom fuqu. Veru, kif jingħad, m'hemm xejn ġdid taħt ix-xemx.

Dan il-Bandu qiegħed jordna lill-proprjetarji li m'għandhomx iħallu terrapien jew imbarazz ieħor jaqa' jew jinġabar fit-triq quddiem il-proprjetà tagħhom. Meta jiġri hekk, kellhom fi żmien tmint ijiem jaraw x'jagħmlu ħalli jiżgumbraw it-triq u jnaddfu warajhom. Min, wara li tinġibidlu l-attenzjoni fuq hekk, jibqa' ma jagħmel xejn kien jeħel multa ta' sitt irbgħajja. Nofs din is-somma kienet għall-istess Università, u n-nofs l-ieħor kien għall-Mastru tal-Pjazza.

Il-Mastru tal-Pjazza kien bniedem responsabbli miż-żamma ġenerali tal-ordni pubbliku. Id-dejma li tgħasses il-plajja tal-gżira biex ma tħallix inżul tal-furbani kienet taħt l-awtorità tiegħu. Kien ukoll responsabbli għaż-żamma tal-liġi u għalhekk ried jara li dan il-Bandu tal-Università jiġi esegwit.

Jekk il-proprjetarji ma jnaddfux it-terrapien u l-imbarazz huma, il-Mastru tal-Pjazza kellu s-setgħa jqabbad in-nies tiegħu ħalli jagħmlu hekk. Naturalment kien jibgħat il-kont tat-tindif lill-proprjetarji nnifishom. Kienet tiġihom għolja l-biċċa, għax barra li jħallsu l-multa, kellhom iħallsu wkoll tal-ispejjeż tat-tindif.

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Patri Ġiġi Camilleri S.J. Missjunarju ta' Talenti (2)

Patri Ġiġi kellu bosta kwalitajiet sbieħ li ħaddimhom għas-saltna ta' Alla.

Kien iħobb ħafna l-ambjent tant li kiteb: "Wara l-ħmieġ u l-istorbju ta' Kalkutta, dik l-arja friska u safja tal-irħula tagħna mxerrda mal-kampanja arjuża kienet iġġiegħlek tisthajjel li konna fil-ġenna tal-art" (Lill-Ħbiebna, Ottubru 1997 p. 206). Kien iħobb l-annimali u l-agrikultura u ra fihom mezz biex jgħin lill-foqra tal-Indja. Għalhekk beda farm tat-tiġieġ u l-majjali u f'kull parroċċa kien ikollu l-baqar. F'ħafna rħula għen lin-nies iħaffru bjar biex ikollhom ilma x'jixorbu u jsaqqu l-għelieqi. Fuq kollox din kienet parti mill-missjoni tiegħu f'pajjiż fejn hemm ħafna faqar. Il-Knisja minn dejjem għenet lill-bniedem mhux biss fuq livell spiritwali iżda anki fuq livell materjali.

Fil-ġnien li kien hemm fid-dar tal-isqof kien ikabbar ħxejjex għall-mejda u t-tisjir. Fl-Indja kien iħobb jagħmel ġbejniet friski jew tal-bżar. U b'hekk f'dan il-pajjiż imbiegħed kien irnexxielu joħloq għalqa Għawdxija bi ħxejjex u ħwawar li kont issibhom biss f'Għawdex. Mhux biss kien irabbi l-fniek u t-tiġieġ iżda kien jaf isajjarhom bi stil Malti. Dan il-passatemp ma tellifx il-ħidma missjunarja tiegħu jiġifieri li jaqdi d-doveri tiegħu ta' kappillan, amministratur u anki Vigarju tal-Isqof tal-post. Meta kien Manresa kien jagħmel 'Tikwisa' li kien iħawwar tajjeb u li kienet trid ix-xogħol biex tagħmilha. Għar-reliġjuż kull ħidma li hija magħmula taħt ubbidjenza jew approvata mis-Superjuri tiegħu għandha valur. U nitgħallmu minn Patri Ġiġi li għandna nsibu passatempi mhux biss li jserrħuna iżda li jkunu utli għal ta' madwarna wkoll. Fuq kollox jgħallimna li x-xogħol manwali mhux degradanti għall-bniedem iżda meta magħmul "bi Kristu, fi Kristu u ma' Kristu" għandu valur kbir.

Patri Ġiġi kien ukoll kittieb. Kellu pinna ħafifa u mexxejja filwaqt li tiehu gost taqra l-artikli li kien jikteb. Kien jikteb fuq ir-Rivista "Lill-Ħbiebna" fuq l-esperjenzi tiegħu fl-Indja u fir-rivista "ix-Xagħra". Fiha kiteb sensiela ta' artikli "Dawn Qdewna" artikli li kien jiddedika lil dawk li fis-snin mgħoddija b'xogħolhom kienu jaqdu l-bżonnijiet kollha tan-nies tar-raħal tax-Xagħra. Fl-1999 l-*Lumen Christi Publications* ippubblikat "Il-Mixja Spiritwali ta' Dom Lorenzo Scupoli" li t-traduzzjoni tiegħu kienet xogħol ta' Patri Ġiġi. Min jaf kemm-il siegħa għadda fuq din it-traduzzjoni biex il-qarrej Malti jkun jista' jaqraha b'Malti mexxej. Meta kien Għawdex beda jikteb l-awtobiografija tiegħu iżda din sa issa ma ġietx ippubblikata.

Meta kien għadu l-Indja u hawn Għawdex kont tarah bit-tnalja f'idu jagħmel il-kuruni. Dan ma kienx xi passatemp imma sinjal ħaj tal-imħabba kbira li kellu lejn il-Verġni Marija. Ħafna kienu jfittxu l-kuruni li kien jagħmel.

Fuq kollox ma nistgħux nikkonkludu minn dan li għedna li Patri Ġiġi kien mehdi b'hekk biss. Kien missjunarju li għamel ħafna ġid spiritwali. Kellu qalb ġeneruża ħafna. Min jaf kemm nies marru jitolbuh għajnuna jew ma kellhomx biex jixtru l-mediċina jew xi bżonn kbir ieħor. U Patri Ġiġi dejjem kien jilqagħhom b'idejh miftuħa, jaqdihom u jibgħathom lura bil-barka ta' Alla.

Patri Ġiġi kien jaf jirbaħ il-qlub ta' kulħadd bit-tjubija ta' qalbu, iċ-ċajt fi kliemu u s-sempliċità ta' ruħ kienet tiġbed lil kulmin jiltaqa' miegħu.

L-isbaħ deskrizzjoni tal-ħajja sabiħa ta' Patri Ġiġi nistgħu niġbruha fil-kliem ta' San Pawl lill-Korintin: "Sirt dgħajjef mad-dgħajfin, biex nirbaħ id-dgħajfin. Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd. Nagħmel dan kollu minħabba l-Vanġelu biex ikolli sehem minnu (1 Kor 9, 22-23).

**Angelo Xuereb**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Għawdex Online (33)



# Kappelli Għawdxin Online (17) - Il-Kappella ta' Lourdes -



riċerka u kitba ta' **SALVU FELICE PACE**, sfelicep@go.net.mt

L-Ingliżi għandhom l-espressjoni 'picture postcard' biex jiddeskrivu post ta' sbuħija u ħlewwa partikulari. Id-daħla fil-port tal-Imġarr f'Għawdex bil-kappella ta' stil neogotiku tal-Madonna ta' Lourdes jixirqilha din id-deskrizzjoni ta' kartolina. Fiha l-perspettiva, il-kuntrasti tal-lwien tal-ġebel u tal-liedna, l-arkitettura delikata, il-baħar u l-ajru.

Din il-kappella hija r-riżultat tat-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna bit-titlu ta' Lourdes fid-dinja Kattolika fis-seklu 19. Id-djoċesi ta' Għawdex għarfet ir-rikkezza ta' din id-devozzjoni u kien l-Isqof Pietru Pace li kien għażel l-għar lokat fis-sies tal-Kortin biex iniedi din id-devozzjoni billi poġġa statwa tal-Madonna ta' Lourdes f'dak l-għar li għandu xebh mal-għar ta' Massabielle. Jingħad li f'dan il-post kien hemm xbieha tal-Madonna bit-titlu Kewkba tal-Baħar. L-istatwa kienet ġiet imbierka mill-istess isqof nhar it-3 ta' Ġunju 1883. Iżda l-mira tal-isqof kienet li f'dak il-post jinbena santwarju lill-Madonna.



L-ewwel ġebla tas-santwarju, li simbolikament kienet inġarret minn Dr. Fortunato Mizzi u s-Sur Evaristu Castaldi, tqiegħdet nhar l-10 ta' Ġunju 1888. Ix-xogħol mexa b'ċertu ħeffa tant li kien mitmum fl-1893 u l-kappella kienet ġiet imbierka nhar is-27 ta' Awwissu mill-Isqof Fra Giovanni Maria Camilleri, is-suċċessur tal-Isqof Pietru Pace li kien ġie trasferit Malta bħala Arċisqof. Dan it-tagħrif u ħafna iżjed issibu f'http://kappellimaltin.com/html/lourdesgozo.html

L-amministrazzjoni ta' din is-sit għażlu li jippubblikaw artiklu dwar dan is-santwarju Marjan li kien inkiteb mill-mibki u qatt minsi Patri Akkursju Xerri OFM (1915-1968) madwar 50 sena ilu. Għażla għaqlija għax 'il-kitba hi ta' min jaqraha u jippreservaha bħala parti mill-istorja ta' dan is-Santwarju f'Għawdex.' Issa, wara li żort din is-sit u qrajt dan l-artiklu, meta nerġa' nżur din il-ġojjell ta' kappella żgur li ser napprezzaha aktar.

Fis-sit issibu numru ta' ritratti li tassew juru s-sbuħija ta' din il-kappella kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Il-favorit tiegħi huwa dak tas-santwarju bin-niċċa tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes taħtu. Hemm ukoll ritratti storiċi u oħrajn li juru l-bidliet li seħħew fil-Port tal-Imġarr.

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



TIEQA FUQ L-AMBJENT (32)

# IL-ĠEBLA TAL-ĠENERAL



*(Dan huwa l-ewwel artiklu minn sensiela dwar siti ta' importanza ekoloġika f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **JOE SULTANA**

Għawdex, it-tieni l-akbar gżira mill-arċipelagu Malti, fih medda ta' art li tlaħħaq madwar 67 kilometru, bl-għola parti f'Ta' Dbieġi, b'għoli ta' 191 metru. Gżiritna hija msawra b'topografija interessanti, b'numru ta' għoljiet li għandhom quċċata ċatta, mħaddnin b'sinet ta' raba' mtarraġ li jpendel għal ġol-widien.

F'Għawdex jinstabu diversi postijiet ta' importanza naturali, mogħnija b'numru ta' speċi ta' flora u fawna, li flimkien mal-ambjent tagħhom, joħolqu biodiversità interessanti. Fost dawn insibu l-**Ġebla tal-Ġeneral**, jew kif inhi wkoll magħrufa bħala **Ħaġret il-Ġeneral**. Fis-sekli sittax u sbatax Għawdex kien akkwista fama internazzjonali minħabba **Għerq Sinjur**, għax f'dawk iż-żminijiet kien maħsub li fid-dinja kollha din il-pjanta tinstab fuq dan l-iskoll biss. Barra minn dan kienu jaħsbu wkoll li din ix-xitla ta' dehra stramba, kellha qawwa mediċinali u



Gremxula tal-Ġebla tal-Ġeneral

maġika.Mhux l-iskop ta' dan l-artiklu li nikteb dwar l-istorja interessanti ta' dan l-iskoll kbir li jinsab fid-Dwejra, iżda l-għan huwa li nagħti tagħrif dwar l-importanza ekoloġika tiegħu.

Il-Ġebla tal-Ġeneral x'aktarx li ġiet iffurmata bħala gżejra meta seħħ kollass kbir tal-art, fejn matul żminijiet twal, l-ilma kien ifforma kaverna kbira ċirkolari taħt l-art, u li wara bosta snin is-saqaf tagħha ċeda. Jekk wieħed iħares mill-ajru fuq l-inħawi tad-Dwejra jara numru ta' kollassi ċirkolari li seħħew b'dan il-mod (*ara r-ritratt tal-Ġebla tal-Ġeneral u l-inħawi ta' madwarha*).

Fil-Gżejjer Maltin l-**Għerq Sinjur** (isem xjentifiku: *Cynomorium coccineum*) jinstab jikber biss rarament fl-irdumijiet ta' Ħad-Dingli,



Għerq Sinjur



Sempreviva ta' Għawdex



fis-sisien faċċata tal-Ġebla tal-Ġeneral u fuq il-Ġebla nfisha, fejn hi l-iżjed komuni. Din il-pjanta hija parassitali tgħix fuq l-għeruq ta' arbuxelli mlaħħmin li jikbru qrib il-baħar, bħal ma jikber il-budebbus fuq l-għeruq tal-ful fir-raba'. Minħabba l-għamla stramba tagħha għall-bidu kienu jaħsbuha xi fungu, għalhekk bl-Ingliż l-iskoll jissejjaħ *Fungus Rock*. Iżda fil-fatt din hija pjanta li twarrad. Il-parti ta' fuq tkun miksiha bi fjuri rqaq ħomor fil-vjola skur, filwaqt li fil-parti t'isfel ikollha weraq mhux żvilùppat.

Pjanta oħra interessanti li tikber fuq il-Ġebla tal-Ġeneral hija s-**Sempreviva ta' Għawdex** (isem xjentifiku: *Helichrysium melitense*). Din hija pjanta endemika tad-Dwejra u tal-Ġebla tal-Ġeneral; jiġifieri ma tinstab tikber imkien iżjed, la fil-Gżejjer Maltin u lanqas f'xi pajjiż ieħor fid-dinja. Din il-pjanta tikber forma ta' arbuxell żgħir u togħla sa madwar metru. Għandha weraq b'kisja pil folt, tawwali u bajdani. Twarrad f'Mejju u Ġunju u l-fjuri ikunu sofor jgħajtu.

Fuq il-gżira tinstab ukoll razza endemika tal-**Gremxula ta' Malta**. Fil-Gżejjer Maltin insibu erba' razez. Ir-razza li tinstab fuq il-Ġebla tal-Ġeneral hija xjentifikament magħrufa bħala *Podarcis filfolensis generalensis*. Tixbaħ lir-razez l-oħra tal-gremxul fl-għamla, iżda tkun ħamranija minn taħt u kaħlanija fil-ġnub. Din ir-razza kienet deskritta għall-ewwel darba fl-1914 minn naturalista Malti Giovanni Gulia. Fuq il-Ġebla tal-Ġeneral bejtu wkoll diversi għasafar fosthom iċ-Ċiefa u l-Merill.

Minħabba l-biodiversità speċjali li tinstab fuqha, il-Ġebla tal-Ġeneral kienet ġiet iddikjarata riserva naturali fl-1992 b'regolamenti li tħabbru fil-Gazzetta tal-Gvern numru 15,560 tal-14 ta' Frar 1992. Il-flora u l-fawna li jinstabu fir-riserva huma kollha mħarsa bil-liġi. Ir-regolamenti jipprojbixxu wkoll li wieħed jixxabbat u jitla' fuq il-gżejra mingħajr permess. Il-permess jingħata biss għall-għan ta' studju xjentifiku.

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7
Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm


Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!

*Esperjenzi*

# *Żgħażagħ Għawdxin f'Napli u fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid 2011*



Li tgħid li Napli 2011 hi esperjenza li mhux ser ninsa hija efwemiżmu. Hija esperjenza aktar minn hekk, li tolqtok minn ġewwa, li tibdlek. Napoli 2011 hija a *life changing experience.*

L-esperjenza ta' volontarjat mat-tfal ġewwa Napli ilha tiġi organizzata minn ĊAMYouths, fergħa fi ħdan l-MSSP, għal dawn l-aħħar 9 snin. Din tikkonsisti fi grupp ta' madwar 20 żagħżugħ u żagħżugħa li jgħixu għal xahar ġo kunvent tas-sorijiet ta' Mother Theresa u jorganizzaw *summer camp* għal tfal bejn 5 u 12-il sena. Il-preparamenti jibdew minn Malta minn ġimgħat qabel fejn isiru diversi laqgħat ta' preparazzjoni, *team-building* u *fund-raising activities.* Ġewwa Napli, it-tfal u l-voluntiera jkunu maqsumin f'erba' gruppi skont l-etajiet. It-tfal jaslu l-kunvent għat-8.30am. Issir *assembly* fejn konna norganizzaw xi logħob u nkantaw innijiet poplari u l-*grido* ta' kull grupp. Imbagħad nitilgħu fil-kmamar u nagħmlu xi *crafts.* F'nofsinhar nieklu flimkien mat-tfal l-ikel li jkunu preparawlna l-kokijiet voluntiera Taljani. Wara, ħasil tal-platti u kulħadd jilgħab flimkien ġewwa l-ġnien. Għas-2.30pm it-tfal imorru lura d-dar tagħhom. Il-ġurnata ma kinitx tispiċċa hemm għalina l-voluntiera għax kien ikun fadal preparazzjoni għall-attivitajiet tal-għada, ħasil, tindif, laqgħat fil-gruppi u dak kollu li jkun hemm bżonn isir. Darbtejn fil-ġimgħa konna nieħdu t-tfal il-baħar, li kien ikun ifisser vjaġġ ta' siegħa bil-kowċ sabiex tasal u siegħa oħra lura, imma kienet tkun *worth it* għax it-tfal vera jieħdu gost.

It-tfal li ħdimna magħhom ma kinux materjalment foqra imma l-faqar soċjali kien evidenti ħafna. L-ambjent diffiċli li jitrabbew fih – problemi soċjali, nuqqas ta' xogħol, problemi familjari; iġiegħlhom jikbru malajr ħafna u ma tantx igawdu t-tfulija tagħhom. Għal ftit żmien aħna l-voluntiera konna nippruvaw nagħtuhom ambjent san fejn jistgħu jgħixu tfulithom u ħafna mħabba. Mhux faċli għax ħafna drabi t-tfal ikollhom karattru diffiċli frott l-esperjenza tagħhom tal-ħajja ta' kuljum, u għal bidu diffiċli jafdawk. Imma wara ftit isiru jħobbuk u ma jkunux iridu jħalluk titlaq. Il-*bond* li tibni magħhom f'dan ix-xahar tkun qawwija ħafna u din tħalli impatt qawwi fuqek.



L-esperjenza hija waħda li tibdlek għax toħorġok minn ġol-qoxra tiegħek u ttik perspettiva oħra tal-ħajja. Tul dak ix-xahar iċ-ċentru ta' ħajtek ma tibqax int imma jsiru t-tfal, il- voluntiera l-oħra, l-esperjenza nnifisha. Tiskopri ħafna affarijiet ġodda fik innifsek u tinduna kemm affarijiet li taħseb li ma tgħaddix mingħajrhom mhumiex fil-verità daqshekk importanti. Il-*focus* ta' ħajtek għandhom ikunu affarijiet oħra.

Nirringrazzja lil Alla talli tani ċ-ċans nagħmel din l-esperjenza verament sabiħa u tan-nies kollha li laqqagħni magħhom. Inħeġġeġ lil żgħażagħ oħra biex jippruvaw jagħmlu esperjenzi simili u jesperjenzaw huma stess dan li ppruvajt nispjega jien fil-qosor. Dan hu vera każ ta' "*You have to live it to believe it!*"

*Savio Neville Spiteri*

### *Jum Dinji taż-Żgħażagħ Madrid*

Ġurnata waħda, waqt li kont qiegħda naqra l-*emails,* iltqajt ma' applikazzjoni għal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Dak il-ħin ftakart fl-atmosfera li kien hemm il-*waterfront* meta kien ġie l-Papa Malta u tħajjart napplika u ma jiddispjaċinix.

L-esperjenza tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ bdiet b'ħamest ijiem f'Barċellona fejn hemm kellna d-'Days in Diocese'. F'Barċellona kellna ħafna *free time* fejn stajna nduru postijiet ta' interess. Imma apparti minn hekk, kien il-bidu ta' din l-esperjenza li mhux se ninsa qatt. Tkun għaddejja fit-triq jew fl-*underground* u tara nies bl-istess *tag* tiegħek tad-'Days in Diocese' minn pajjiżi oħra u tibda tkellimhom jew inkella issellmilhom. Xi ħaġa sabiħa ukoll kienet waqt xi vjaġġi bl-*underground* konna naqbdu inkantaw diski tal-knisja u meta konna niltaqgħu ma' xi grupp minn pajjiż ieħor konna naraw insibux diska nafuha u nkantaw flimkien jew vers bil-Malti u vers bil-lingwa tagħhom. F'Barċellona kellna l-ewwel quddiesa fil-*Forum of the Cultures*. Ma stennejtx li ħa nara eluf ta' żgħażagħ f'Barċellona biss. Tara daqshekk żgħażagħ kollha għal quddiesa waħda, insara ta' ġilda differenti u minn diversi partijiet tad-dinja, jaqbdek ferħ u sodisfazzjon li ma tistax tispjegah bil-kliem. Mument ieħor fejn konna l-gruppi kollha ta' Barċellona kien matul fil-quddiesa tal-Ħadd li saret fis-Sagrada Familia – monument arkitettoniku li jiġbed periti mid-dinja kollha biex jammirawh.

Wara erbat ijiem Barċellona, tlaqna għal Madrid fejn seħħet il-qofol ta' din l-esperjenza tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Mill-quddiesa tal-ftuħ fil-Plaza de Cibeles indunajt li Madrid konna ħafna u ħafna iktar żgħażagħ mill-eluf ta' żgħażagħ li ltqajna f'Barċellona. Filgħodu kien ikollna il-katekeżi fil-parroċċa ta' Santa Maria de la Esperanza. Il-katekeżi li smajna aħna kienu tal-Isqof ta' Brooklyn Frank Caggiano, l-Arċisqof ta' Adelaide Philip Wilson, u l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech. Waqt il-katekeżi konna nkunu ma' żgħażagħ mill-Awstralja, l-Amerika, l-Indoneżja, il-Filippini, il-Kenya, il-Kanada,



l-Ingilterra u postijiet oħrajn. Mument sabiħ kien l-istennija għall-merħba tal-Papa Beneditu XVI. Morna xi erba' siegħat qabel ma kellu jiġi l-Papa. Kien hemm atmosfera sabiħa ta' żgħażagħ ikantaw. L-aħħar lejl fi Cuatro Vientos kien il-post li fih stajt b'xi mod tara kważi żewġ miljuni ta' żgħażagħ miġburin fl-istess post kollha qegħdin hemm biex juru l-fidi tagħhom minkejja s-sħana qawwija li kellna. Waqt il-velja, minkejja l-maltempata li qabditna bis-sajjetti u xita bil-qliel, xorta kien hemm dik l-atmosfera tal-ġenn ta' żgħażagħ ikantaw u jitolbu. Din l-esperjenza spiċċat b'quddiesa mal-Papa Benedittu XVI.

Bis-saħħa tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ kabbart il-fidi tiegħi u sirt aktar kburija li jien nisranija kull fejn inkun. Din l-esperjenza għenitni ukoll biex nagħmel ħbieb ġodda u se tibqa' dejjem f'qalbi. Inħeġġeġ żgħażagħ oħra biex opportunitajiet bħal dawn ma jitilfuhomx. Dak il-ferħ li tħoss minkejja n-nuqqas ta' kumditā li jkollok id-dar, m'hawnx prezzu.

*Josianne Bezzina u Antonella Bajada*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*




***Mimdudin***

1 Jekk inti tirċievi din ir-Rivista regolarment, inti tista' tkun hekk (7)
7 Żaqqu ratba u rasu iebsa (5)
8 "Imma" mingħajr "ma" tmexxi l-patti (7)
9 Żanżan" b'vokali mibdula tista' tnigges (6)
11 Il-muntanja fejn l-Appostlu Pietru ried jagħmel tliet għerejjex (5)
13 Qafas ta' strateġija (4)
14 Jaqtgħu l-għatx jekk jagħmlu hekk (7)
15 Ħu ommok (4)
16 M'għandux ħalib u jagħmel il-ġobon (5)
17 Eleganti f'persunthom u mġibthom (6)
21 La vvotaw "le" u lanqas "iva" (7)
22 Antiċipajt b'saqajja fl-art (5)
23 Irbaħt lilu (7)

***Weqfin***

2 Min jeżaġera f'li jgħid u f'li jagħmel (10)
3 F'Għawdex għandna wieħed imsemmi għal Don Bosco (8)
4 Dik sagra tinsab fil-knejjes (4)
5 Hekk ġralhom il-bjar wara ħafna xita (4)
6 Il-mamma tal-verb minn "taħżiż" (4)
9 Min jieħu falza stikka, hekk ikun mar (5)
10 Arranġament skont is-sitwazzjoni (4,6)
12 Isofri (5)
13 Il-gwardjani tal-ordni fis-soċjetà (8)
18 Ma baqagħlux x'jagħmel (4)
19 La l-ħin għamel mela hu hekk (4)
20 Sur twaddablu "k" u jsir frak (4)

**TISLIBA - Novembru 2011**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Post Code ______________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Diċembru 2011. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħ tat-Tisliba Awwissu-Settembru 2011 hu Carmelo Vella, "Natasha", Mġarr Road, Għajnsielem GSM 9013.**

*Mix-Xena Sportiva F'GHAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# Xewkija Tigers jirbħu t-Tazza Indipendenza

*Xewkija Tigers* b'żewġ gowls fl-ewwel taqsima skurjati mill-attakkant John Camilleri, rnexxielhom jirbħu dan l-ewwel unur staġjonali għat-timijiet tal-ewwel diviżjoni. Dan is suċċess tagħhom li wasal wara għaxar snin f'din il-kompetizzjoni, jikkonferma li huma fost il-favoriti għal iktar unuri f'dan l-istaġun. Ir-rebħa tagħhom f'din il-31 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza, kienet meritata għall-fatt li huma kienu aħjar mill-avversarji għal ħafna ħinijiet tal-partita fejn b'iktar attenzjoni mill-attakkanti tagħhom, huma setgħu serrħu rashom mill-ksib ta' dan l-unur qabel it-tisfira finali. *Victoria Hotspurs* minn naħa tagħhom f'din ir-raba' finali konsekuttiva, soffrew mill-aggressività tat-*Tigers* bir-rimonta tagħhom tasal tard fil-partita fejn huma kienu fetħu tamiet ġodda li jistgħu jisfurzaw il-ħin barrani.



Xewkija ma setax kellhom bidu aħjar fejn wara tliet minuti logħob huma fetħu l-iskor meta Rodney Buttigieg daħal fil-kaxxa u mill-pass tiegħu John Camilleri kien pront tefa' ġewwa mal-ewwel. Inkoraġġiti minn dan il-vantaġġ bikri, t-*Tigers* komplew jamministraw fejn fil-31 minuta rduppjaw b'daqqa ta' ras ta' John Camilleri wara kross tajjeb ta' Elton Vella biex kiseb doppjetta personali.

Fit-tieni taqsima, Xewkija reġgħu ħarġu jattakkaw kif ukoll għarfu jikkontrollaw tajjeb l-isforzi Rabtin. Kien fit-42 minuta li *Hotspurs* naqqsu l-iskor bi frikik mit-tul ta' Ryan Grech. Però ftit kien għad fadal ħin li fih *Hotspurs* setgħu almenu jerġgħu jiskurjaw biex jisfurzaw il-ħin barrani, b'Xewkija jagħrfu jikkontrollaw il-vantaġġ minimu tagħhom sal-aħħar tisfira. Fi tmiem il-finali Vincent Grech, *chairman* tal-Kumitat Festi Pubbliċi u Popolari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, assistit minn Paul Galea u George Cini, uffiċjali tal-GFA, ppreżenta t-Tazza Indipendeza lil Joseph Cefai, kaptin ta' *Xewkija Tigers* fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom.

### *Kerċem Ajax jirbħu t-Tazza Sportika tat-Tieni Diviżjoni*

*Kerċem Ajax* b'gowl f'kull taqsima ssuperaw l-isfida denja offruta minn *Munxar Falcons*. Madankollu, r-rebħa tal-*Ajax* kienet meritata fejn l-esperjenza tagħhom għamlet id-differenza f'din il-finali. Munxar minn naħa tagħhom konxji li qed jilgħabu kontra avversarji iktar kwotati minnhom, ma qatgħux qalbhom sakemm sofrew it-tieni gowl mas-siegħa logħob.



Kerċem ċari fl-intenzjonijiet tagħhom li jibdew l-istaġun fuq nota mill-iktar pożittiva kif temmew l-istaġun l-ieħor, ħarġu jamministraw minkejja li bdew isibu ċerta diffikultà jissuperaw lid-difiża organizzata tal-*Falcons*. Iżda fil-21 minuta huma finalment irnexxielhom jiżblukkaw ir-riżultat b'xutt sabiħ minn tarf il-kaxxa ta' Jean Paul Mizzi. Huma komplew jamministraw minkejja li ma mpenjawx lil Spiteri fil-lasti opposti. Tliet minuti mill-intervall Munxar marru viċin id-*draw* iżda t-tentattiv ta' Michael Pace spiċċa fuq il-mimduda.

Għat-tieni taqsima, Munxar ħarġu iktar determinati fejn fit-12-il minuta l-istess Pace reġa' kien nsidjuż bi frikik li spiċċa ftit għoli u fl-20 minuta l-konklużjoni ta' Joseph Mizzi kienet ikklerjata minn fuq il-linja fatali. Madankollu fil-31 minuta l-*Ajax* irnexxielhom jaċċertaw mir-rebħa meta f'azzjoni ta' kontrattakk, Marlon Mamo rnexxielu jikkonkludi ġewwa.

Fi tmiem il-finali Mario Camilleri f'isem Sportika assistit minn Paul Galea u George Cini, uffiċjali tal-GFA, ppreżenta t-Tazza lil Jean Paul Mizzi *captain* ta' *Kerċem Ajax*.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073




Versi ta' Dun Geoffrey G. Attard

# 9. IL-FESTA TA' KRISTU SULTAN





*Tul dax-xahar il-Knisja tfakkar*
*Lil Ġesu' Kristu Sultan*
*Li fil-belt qaddisa daħal*
*Nhar il-jum ta' Ħadd il-Palm.*

*Ta' kull sena fil-korteo*
*Il-miġemgħa lilek tqim*
*Waqt li lilek tistqarr hienja*
*B'Sultan wieħed tal-bnedmin.*

*F'wirja sħiħa l-fidi turi*
*Sew bil-kliem, sew bil-għemil*
*Li saltnatek f'din id-dinja*
*Tfittex tiġi bla tfixkil.*

*O Ġesu' Sultan ta' qlubna*
*Żomm taħt ħarstek lill-Għawdxin*
*Li minn meta semgħu b'ismek*
*Riedu jimxu wrajk f'kull ħin.*









# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Godwin Vella*

## ŻEWĠ GĦERIEN STORIĊI FIR-RAĦAL TA' KERĊEM



Għar Gerduf



Għar Mixta





# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Christmas, Carnival, Easter, etc.
Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!
We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.



Sole agents and distributors for
**Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

*Visit us at:*
**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*
Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**
**www.terryfabricscoltd.com**